# MISTIĊI NISA

Knisja elfejn

sena XXXII nru. 133

lulju – settembru 2020

# Mistiċi Nisa

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Dr Pauline Dimech
**Il-Mistiċiżmu Femminili** 5

Papàs Prof. Martin Zammit
**Nisa Axxeti tad-Deżert** 19

Fr Joseph Ellul OP
**Love of God for God's own sake: The Spiritual Journey of Rābiʿa al-ʾAdawiya** 27

Peter Farrugia
**Inside the Hazelnut: Julian of Norwich and Spiritual Embodiment** 41

Fr Raymond Gatt OP
**Santa Katerina ta' Siena: Il-mara mistika li ħadmet favur soċjetà u Knisja aħjar** 47

Dorianne Buttigieg
**Margery Kempe: Id-Dmugħ tal-Indiema** 57

Dr Tyrone Grima
**Il-mistiċiżmu ta' Simone Weil: it-tfittxija għal Alla fl-esperjenza tal-kenosi** 67

Mariella Catania
**Adrienne von Speyr: tabiba, kittieba u mistika** 77

Fr Kevin Schembri
**Li ma niċħadlu xejn: in-naħa minsija ta' Tereża ta' Kalkutta** 85

L-E.T. Mons. Mario Grech
**Lejn Knisja Mistika** 99

**X'qalu fuq ir-rivista KNISJA 2000** 105

Kontributuri 109

Rivista ta' formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta' duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni
Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Pjazza San Duminku
Rabat RBT 2521
Malta
Telefon: 21 454592

---

Editur: P. Raymond Gatt O.P.
gattrayop@yahoo.com

---

Setting: Joe Cassar
Cover design: Mark Mercieca
Stampat: Printcare, San Ġwann. Tel. 21 497206
Copyright: Pubblikazzjonijiet Dumnikani

*Editorjal*

# Mistiċi Nisa

Fr Raymond Gatt OP

F'Ittra li kien bagħat lin-nisa lejlet ir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-nisa f'Beijing f'Settembru tal-1995, il-Papa Ġwanni Pawlu II kien tkellem fuq '*il-ġenju tan-nisa'*. Huwa kien stqarr:

*"Hi għalhekk tama tiegħi, għeżież ħuti nisa, li intom taħsbu tassew x'jiġifieri l-'ġenju tan-nisa', mhux biss biex taraw f'dawn it-tliet kelmiet parti speċjali tal-pjan t'Alla li jrid jiġi aċċettat u apprezzat, imma wkoll biex dan il-ġenju jidher aħjar fil-ħajja tas-soċjetà kollha kemm hi, u fil-ħajja tal-Knisja wkoll".*[1]

It-terminu *'ġenju tan-nisa'*, Ġwanni Pawlu II aktarx li ssellfu mingħand Tereża Benedetta tas-Salib magħrufa bħala Edith Stein, soru Karmelitana Skalza li ħalliet ħajjitha fil-kamp tal-konċentrament f'Auschwitz fl-1942.[2] Fil-kitba tagħha fuq il-vokazzjoni tan-nisa hija tiddeskrivi l-ġenju femminili bħala dak li jimmarka l-kapaċità tan-nisa li jfittxu li jħaddnu fihom dak li hu ħaj, personali u sħiħ.[3] Stein tkompli turi kif il-ġibda naturali fin-nisa biex dawn iħobbu, jgħassu, iħarsu, imantnu u jkabbru hija parti mill-formazzjoni femminili li tagħni l-ħiliet kollha tal-bniedem.[4]

Din il-viżjoni tal- *'ġenju tan-nisa'* komplieha l-Papa Benedittu XVI fis-serje ta' katekeżijiet ta' nhar t'Erbgħa fejn tkellem fuq diversi nisa li matul l-Istorja għamlu isem fil-Knisja u fid-dinja.[5] Fi żminijietna, b'mod mill-aktar prattiku, il-Papa Franġisku afferma kemm il-Knisja Kattolika għandha bżonn ta' iktar nisa fit-tmexxija tagħha billi apponta diversi nisa f'karigi fil-Vatikan.[6]

Il- *'ġenju tan-nisa'* jidher b'mod qawwi fil-fenomenu tal-mistiċiżmu li deher matul l-Istorja, f'kulturi u reliġjonijiet differenti. Id-Divin jikkomunika lilu nnifsu fil-ħolqien u juri lilu nnifsu lill-bniedem li ġie

maħluq fuq xbieha tiegħu. Il-post tal-laqgħa bejn id-divin u l-uman laħaq il-milja tiegħu fl-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla.[7] Fit-twemmin Ġudeo-Kristjan insibu diversi rġiel u nisa li ltaqgħu mad-Divin u ġew maħtufa minnu.[8] Anki f'reliġjonijiet u kulturi oħra nsibu esperjenzi simili għax id-Divin huwa infinit bla ebda restrizzjoni fl-aġir tiegħu.[9]

L-esperjenza mistika tan-nisa, b'mod speċjali dawk li ġejjin mit-twemmin Nisrani, hija mżewqa b'ġesti straordinarji mid-Divin bħalma huma żwiġijiet, stigmati, viżjonijiet, estasi u manifestazzjonijiet oħra. Dawn l-esperjenzi huma mniżżlin fil-kitbiet li ħallewlna dawn il-mistiċi.[10] Dan juri l-patrimonju mistiku kbir li għandha l-Knisja li ġie mgħoddi lilha matul iż-żminijiet. F'dawn il-kitbiet mistiċi d-Divin jidħol f'relazzjoni intima u jirrivela lilu nnifsu ma' nisa li kienu ġejjin minn kull strata tas-soċjetà. Min-naħa tagħhom il-mistiċi nisa jidħlu fi stat ta' stagħġib quddiem is-sbuħija u l-ġibda tad-Divin u b'għożża kbira jingħaqdu f'rabta dejjiema miegħu. Fl-istess ħin id-Divin jistieden lill-mistiċi biex ma jinqatgħux mid-dinja imma għall-kuntrarju litteralment jgħoddsu fil-ħtiġiet ta' ħuthom b'eżempji ta' għotja u mħabba. Dan nistgħu narawh b'mod ċar mill-mod kif għexu ħajjithom in-nisa mistiċi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-proxxmu.

F'din il-ħarġa tar-rivista *Knisja 2000*, għandna firxa wiesgħa ta' mistiċi nisa meħudin minn perjodi differenti, ibda mill-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu, il-Medju Evu u ż-żmien modern. Mal-mistiċi Kristjani ġibna tagħrif ukoll fuq mistika Musulmana.

Għalija din hija l-mitt ħarġa tar-rivista bħala editur u nispera li tkun katina oħra fil-formazzjoni Nisranija. Nixtieq nirringrazzja lill-kontributuri kollha, b'mod speċjali lil Dr Pauline Dimech li għenitni nfassal din il-ħarġa tar-rivista. Niddedikaw dan il-volum lin-nisa kollha ta' rieda tajba li bil-preżenża tagħhom qed ikomplu jsebbħu d-dinja u l-Knisja.

## Noti

1. Ara, Ġwanni Pawlu II, ***Ittra lin-nisa***, 29 ta' Ġunju, 1995, par.10. Din it-tema l-Papa Karol Wojtyla kien diġà tkellem fuqha fl-Ittra Appostolika ***Mulieris Dignitatem*** (Fuq id-Dinjità u l-Vokazzjoni tan-nisa), fl-okkażjoni tas-Sena Marjana, ippubblikata fil-15 ta' Awwissu 1988, ara par.31. Dan kien l-ewwel dokument miktub kollu kemm hu fuq it-tema tan-nisa maħruġ minn Papa.
2. Edith Stein twieldet fit-12 ta' Ottubru 1891 f'Wroclaw fil-Polonja u mietet fid-9 ta' Awwissu 1942 f'Auschwitz-Birkenau.
3. Edith Stein, ***Essays on Woman,*** The Collected Works of Edith Stein, Volume II, ICS Publications, Washington DC, 1986, p.43.
4. Ibid, p.43-47.
5. Ara Benedittu XVI, ***Katekeżijiet tal-Erbgħat*** bejn l-1 ta' Settembru 2010 u t-2 ta' Frar 2011. Huwa jitkellem fost l-oħrajn fuq il-kontribut li taw Ildegarda ta' Bingen, Kjara t'Assisi, Angela ta' Foligno, Briġida tal-Iżvezja, Katerina ta' Siena, Ġuljana ta' Norwich, Katerina ta' Genoa u Tereża t'Avila.
6. Fis-6 ta' Awwissu 2020, il-Papa Franġisku għamel l-aħħar għażliet tiegħu f'dawk li huma karigi għoljin fil-Knisja Kattolika billi ħatar sitt nisa biex iservu fil-Kunsill tal-Ekonomija fil-Vatikan.
7. L-Inkarnazzjoni indirizzata lejn ir-Redenzjoni hija l-iktar mument solenni għall-mistiku/a fil-kuntatt mad-Divin.
8. Il-Bibbja hija miżgħuda b'nies li ġew f'kuntatt mad-Divin u ħajjithom inbidlet f'għotja totali għalih f'dak li Hu ried minnhom li jwettqu b'ħajjithom.
9. Matul l-Istorja, reliġjonijiet oħra bħall-Islam, l-Induwiżmu u l-Buddiżmu fost oħrajn esperjenzaw il-preżenża tad-Divin u għalhekk il-mistiċiżmu jinsab hawnhekk ukoll.
10. Ara ***Scivias*** ta' Ildegarda ta' Bingen; ***The Revelations*** ta' Briġida tal-Iżvezja; ***Showings*** ta' Ġuljana ta' Norwich; ***The Dialogue of Divine Providence*** ta' Katerina ta' Siena; ***The Book*** ta' Margery Kempe u ***The Interior Castle*** ta' Tereża ta' Avila.

# Il-Mistiċiżmu Femminili

Dr Pauline Dimech

## Introduzzjoni

Se nibdew dan il-ktejjeb billi nagħtu definizzjoni fil-qosor ta' x'nifhmu b'mistiċiżmu. Se nippruvaw ukoll nibnu stampa ta' min hu l-mistiku, jew il-mistika, filwaqt li nirrikonoxxu d-diversità li nsibu fost il-mistiċi li nafu bihom. Sejrin imbagħad nagħtu ħarsa lejn it-teoloġija mistika billi nisiltu ħames aspetti li ġew enfasizzati fl-istudju teoloġiku tal-mistiċiżmu. Fil-proċess, se nsemmu il-prinċipji fundamentali li jirrigwardaw il-mistiċiżmu nisrani. Lejn l-aħħar ta' din l-introduzzjoni, sejrin nitkellmu dwar l-esperjenzi mistiċi. Nistaqsu jekk il-fenomeni li huma assoċjati ma' dawk li huma meqjusa bħala mistiċi għandhomx ikunu meqjusa bħala esperjenzi mistiċi tassew, jekk dawn seħħewx tassew fiżikament, jew kinux sempliċiment prodott tal-immaġinazzjoni, jekk dawn għandhomx jittieħdu bis-serjetà, u jekk humiex esperjenzi neċessarji għal kull nisrani. L-ewwel mistoqsija tagħna hija: x'inhu l-mistiċiżmu?

## Il-Mistiċiżmu

Il-kitbiet tat-teologu u filosfu Luteran, Rudolf Otto (1869-1937), tal-awtriċi u t-teologa Evelyn Underhill (1875-1941), u tal-awtur Amerikan, Henry James (1843-1916), fost l-oħrajn, iwassluna biex nirrealizzaw kemm l-esperjenza reliġjuża u dik mistika jieħdu forom differenti, u għaldaqstant, kemm jista' jkun diffiċli tispjega x'inhu eżattament il-mistiċiżmu. Skont San Bonaventura (1221-1274), il-mistiċiżmu huwa r-ruħ u l-imħabba li hemm fir-ruħ li tixxennaq għal Alla.[1] It-teologu Hans Urs von Balthasar (1905-1988) jgħid li l-mistiċiżmu hu l-isforz li jagħmel il-bniedem biex isib soluzzjoni tal-misteru tal-univers.[2] Fuq kollox, il-mistiċiżmu hu l-esperjenza personali tal-Assolut jew tad-Divin.

Dak li f'Alla m'għandux forma, u ma tistax taħfnu, hu offrut bħala forma li jaffaxina u jittrasporta lill-bniedem, u li jislet mill-bniedem tweġiba.[3] San Tumas ta' Akwinu (1225-1274), u t-tradizzjoni Latina tal-mistika, jinsistu li, bir-raġuni waħidha, ma nistgħux nagħrfuh lil Alla (għalkemm nistgħu nirrikonoxxu l-eżistenza tiegħu), imma nistgħu nagħrfuh permezz tal-imħabba.

Minbarra l-esperjenza personali tad-Divin, kif ukoll l-esperjenza tal-univers, il-mistiċiżmu hu ukoll l-esperjenza u l-għarfien ta' dak li hu l-iktar profond fil-bniedem, esperjenza assoċjata mal-qalb, mar-ruħ, u mal-imħabba tal-persuna. Għaldaqstant, il-mistiċiżmu għandu żewġ aspetti importanti: l-ewwelnett, il-mistiċiżmu jfittex 'viżjoni': ta' Alla li ma jidhirx, tal-univers u tal-persuna. Hija tfittxija ta' intensità, tfittxija ta' dak li hu lil hinn minnha, kif ukoll ta' dak li hemm ġewwa fina. It-tieni, il-mistiċiżmu għandu wkoll l-aspett preventiv: javża fuq il-perikli tal-esperjenzi assoċjati ma' dan il-mistiċiżmu, dik il-forma li jieħdu dawn l-esperjenzi, dawk il-viżjonijiet, is-smiegħ ta' vuċijiet li jistgħu iseħħu flimkien ma' din il-'viżjoni'.[4] F'dan it-tieni sens, il-mistiċiżmu huwa sforz biex jiġi stabbilit dak li hu veru, dak li hu awtentiku, filwaqt li jinkixef dak li hu qarrieqi fl-esperjenza reliġjuża u spiritwali qawwija.

Il-mistiċiżmu mhux xi ħaġa riżervata għall-Kristjaneżmu. Insibu element ta' mistiċiżmu fil-parti l-kbira tar-reliġjonijiet: fl-Induiżmu, fil-Buddiżmu, fl-Islam, u fil-Ġudaiżmu, u f'diversi reliġjonijiet oħra. Kif jgħid William Johnston, il-mistiċi kollha jidħlu f'dak li bosta mistiċi jirreferu għaliha bħala 'is-sħaba'. Imma mhux il-forom kollha tal-mistiċiżmu huma l-istess. Filwaqt li huwa veru li l-mistiċi kollha jidħlu fis-silenzju u l-vojt ta' din l-isħaba (magħrufa bħala *the cloud of unknowing*), huwa veru wkoll li l-kontenut tal-mistiċiżmu ivarja skont ir-reliġjon.[5]

Il-mistiċi diskussi f'din il-ħarġa ta' *Knisja Elfejn* huma, fil-parti l-kbira tagħhom, meħudin mit-Tradizzjoni nisranija. Iżda għandna wkoll lil Rabi'a al Adawiyya, mistika mit-tradizzjoni Musulmana li għexet fit-tmien seklu. Irridu ngħidu li, filwaqt li hu veru li l-esperjenza mistika tvarja skont ir-reliġjon, hu veru wkoll li l-mistiċiżmu hu lok mill-aqwa għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet.

**Il-Mistiku jew il-Mistika**

Il-mistiku, jew mistika, hija persuna li ssib sinjali ta' Alla, u ta' ħwejjeġ li ma jidhrux u li ma jinstemgħux, fl-iktar ħwejjeġ u ħsejjes sempliċi u ta' kuljum. Dan ma jfissirx li hi persuna ppreferuta, fis-sens li se tgawdi xi vantaġġi iktar minn ħaddieħor. Fil-fatt, għal xi uħud minn dawn il-mistiċi, il-mistiċiżmu tagħhom ikun iktar ta' salib milli ta' kuruna, u, iktar milli f'viċinanza lejn Ġesù, isibu ruħhom, u jħossu lilhom infushom, 'il bogħod minn Alla, foqra fil-fidi, u assenti mis-sensi tagħhom.[6] Kif jixgħed id-djarju ta' Madre Tereża ta' Kalkutta (1910-1997), il-mistiċiżmu profond jista' jkun esperjenzat bħala ċaħda, iktar milli bħala don, jew vantaġġ. Fil-bidu tal-ministeru tagħha, Tereża kellha sejħa mistika li qanqlitha tingħata għal kollox, imma, sussegwentiment, esperjenzat assenza agonizzanti ta' Alla.[7]

Johnston isejjaħ il-mistiċi 'maħbubin boloh' ('*foolish lovers*').[8] Huma individwi li tassew tidher fihom il-bluha, imma din il-'bluha', jew dan il-'ġenn', huma konsegwenza tal-imħabba tagħhom għal Alla. Dan ma jfissirx li l-mistiċi ta' veru huma maqtugħin mill-bqija tal-fidili, jew li qegħdin jippruvaw jaħarbu mir-realtà. Anzi, ħafna drabi jkunu kapaċi jinterpretaw ir-realtà b'iktar sens milli jkunu kapaċi nies oħra ta' żmienhom. Ċertament li bosta mistiċi nsara kienu persuni li interpretaw il-ħsieb nisrani b'mod mill-iktar profond, u kultant radikali.

Kellna bosta mistiċi nisa matul l-istorja tal-Kristjaneżmu. Waħda mill-mistiċi l-iktar maħbuba fl-istorja nisranija hija Marija Maddalena, li kellha vokazzjoni ekkleżjali profonda. Wieqfa taħt is-salib, għaddiet mil-lejl mudlam, u minħabba f'hekk hi eżempju tal-esperjenza mistika li għaqditha ħaġa waħda ma' Ġesù.

In-nisa mistiċi aktarx kienu jisfidaw il-kunċett ta' x'jiġifieri tkun mara fi żmienhom. Kien hemm min kien jistmerrhom għaliex ma kinux nisa bħall-oħrajn. Ma kinux jiffittjaw fir-rwoli li kienu maqtugħa għalihom. L-istess eżistenza tagħhom kienet tisfida l-awtorità esklussiva tal-kjeriċi rġiel biex jiddeterminaw huma il-ħsieb u l-prattika nisranija.[9] Meta li tkun mara kien ifisser jew li tkun miżżewġa, jew li tkun soru, għexu stil ta' ħajja li kien mogħti għall-istudju tal-Iskrittura, għas-sagramenti, u għat-talb interjuri, għall-kontemplazzjoni, għad-devozzjoni, u għal servizz li kien juri kompassjoni radikali.[10]

It-teologa Wendy Farley, tikteb dwar id-diversità li nsibu fost il-mistiċi. Għandek terzjarji Franġiskani, bħalma kienet Anġela ta' Foligno (1248-1309); terzjarji Dumnikani, bħalma kienet Katerina ta' Siena (1347-1380); jew ukoll nisa lajċi devoti, bħal ma kienet Katerina ta' Ġenoa (1447-1510). Ħafna minnhom kienu jgħixu f'kunventi. Kien hemm nisa fil-kunventi Benedittini u Ċisterċensi.

Oħrajn kienu lajċi, li kienu jiġu u jmorru fil-bliet, li l-ħajja kontemplattiva tagħhom kienet tixbaħ lil dik tal-monastiċi. Kellek nisa lajċi mhux miżżewġin, kif ukoll nisa miżżewġin li kienu qed jgħixu ħajja ċelebi. Ma kinux jgħixu ma' żwieġhom, imma lanqas ma kienu jgħixu fil-klawsura. Kienu kasti, imma bla ma kienu għamlu l-voti permanenti. Kienu minn klassijiet soċjali diversi, imma kollha kienu msejħa biex jgħixu b'mod sempliċi u daqs xulxin. Uħud kienu jgħixu flimkien, jew f'dormitorji. Ma kinux tal-iskola, ma' kellhomx edukazzjoni terzjarja, ma kellhomx formazzjoni skolastika, imma lanqas ma kienu injoranti. Ma kinux ordnati saċerdoti, imma ħafna minnhom kienu edukati, kienu jaqraw il-Latin u kienu familjari ma' kitbiet teoloġiċi. Ġieli pprietkaw, għallmu, u kitbu.[11]

Nisa mistiċi oħra kienu jiffurmaw parti minn komunitajiet li qamu f'perjodi ta' fervur reliġjuż u ta' kreattività. Ħafna minnhom kienu jgħixu f'kunventi, ġo beginaġġi jew ġo l-hekk imsejħa '*anchor-holds*.' Kienu Begwini (magħluqin u mhumiex),[12] u ankoriti (bl-Ingliż, *anchoresses*).[13] Oħrajn kienu iktar attivi fis-soċjetà inġenerali, u kellhom influwenza anki fuq l-ogħla awtoritajiet tal-Knisja. Uħud minn dawn in-nisa mistiċi, li kienu jgħixu fil-perjodu medjevali, kienu fost l-ewwel nisa li kitbu testi reliġjużi fil-lingwa lokali tagħhom. Il-kitbiet tagħhom kienu brillanti anki fis-sens letterarju. Ngħidu aħna, il-ktieb tal-mistika Ingliża Margery Kempe (c.1373 – wara 1438) hu meqjus bħala l-ewwel awtobiografija li qatt inkitbet bl-Ingliż. Dawn in-nisa kitbu poeżija, proża, viżjonijiet, u djalogi biex jippreżentaw teoloġija ta' mħabba u ta' qawwa divina, u tal-misteru divin.

Fil-ħajja tal-mistiċi sikwit insibu axxettiċiżmu qawwi, penitenza, faqar volontarju, meditazzjoni, kastità, prattiċi kontemplattivi, u servizz karitattiv. Kienu jesperimentaw bi prattiċi axxetiċi, bħas-sawm u l-vġili ta' talb. Barra minn hekk, in-nisa mistiċi li baqgħu magħrufa kienu fost l-iktar teoloġi immaġinattivi u kuraġġużi ta' żmienhom.

Waħda mill-missjonijiet tal-mistiċi kienet li japprofondixxu l-għarfien u l-apprezzament tad-domma. Skont il-mistika Adrienne von Speyr (1902-1967), mistika ta' żmienna, il-missjoni tal-mistiċi hi li jqanqlu l-fidi b'mod ġdid.[14] Insemmu hawnhekk lil Teresa ta' Avila (1515-1582), u lil Simone Weil (1909-1943). Uħud minn dawn il-mistiċi kellhom enfasi partikolari fil-kitbiet tagħhom. Ngħidu aħna, Mechthild ta' Magdeburg (1207–c. 1282/1294), Marguerite Porete (13-il seklu –1310) u Ġuljana ta' Norwich (1343 – wara 1416) antiċipaw l-enfasi fuq l-imħabba ta' Alla bħala l-attribut ċentrali ta' Alla, imħabba ħanina u inklusiva. Dawn jagħtuna teoloġija kontemplattiva, iżda b'implikazzjonijiet politiċi.[15]

Ħafna minn dawn il-mistiċi jmorru lura lejn id-dinja (l-hekk imsejħa, *the market place*), bħala konsegwenza tal-esperjenzi spiritwali profondi tagħhom. Imorru lura bħala mexxejja, attivisti, profeti, jew bennejja ta' kultura iktar umana. Xi drabi jkollhom rwol importanti fir-riforma tas-soċjetà. Santa Katarina ta' Siena, ngħidu aħna, kellha rwol profetiku, u ċaqalqet il-Knisja, billi sfidat l-istituzzjoni u kkonfrontat l-awtoritajiet b'determinazzjoni kbira. Tereża ta' Kalkutta kellha rwol soċjali u filantropiku, u sfidat id-dinja politika biex tħares lill-fqir u lill-emarġinat. Mistiċi oħra għexu ħajja iktar moħbija u forsi wkoll, mietu minsija minn kulħadd, kultant għal sekli sħaħ. Uħud mill-vuċijiet ta' dawn in-nisa damu ħafna ma ħarġu.

Kif diġà ntqal, il-mistiċi nisa mhux dejjem ġew aċċettati bħala dawk li jinterpretaw il-ħsieb nisrani. Ġew imsikkta, u ġieli anki kkundanati. Uħud minnhom spiċċaw ħażin. Ngħidu aħna Mechthild ta' Magdeburg, u Marguerite Porete. Uħud mix-xogħlijiet tagħhom kienu suċċess biss meta kienu jaħsbu li kien kitibhom xi ħadd ieħor.[16] Ir-relazzjoni ta' dawn in-nisa mal-Knisja ma kinitx dejjem faċli. Lil Mechthild ta' Magdeburg, il-qassisin kienu heddewha li se jaħarqulha l-ktieb. Marguerite Porete kienet maħruqa hi stess.

L-awtorità ta' dawn l-għalliema ma ġietx sempliċiment mill-istramberiji tal-esperjenzi tagħhom. In-nies aktarx inġibdu lejhom minħabba l-kariżma ta' għerf, dixxiplina, u mħabba li raw fihom. L-awtorità tagħhom, fis-sens ta' rispett u ta' tmexxija, kienet ġejja mill-evidenza tal-qdusija tagħhom. Dawk il-mistiċi nisa li baqgħu msemmija kellhom l-ammiraturi. Ngħidu aħna, kienu l-patrijiet Dumnikani li

apprezzaw il-kontribut ta' Mechthild ta' Magdeburg. Kienu ammirati minħabba il-pjetà tagħhom, u minħabba s-servizz li kienu jagħtu.

## It-Teoloġija Mistika

It-teoloġija mistika tagħmel emfasi fuq aspetti partikolari tal-esperjenza spiritwali. Hawnhekk qed nislet ħames aspetti, ħames enfasi partikolari li tagħmel din it-teoloġija, jew ukoll ħames karatteristiċi tagħha. L-ewwel aspett huwa dak teoloġiku. L-aspetti l-oħra huma dak ta' għerf moħbi, dak letterarju, dak didattiku, u dak ta' dixxerniment.

## Teoloġija

L-ewwel nett: il-mistiċiżmu għandu rabta mat-teoloġija. Ħafna mill-mistiċi, inkluż dawk nisa, kienu wkoll teoloġi. Hawnhekk, it-teoloġija mistika hija dik it-teoloġija li hija prodott tal-esperjenzi mistiċi ta' min kitibha, u mhux sempliċiment eżerċizzju intellettwali. Hi teoloġija li tirrifletti, u tirrekordja l-esperjenzi mistiċi ta' teoloġi li kellhom esperjenza ta' Alla mill-viċin, u li dawn huma riflessi fit-teoloġija tagħhom. Din hi teoloġija aktarx b'elementi misterjużi. Il-lingwaġġ hu dejjem simboliku. In-nisa mistiċi, bħall-mistiċi rġiel, jħossuhom bla saħħa, inkapaċi, li jpoġġu f'diskors dak li jkunu qegħdin jaraw u jisimgħu, isibuha diffiċli li jesprimu t-tifsira eżatta u profonda ta' dak li jkunu qegħdin jesperjenzaw. Il-mistiċi nisa, forsi iktar minn dawk irġiel, jitkellmu dwar Alla f'termini ta' mħabba, jużaw metafori femminili li jesprimu l-ħlewwa, l-intimità, u jinsistu fuq kemm din l-imħabba hi ta' min joqgħod fuqha. Ngħidu aħna, Mechthild ta' Magdeburg tuża' metafori erotiċi u tal-miżżewġin, kif insibu fl-Għanja tal-Għanjiet u f'poeżiji tat-*troubadours*, biex tesprimi r-rabta tar-ruħ ma' Alla, filwaqt li Ġuljana ta' Norwich titkellem minn Alla bħala Għatx. Wieħed irid jgħid li, kultant ir-rivelazzjonijiet privati ta' dawn il-mistiċi ikunu jeħtieġu purifikazzjoni, jew ikollhom bżonn ta' spjegazzjoni, u f'ċertu sens ikun jeħtieġ li jkunu kompluti minn teoloġi oħra, jew ukoll mill-istess Maġisteru.[17]

## Għerf moħbi

It-tieni, il-mistiċiżmu għandu rabta mal-okkult. It-teoloġija mistika hi waħda ikkaratterizzata minn għerf li hu moħbi għall-oħrajn. Għal teoloġi

bħal San Ġwann tas-Salib, it-teoloġija mistika hi kontemplazzjoni, dik li t-teoloġi jsejħulha għerf moħbi (*secret wisdom*), għerf li San Tumas ta' Akwinu jgħid li hu kkomunikat fir-ruħ permezz tal-imħabba. It-teoloġija mistika hi dik ix-xjenza li tirrifletti fuq, u li tgħallem dwar, dan l-istess għerf sigriet li jiġi mill-imħabba. San Ġwann tas-Salib jinsisti li ħadd m'għandu jfittex rivelazzjonijiet, jew għerf okkult għalihom infushom. Hemm differenza bejn li wieħed ifittex lid-Divin, u li wieħed ifittex l-esperjenzi straordinarji assoċjati ma' din l-esperjenza tad-Divin. Tal-ewwel huwa eżerċizzju li ta' min jimitah. Tat-tieni hu eżerċizzju mimli vanaglorja. Il-mistiċi li jissemmew f'din il-ħarġa kollha għandna testi assoċjati magħhom. Dawn il-kitbiet jagħtuna ħjiel ta' ħwejjeġ sigrieta, jipprovdu xi għarfien ta' ħwejjeġ moħbija u oskuri. Hu għarfien li l-mistiċi aktarx esperjenzaw bħala misteru, bħala baħħ, jew bħala vojt, imma li minnu nnifsu kien evidenza ta' relazzjoni ta' profondità kbira.

**Letteratura**

It-tielet, it-teologija mistika hija eżerċizzju letterarju, għaliex hi dik it-teoloġija li tistudja t-testi attribwiti lill-mistiċi, jew lis-segwaċi tagħhom. Uħud mill-mistiċi irnexxielhom iħallulna bil-miktub, mill-pinna tagħhom stess, l-esperjenzi li għaddew minnhom. Mistiċi oħra kellhom dixxipli, jew ammiraturi, li ħallewlna manuskritti li jirrakuntaw il-ħajja, l-esperjenzi, il-ħsibijiet u l-viżjonijiet tal-mistiċi. Illum b'mod speċjali, it-teoloġija mistika aktarx tieħu forma ta' studju sistematiku, u ta' analiżi tal-materja prima, jiġifieri, tal-letteratura mistika, li tiġbor fiha dawk l-isforzi li saru minn diversi mistiċi biex jesprimu lil dak Alla li ma jidhirx u li ma jinstemax, imma li jitlob li jiġi espress. Il-Ġiżwita Albert Deblaere (1916-1994) studja fil-profond il-fenomenu tal-kitbiet tal-mistiċi. Studjahom mingħajr ma qagħad iqis il-kriterji tal-ġerarkija, jiġifieri jekk dawn kinux testi kanonizzati mill-Maġisteru tal-Knisja. Bosta llum isegwu l-passi tiegħu.

**Istruzzjoni**

Ir-raba', it-teoloġija mistika aktarx li jkollha skop didattiku. Hawnhekk, il-materjal huwa iktar maħsub biex jgħallem l-udjenza kif tgħix ħajja nisranija tajba. Dan jista' jingħad l-iktar għat-tradizzjoni

mistika medjevali, imma mhux biss. Hawnhekk, l-enfasi qiegħda fuq il-ħajja qaddisa tal-mistiċi, u t-teoloġija qiegħda sservi ta' eżempju għall-qarrejja fuq kif jistgħu jgħixu ħajja ta' virtù. Fl-Ingilterra, ngħidu aħna, kien hemm rakkonti tan-nisa kontinentali li kienu popolari ħafna qabel, waqt, u wara r-Riforma. Kien hemm stampaturi, bħalma kien, ngħidu aħna, William Caxton (c.1422 – c.1491), li fost il-pubblikazzjonijiet tagħhom, stampaw il-ħajjiet u x-xogħlijiet ta' mistiċi bħal Katerina ta' Siena, Briġida tal-Iżvezja, u Elizabbetta tal-Ungerija. Dawn il-publikazzjonijiet kienu immirati għal udjenza iktar devota. Hawnhekk kont issib ħajjiet, siltiet mill-kitbiet ta' figuri meqjusa bħala qaddisa, u talb attribwit lil dawn il-figuri, iktar milli rakkonti fid-dettal tal-esperjenzi mistiċi tagħhom.[18] Illum, l-istruzzjoni, u l-imitazzjoni, jiffukaw iktar fuq il-mod ta' ħsieb, l-attitudnijiet, it-terminoloġija, u l-metodi użati minn dawn il-mistiċi.

**Dixxerniment**

Il-ħames, it-teoloġija mistika hija dik it-teoloġija li tiffoka fuq l-effetti li tħalli fuq il-moħħ u l-ġisem l-esperjenza ta' Alla, kif ukoll li tiffoka fuq dawk il-kriterji li jiddistingwu l-'mistiċiżmu' veru minn dak falz. Hawnhekk, it-teoloġija mistika tiffoka fuq l-esperjenzi straordinarji tal-mistiċi.

Kif diġà ntqal, uħud minn dawn il-mistiċi immanifestaw sinjali li jindikaw il-profondità tar-relazzjoni tagħhom ma' Alla, għalkemm mhux kull mistiku immanifesta sinjali lilhinn min-normal. Tajjeb ngħidu wkoll, li sinjali paranormali mhumiex biżżejjed biex il-mistiku jiġi meqjus bħala qaddis. It-terminu "mistiku/a" u t-terminu "qaddis/a", ma jfissrux l-istess.[19] Għaldaqstant, ix-xjenza mistika tagħmel użu minn xjenzi oħra, fosthom il-parapsikoloġija, it-telepatija, il-kapaċità li wieħed jaqra l-futur, in-newro-psikoloġija, sabiex tistabilixxi l-karattru ta' dawn il-manifestazzjonijiet.

Jekk wieħed iqalleb qalb il-kotba tat-teologu Hans Urs von Balthasar, li tant kellu t-teoloġija spiritwali għal qalbu, isib numru ta' prinċipji mxerrda 'l hawn u 'l hinn fil-kitbiet tiegħu, li, meta jinġabru, jistgħu jagħtu stampa li tgħin lir-riċerkatur jiddistingwi l-mistiċiżmu nisrani awtentiku minn dak li mhux. Dawn huma l-punti prinċipali:

(a) Il-frażi 'esperjenza mistika' tirreferi għall-esperjenzi spiritwali kollha, mingħajr distinzjoni, allura rridu ngħidu li l-mistiċiżmu hu sejħa universali.
(b) Hu evidenti li xi individwi jkollhom sejħa partikolari għall-mistiċiżmu. Huma msejħa jgħixu l-kontemplazzjoni mistika b'mod uniku.
(c) L-esperjenza mistika fil-Knisja hi eżempju wieħed ta' kif Alla jqassam il-grazzji tiegħu b'mod gratwit.[20]
(d) Il-mistiċiżmu nisrani awtentiku hu Kristoloġiku u Pnewmatoloġiku.[21]
(e) L-esperjenzi mistiċi mhumiex mogħtija lil min jistħoqqlu, u mhumiex mudell għal kull nisrani, fis-sens li kull nisrani għandu jaspira għal esperjenzi simili għal dawk tal-mistiċi l-kbar.
(f) Il-mistiċiżmu awtentiku qiegħed hemm biex jaqdi u biex jitrażmetti.
(g) Il-mistiċiżmu hu servizz għall-Knisja.[22]
(h) Il-mistiċiżmu hu essenzjalment kariżma,[23] u għaldaqstant hu mogħti minn Alla, u mhux kapaċità li wieħed jitgħallem bit-taħriġ.[24]
(i) Il-mistiċiżmu jippresupponi sensi li jsiru jixbħu lis-sensi sensibbli ta' Ġesù u ta' Marija.[25]
(j) Il-mistiċi awtentiċi jfittxu l-anonimità, u mhux il-glorja personali.
(k) Il-mistiċiżmu mhux sempliċiment xi ħaġa privata.[26]
(l) Il-mistiċi huma dejjem miftuħa għall-Kelma ta' Alla.[27]
(m) Il-mistiċiżmu awtentiku jinvolvi l-mewt tal-persuna, dak li bl-Ingliż jissejjaħ '*effacement of the self*.
(n) Hi l-Knisja li tiddeċiedi x'għandu jitqies bħala mistiċiżmu awtentiku.[28]

## L-esperjenzi mistiċi

Il-mistiċi, speċjalment dawk tal-Medjuevu, huma assoċjati ma' mġiba mill-iktar stramba. Kittieba bħal Jerome Kroll, Bernard Bachrach,[29] u oħrajn, jitkellmu dwar axxetiżmu erojku, uġigħ u swat, stati ta' kuxjenza mibdula (l-hekk imsejħa: *altered states of consciousness*), nuqqas ta' rqad, sawm u ċaħda mill-ikel, u l-bqija. Meta nitkellmu minn esperjenzi mistiċi, aktarx inkunu qegħdin nirreferu għal fenomeni straordinarji bħal ma huma dehriet, il-pjagi, id-dmugħ tad-demm, il-levitazzjoni, il-bilokazzjoni, u l-bqija. Hemm imbagħad fenomeni oħra bħalma huma

għarfien spiritwali profond, evidenza ta' rabta intima mad-divinità, ħajja ta' karità erojka, u fenomeni oħra. Dawn il-fenomeni mhumiex riżervati biss għall-mistiċi nsara. Nistgħu nsibuhom fil-mistiċi ta' tradizzjonijiet oħra, bħalma huma l-Islam, il-Buddiżmu u l-Induwiżmu.

Mistoqsija importanti hija din: dawn il-viżjonijiet, l-istati affettivi ta' estasi, u fenomeni oħra li huma assoċjati ma' dawk li huma meqjusa bħala mistiċi, dawn huma esperjenzi mistiċi tassew? Mhux dejjem faċli li taqtagħha, speċjalment meta nkunu qegħdin nittrattaw mistiċi nisa. Ma ninsewx li, kultant, matul l-istorja, prattiċi axxettiċi setgħu kienu jew esaġerati jew imrażżna għal bosta raġunijiet, u deskrizzjonijiet ta' mġiba waqt stati mistiċi setgħu ġew drammatizzati biex jikkonformaw ma' dak li l-irġiel kienu jistennew mill-emottività femminili. Barra minn hekk, penitenzi ħorox setgħu ukoll wasslu għal ċerti esperjenzi mhux tas-soltu. It-teologu Ġiżwita, Joseph de Guibert (1877-1942) jgħid li l-estasi mhix xi don speċjali, imma hi 'konsegwenza li tiġi mill-fraġilità' tal-istess bniedem '*the weakness of the human organism*', li ma jiflaħx għall-qawwa tal-azzjoni divina. Għaldaqstant, jgħid li l-estasi ma jirriflettux il-qawwa tal-azzjoni divina, daqskemm jirriflettu fatturi oħra psikoloġiċi u fiżjoloġiċi.[30] L-esperti jaqblu li fenomeni mistiċi jistgħu jkunu effett ta' awto-suġġestjoni. Għaldaqstant, il-fenomeni li huma assoċjati mal-mistiċiżmu mhux dejjem għandhom ikunu meqjusa bħala esperjenzi mistiċi tassew. Barra minn hekk, fenomeni bħal ma huma: għarfien spiritwali profond, tama kbira f'Alla anki fit-tbatija, u ħajja ta' karità erojka, huma fenomeni iktar kredibbli minn dawk paranormali.

It-tieni mistoqsija hija din: dawn il-viżjonijiet, l-istati affettivi ta' estasi, u fenomeni oħra li huma assoċjati ma' dawk li huma meqjusa bħala mistiċi, dawn seħħew fiżikament, jew kienu sempliċiment prodott tal-immaġinazzjoni? Tajjeb ngħidu li l-vuċijiet jew ukoll id-diskursati li dawn il-mistiċi jgħidu li kellhom ma' Ġesù mhux bilfors semgħuhom bis-sensi tagħhom. Setgħu semgħuhom fl-immaġinazzjoni tagħhom, u allura semgħuhom huma biss. Hawnhekk, ir-riskju tal-ingann hu reali. Hemm ukoll ir-riskju li persuna ssir '*addicted*' għal dawn l-esperjenzi, jew għar-rikonoxximent li jirċievi mingħand oħrajn min ikollu dawn l-esperjenzi, kemm jekk jieħdu forma ta' viżjonijiet jew vuċijiet, u kemm jekk jieħdu forma ta' profezija, jew ta' xi qawwiet psikiċi.[31] Imma,

b'daqshekk ma jagħmilx sens li tqis dubjuż kull ma għandu x'jaqsam mas-sensi u mal-imaġinazzjoni ta' dawn l-esperjenzi mistiċi.

It-tielet, dawn il-viżjonijiet, l-istati affettivi ta' estasi, u fenomeni oħra li huma assoċjati ma' dawk li huma meqjusa bħala mistiċi, dawn għandhom jittieħdu bis-serjetà? Kif jgħid Hans Urs von Balthasar, daqskemm hu ħażin li wieħed jiċħad għal kollox dawn l-esperjenzi, daqshekk ieħor hu ħażin li wieħed jaċċetta kull allegazzjoni ta' viżjoni, ta' smiegħ ta' xi vuċi, jew tal-istigmata bħala vera. La x-xettiċiżmu, lanqas dik li tibla' kollox ma huma aċċettabbli.[32]

Ir-raba': dawn il-viżjonijiet, l-istati affettivi ta' estasi, u fenomeni oħra li huma assoċjati ma' dawk li huma meqjusa bħala mistiċi, dawn huma esperjenzi neċessarji għal kull nisrani? Ir-risposta hija 'le'. Dawn l-esperjenzi mhumiex meħtieġa għall-ħajja nisranija. Hans Von Balthasar jgħid li la l-Knisja u lanqas in-nisrani m'għandu jaspira għall-grazzji mistiċi. Li tagħmel hekk ikun ifisser li r-rivelazzjoni pubblika mhix biżżejjed.[33] Jew ukoll li int trid li tkun bħal xi mistiku tal-istorja, minflok taċċetta l-vokazzjoni mogħtija lilek.

## Konklużjoni

Bdejna dan l-artiklu b'introduzzjoni li fiha tajna definizzjoni fil-qosor ta' x'nifhmu b'mistiċiżmu. Imbagħad ippruvajna nibnu stampa tal-mistiku, jew tal-mistika, filwaqt li rrikkonoxxejna d-diversità li nsibu fost il-mistiċi. Fit-tielet parti, ħarisna lejn it-teoloġija mistika billi identifikajna ħames enfasi li nsibu fl-istudju teoloġiku tal-mistiċiżmu: jiġifieri, ir-rabta tal-mistiċiżmu mat-teoloġija, mal-okkult, mal-letteratura, mal-istruzzjoni, u mad-dixxerniment. Fil-proċess, semmejna l-prinċipji fundamentali li jirrigwardaw il-mistiċiżmu nisrani.

Rajna kif mhux dejjem faċli li taqtagħha jekk viżjonijiet, stati affettivi ta' estasi, u fenomeni oħra li huma assoċjati ma' dawk li huma meqjusa bħala mistiċi, humiex dejjem esperjenzi mistiċi tassew, speċjalment meta nkunu qegħdin nittrattaw mistiċi nisa. Rajna wkoll kif fenomeni li huma assoċjati ma' dawk li huma meqjusa bħala mistiċi huma xi ftit problematiċi. Dawn l-esperjenzi mhux bilfors li għexuhom bis-sensi tagħhom, setgħu għexuhom fl-immaġinazzjoni tagħhom. L-istess mistiċi setgħu kienu ingannati, u kien hemm ir-riskju reali li jsiru '*addicted*'

għal dawn l-esperjenzi, jew għar-rikonoxximent tal-oħrajn minħabba fihom. Iżda dan kollu ma jagħmilx dubjuż kull ma għandu x'jaqsam mas-sensi u mal-imaġinazzjoni ta' dawn l-esperjenzi mistiċi.

It-tielet, rajna kif, la x-xettiċiżmu, u lanqas dik li tibla' kollox ma huma aċċettabbli. Daqskemm hu ħażin li wieħed jiċħad għal kollox dawn l-esperjenzi, daqshekk ieħor hu ħażin li wieħed jaċċetta kull allegazzjoni ta' viżjoni, ta' smigħ ta' xi vuċi, jew tal-involviment ta' Alla fit-tfassil jew fil-kitba tat-testi. Rajna wkoll li dawn l-esperjenzi mhumiex meħtieġa għall-ħajja nisranija. Il-ħajja nisranija tista' tkun awtentika, kemm meta hemm dawn is-sinjali paranormali, u kemm meta m'hemmx. Dak li hu dejjem essenzjali hu l-evidenza ta' perseveranza, viġilanza u talb.

Fl-istess ħin, ma naqsux ir-referenzi għal nisa mistiċi speċifiċi, u ma naqasx ir-rikonoxximent tan-nisa mistiċi li għexu matul l-istorja, u speċjalment dawk li se jiġu diskussi f'dan il-ktejjeb. Nibqgħu nirrikonoxxu l-intelliġenza, l-għerf, il-ġenerożità, u s-servizz ta' dawn in-nisa singulari, kif ukoll it-tbatija u l-ġudizzji li sofrew, kultant sempliċiment għaliex kienu nisa. Il-Knisja u d-dinja mhux dejjem għarfet u apprezzat it-teżori li kien hemm fi ħdanha. Dan il-ktejjeb hu sforz biex il-qarrejja jsiru familjari mal-ħajja u l-kitbiet ta' dawn in-nisa, u jżommu ħajja l-memorja tagħhom.

## Noti

1. Etienne Gilson, *The Philosophy of St Bonaventure*. Translated by Dom Illtyd Trethowan and F.J.Sheed. London: Sheed and Ward, 1940, 461. https://archive.org/stream/ philosophyofstbo00gils/ philosophyofstbo 00gils_djvu.txt
2. Hans Urs von Balthasar, *Two Sisters in the Spirit. Thérèse of Lisieux & Elizabeth of the Trinity.* San Francisco: Ignatius, 1992, 335.
3. Hans Urs von Balthasar, *The Glory of the Lord: A Theological Aesthetics, I, Seeing the Form.* Edited by Joseph Fessio and John Riches. Translated by Erasmo Leiva-Merikakis. San Francisco: Ignatius, 1982, 601-2.
4. Von Balthasar, *Seeing the Form*, 315.
5. William Johnston, *Mystical Theology. The Science of Love*. London: HarperCollins Publishers, 1996, 341. Il-frażi 'the cloud of unknowing'

hi meħuda minn ktieb dwar il-mistiċiżmu nisrani miktub lejn l-aħħar tal-erbatax-il seklu.

6. Von Balthasar, 'The Absences of Jesus', *New Elucidations*. San Francisco: Ignatius Press, 1986, pp.46-60, 55.
7. Brian Kolodiejchuk (Editor), *Mother Teresa: Come Be My Light: The Private Writings of the Saint of Calcutta*. New York: Doubleday, 2007.
8. Johnston, *Mystical Theology*, 95.
9. Wendy Farley, *The Thirst of God: Contemplating God's Love with Three Women Mystics*, Presbyterian Publishing Corp, 2015, 24.
10. Farley, *The Thirst of God*, 14.
11. Farley, *The Thirst of God*, 15.
12. Il-begini (bl-Ingliż, *beguines*) kienu jitolbu, jaħdmu u jaqdu l-komunità flimkien. Bdew fil-Belġju u fl-Olanda. L-iktar tliet teoloġi Begini magħrufa kienu Hadewijch ta' Brabant, li għexet fit-tlettax-il seklu; Mechthild ta' Magdeburg, u Marguerite Porete. Dawn in-nisa kienu jgħixu ħajja sempliċi: kienu jilbsu sempliċi, jieklu biss dak li kien neċessarju, u jgħixu ħajja mingħajr lussu.
13. L-ankoriti (bl-Ingliż: *anchoresses*) kienu persuni li, għal raġunijiet reliġjużi irtiraw mis-soċjetà sekulari biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja ta' talb intensiv, ta' penitenza, u ċċentrata fuq l-ewkaristija. Kienu tip ta' eremiti li, iżda, kienu jagħmlu l-vot tal-istabbiltà, billi jingħalqu f'ċella li aktarx kienet tmiss mal-knisja. L-ankoriti kien ikollhom rit ta' konsagrazzjoni li kien jixbah ħafna lir-rit tal-funerali. Wara dan ir-rit, kienu jkunu meqjusin mejta għad-dinja, u qaddisin, anki sakemm għadhom ħajjin. L-ankoriti kellhom ċerta awtonomija, għaliex ma kienu jwieġbu għall-ebda awtorità ekkleżjali, ħlief dik tal-isqof.
14. Hans Urs von Balthasar, *First Glance at Adrienne von Speyr.* Translated by Antje Lawry and Sr.Sergia Englund. San Francisco: Ignatius, 1981, 58.
15. Farley, *The Thirst of God*, x.
16. Marguerite Porete, kienet ikkundannata għall-mewt minħabba l-ktieb tagħha, *The Mirror of Simple Souls*, li kien meqjus bħala eretiku. Iżda, l-istess ktieb kiseb suċċess meta isem l-awtriċi ma baqax jissemma' mal-ktieb.
17. Von Balthasar, *Adrienne*, 88-9.
18. C. Annette Grisé, *Holy Women in Print: Continental Female Mystics and the English Mystical Tradition*. Edited by E. A. Jones. Boydell & Brewer, 2004, 83-96.
19. Von Balthasar, *Adrienne*, 88-9.

20. Von Balthasar, *Seeing the Form*, 351.
21. Von Balthasar, *Two Sisters*, 476.
22. Von Balthasar, *Adrienne*, 36; *Two Sisters*, 484.
23. Von Balthasar, *Adrienne*, 57.
24. Von Balthasar, *Adrienne*, 68-9.
25. Von Balthasar, *Seeing the Form*, 378.
26. Von Balthasar, *Seeing the Form*, 411.
27. Von Balthasar, *Adrienne*, 88.
28. Von Balthasar, *Seeing the Form*, 410-411.
29. Jerome Kroll & Bernard Bachrach, *The Mystic Mind: The Psychology of Medieval Mystics and Ascetics*), New York and London: Routledge Taylor and Francis, 2005.
30. Joseph de Guibert, *The Theology of the spiritual Life.* Translated by Paul Barrett. New York: Sheed and Ward, 1953.
31. Johnston, *Mystical Theology,* 150.
32. Von Balthasar, *Seeing the Form*, 412.
33. Von Balthasar, *Seeing the Form*, 416-7.

# Nisa Axxeti tad-Deżert

Papàs Prof. Martin Zammit

Kull min hu midħla tal-letteratura Nisranija, speċjalment dik li tittratta l-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu, żgur li sema' bil-'missirijiet' tad-deżert tal-Eġittu u tal-Palestina. Ħafna drabi, dawn nirreferu għalihom bit-titlu *abba*, li jfisser 'missier'. Dan kien biss titlu ta' rispett u ma kien juri ebda kariga f'komunità monastika. Ħafna drabi, *abba* lanqas kien ikun saċerdot. It-titlu *abba* kien jingħata lil persuna ta' għerf u esperjenza fil-ħajja reliġjuża; kien titlu ekwivalenti għal 'xiħ', kelma li sa ftit taż-żmien ilu kienet iġġorr ħafna rispett fil-mentalità Maltija. Issa, bħalma kien hemm 'missirijiet', ma setax jonqos li kien hemm ukoll 'ommijiet' – nisa minn pajjiżi u ambjenti soċjali differenti li ħallew il-kumditajiet u l-aljenazzjonijiet tad-dinja, u rħewlha lejn imkejjen deżertiċi biex jingħataw kompletament għal ħajja axxetika. Xewqithom kienet li jagħrfu dejjem aktar lil Alla l-Imbierek u joqorbu lejH. Uħud minn dawn in-nisa ngħataw it-titlu *amma*, 'omm'.

Il-Providenza riedet li ħafna minn dak li qalu u għamlu dawn il-missirijiet u l-ommijiet tad-deżert inkitbu f'ġabra ta' paragrafi qosra li bil-Grieg jissejħu *Apoftegmata* (ἀποφθέγματα), jew, fit-tradizzjoni Latina, *Verba Seniorum* jiġifieri 'qwiel, jew kliem ix-xjuħ'.[1] F'din il-ġabra ta' qwiel jissemmew tliet 'ommijiet' biss, iżda dan bl-ebda mod ma jfisser li ma kienx hemm nisa oħra f'ħajja axxetika f'dawn l-inħawi tal-Eġittu u l-Palestina, sew f'ħajja solitarja, kif ukoll f'ġemgħat żgħira ta' nisa oħra. Fil-ġabra tal-*Qwiel*, ftit jingħata tagħrif bijografiku dwar dawn l-'ommijiet'. Qabel ma bdew l-esperjenza axxetika tagħhom, dawn in-nisa kienu ġejjin minn ambjenti differenti; kien hemm minnhom li kienu ġejjin minn familji għonja, u li ħadu edukazzjoni tajba, u kien hemm oħrajn li xejn ma kellhom passat sabiħ.

Mill-ewwel sekli wara Kristu sa żminijiet riċenti, f'ċerti pajjiżi u kulturi, il-mara ma kinitx is-sid tagħha nnifisha, iżda kienet propjetà tarraġel, li seta' jagħmel biha li jrid. Ħafna drabi, il-mara kienet assoċjata ma' aspetti negattivi, fosthom dik ta' tentattriċi tal-irġiel. Fil-letteratura monastika naqraw li kien komuni ħafna li x-xitan jieħu l-għamla ta' mara biex jipprova jwaqqa' l-irħieb fid-dnub. Kienu propju n-nisa axxeti tad-deżert li seħħilhom jeħilsu mill-madmad tal-ħakma maskili fuqhom u saru ndaqs mal-irġiel fil-jedd li, huma wkoll, ikollhom ħajja reliġjuża intensiva daqs dik tal-irħieb irġiel.

Tajjeb ngħidu li San Atanasju ta' Lixandra, li għex fir-raba' seklu, jirrakkonta li San Anton Abbati tal-Eġittu (251-356) kien bagħat lil oħtu ż-żgħira għand nisa verġni sabiex titrawwem fil-verġinità. Skont il-Kanoni ta' Ippolitu (fl-Eġittu tas-snin 330), dawn il-verġni, flimkien ma' nisa romol, kienu jsumu ta' spiss u jqattgħu ħajjithom jitolbu għall-Knisja. Huma kienu jieħdu l-vot tal-verġinità u jgħixu jew waħedhom, mal-ġenituri tagħhom, jew flimkien ma' verġni oħra bħalhom. Xi wħud kienu anki jgħixu ma' xi raħeb, magħqudin fi 'żwieġ spiritwali', ħaġa li xejn ma kienet togħġob lil San Atanasju u lil ħafna bħalu. Dawn il-verġni kienu element importanti fil-Knisja ta' Lixandra, u wieħed ma kienx jista' jinjurahom.

Aktarx li meta nsemmu nisa tad-deżert, l-ewwel ma tiġina f'rasna hija Santa Marija tal-Eġittu (?344 – ?421). Ta' tnax-il sena, Marija ħarbet middar u marret Lixandra fejn għal sbatax-il sena sħaħ ħadmet ta' żeffiena, kantanta u prostituta. Ta' madwar tletin sena Marija ngħaqdet ma' għadd ta' pellegrini li kienu sejrin il-Palestina għall-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib bil-ħsieb li, sew abbord, kif ukoll matul il-pellegrinaġġ, hija tħajjar għaż-żina lil uħud mill-pellegrini. Ġara li dakinhar tal-festa, Marija ppruvat tidħol fil-knisja fejn kienet miżmuma r-relikwa tas-Salib imqaddes, iżda ħasset bħal qawwa barranija li żammitha milli tidħol. Kien f'dak il-waqt li hija ħasset indiema qawwija mill-ħajja żienja tagħha u talbet lil Omm Alla turiha x'għandha tagħmel. Kien hawn li Marija semgħet leħen li qalilha li, biex issib il-mistrieħ, kellha tmur tgħammar fid-deżert, in-naħa l-oħra tal-Ġordan. Hemm għexet ta' eremita għal madwar sebgħa u erbgħin sena sħaħ, bla ma qatt rat lil ħadd. Sena qabel mewtha, Marija ltaqgħet ma' saċerdot raħeb jismu Żosima. Wara

li talbu flimkien, Marija qaltlu biex f'Ħamis ix-Xirka tas-sena ta' wara jerġa' jmur iżurha u jġib miegħu l-Ewkaristija u jqarbinha. Hekk ġara s-sena ta' wara u, wara li tqarbnet, Marija reġgħet talbet lil Żosima biex iżurha fi żmien sena. Żosima hekk għamel, imma meta wasal, sabha mejta. Fit-tradizzjoni Biżantina, il-ħames Ħadd tar-Randan huwa ddedikat għaliha, u l-festa tagħha taqa' fl-1 t'April. Skont il-kalendarju Latin, hija titfakkar fit-2 ta' April.

Mara oħra li tajjeb li nsemmu hija Melanja L-Kbira, li twieldet fis-sena 342 f'familja aristokratika fi Spanja tal-lum. Iżżewġet ta' età żgħira lil wieħed prefett Ruman, iżda ż-żwieġ tagħha xejn ma kien wieħed faċli, għaliex barra li sofriet bosta korrimenti, kienu mitulha tnejn minn uliedha, u ta' 22 sena kienet diġà romlot. Fis-sena 374, l-armla għanja Melanja vvjaġġat mal-Palestina kollha u għenet lil Rufinus iwaqqaf monasteru Latin f'Ġerusalemm fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. Dan kellu żewġ taqsimiet, waħda għall-irġiel u oħra għan-nisa. F'dan il-monasteru nqalbu għal-Latin xogħlijiet monastiċi u teoloġiċi Griegi, għall-użu tal-Insara fil-Punent. Melanja żaret Lixandra u ltaqgħet ma' xi rħieb tad-deżert, fosthom mal-magħruf Abba Pambo, f'Nitrija. Wara dik il-laqgħa, hija ħalliet donazzjoni kbira b'riżq il-monasteri fl-Eġittu. Jidher li Melanja kienet ta' karattru sod għaliex il-kittieb monastiku Palladju jiddeskriviha bħala "... dak ir-raġel ta' Alla ta' ġens femminil". Hija titfakkar fit-8 ta' Ġunju.

Figura femminili oħra li għexet ħajja monastika fil-Palestina kienet Pawla (?347-404). Din kienet minn familja nobbli u omm ta' ħamest itfal. Meta romlot, hija u bintha Ewstokju telqu lejn il-Palestina u marru jgħixu ta' axxeti fil-monasteru tal-għar ta' Betlem li kien waqqaf Ġlormu, it-traduttur tal-Bibbja għal-Latin. Dan il-monasteru kien imfassal fuq dak ta' Melanja l-Kbira, b'taqsima għall-irġiel u oħra għan-nisa. Bħal Melanja, Ġlormu u Pawla kienu żaru l-irħieb tad-deżert ta' Nitrija, fl-Eġittu, biex jifhmu mill-qrib l-esperjenzi axxetiċi tagħhom.

Dawn in-nisa li ssemmew s'issa mhumiex inklużi fil-ġabra ta' *Qwiel ix-Xjuħ*; din il-ġabra ssemmi biss tliet ommijiet tad-deżert, jiġifieri lil Sara, lil Sinkletika u lil Teodora. Amma Sara għexet fil-ħames seklu. Kienet ġejja minn familja għanja min-nofsinhar tal-Eġittu u kienet ħadet edukazzjoni tajba. B'kollox, hija għexet ta' eremita għal madwar

sittin sena, qrib xmara fl-inħawi ta' Pelusju, fid-Delta tan-Nil. Insibu disa' qwiel minn tagħha fi *Qwiel ix-Xjuħ*. Jingħad, fil-*Qwiel*, li għal sitt snin sħaħ Amma Sara qatt ma refgħet għajnejha biex tħares lejn ix-xmara, fatt li jisħaq fuq il-grad għoli ta' tgħakkis u ċaħda li kienet tipprattika din l-axxeta. Jingħad ukoll li marru jżuruha xi rħieb minn Skiti, fil-majjistral tal-Eġittu (Wādi Natrūn tal-lum). Hi ġabitilhom baskett żgħir b'xi frott biex jitrejqu. L-irħieb kielu mill-frott li kien beda jitħassar u ħallew it-tajjeb fil-baskett. Meta rat hekk, Amma Sara qaltilhom: "Intom tassew irħieb minn Skiti!"

Fil-*Qwiel* jingħad ukoll li Amma Sara tqabdet għal tlettax-il sena sħaħ max-xitan taż-żina, mal-ħsibijiet u t-tentazzjonijiet li kienu jaljenawha minn Alla u mill-għan tagħha li tikseb is-safa tal-qalb. Hija ma kinitx titlob lil Alla biex jeħlisha minn din it-taqbida, imma biex jagħtiha l-qawwa biex tegħliba. Darba waħda, l-ispirtu taż-żina deherilha u stqarrilha li rnexxielha tegħlbu, iżda Sara weġbitu: "Mhux jien għelibtek, imma Sidi, Kristu."

Bla dubju, l-axxetiżmu jittrasfigura l-ġens maskil u femminil. L-axxetiżmu jġib fix-xejn il-limitazzjonijiet fiżiċi assoċjati mal-ġens, u jegħleb l-isterjotip tal-'mara dgħajfa'. Fil-*Qwiel* naqraw li żewġt irħieb xjuħ riedu jġarrbu lil Sara. Huma ħasbu li jekk imorru jżuruha, hija setgħet taħseb li marru jieħdu xi parir mingħandha, u dan il-ħsieb seta' jwassalha biex titkabbar. Madankollu, Amma Sara ma waqgħetx fin-nassa tagħhom u ma ddejqitx tistqarr: "Skont in-natura, jiena mara, iżda mhux skont ħsibijieti." Lil xi rħieb oħra, li kienu wkoll marru jżuruha, ma naqsitx tfakkarhom li, minkejja li mara, hija ma kienet xejn inqas mill-irħieb irġiel f'dak li hu taqbid spiritwali; saħansitra qaltilhom: "Jiena r-raġel, u intom il-mara."

Amma Sara kienet tinsisti fuq l-għoti tal-karità, għaliex kienet tgħid li bil-karità wieħed jibda jfittex li jogħġob lil Alla. Bħal axxeti oħra, hija kienet tisħaq fuq il-ħtieġa li l-Insara jżommu dejjem il-mewt quddiem għajnejhom, sabiex b'hekk jitilgħu minn skaluna għall-oħra tas-sellum spiritwali. Amma Sara mietet fl-għomor ta' madwar 80 sena, u titfakkar mill-Kattoliċi, mill-Ortodossi u mill-Kopti fit-13 ta' Lulju.

'Omm' oħra tad-deżert kienet Amma Sinkletika**.** Din twieldet fis-sena 380 f'Lixandra, minn familja tat-tajjeb mill-Maċedonja. Wara li

over into the lives of others. She is an echo of the Theotokos, whose example the anchoress is instructed to follow closely. The anchorhold, anchoress, and the people who encounter her spirituality (especially in conversation with Julian through readings of the text) are all enjoined to become spiritual vessels of Christ's body. The Mother of God, a paradigmatic example of this enclosed and exalted inner rhetorical space, meets Julian in the Showings' rich maternal imagery and their conflation with the vulnerable body of Christ. This is evident in the way Julian evokes ambiguous images of womb, tomb, and wound.

The anchorhold is at once womb, a place of fertile spiritual life, and anti-womb, an isolated space of physical decay. The wound/womb of Julian's visionary space is physically engaged in the tomb/womb of the anchorhold as "labia sepulcri." The Ancrene Riwle calls for anchoresses to "scrape up the earth of their tomb in which they rot." The wound in the side of Christ dominates the tenth vision of the Showings, which Julian calls "a fair, delectable place, and large enough for all humanity."

Refiguring metaphors of size and scale, the human-scaled wound becomes a perpetual, divinely scaled womb that contains all with whom Julian shares her intimate encounters of Christ's love. Julian embodies the mediating gestures and actions of Christ's redemptive suffering by enacting an ongoing process of assimilation of Christ's passion and conversion to Christ's promise of eternal life.

This is also conveyed in the ambivalent image of Christ as an item of clothing, where "he wraps and winds us… enclosing us with him", says Julian. This tight wrapping of the Christian body echoes an infant's swaddling clothes, and a corpse's shroud. The metaphor registers as a domestic image of warmth but also a sinister foreshadowing of death. It is directly followed by the image of a small round ball, likened to a "hazelnut". This image of an enclosed space par excellence contains "all that is made," held in being by divine love.

Within these textual enclosures, Julian reveals the personal intimacy and communal sharing of anchorhold spirituality that opens itself to identification with the community. Julian as an individual Christian and the corporate life of the Christian community are together enclosed within the hazelnut, within the anchorhold, and within the Body of Christ.

As readers of her work, we are incorporated into Julian's visionary landscape through the fact of her physical seclusion with God. The confines of the anchorhold ensure a space of continual intimacy with God that allow Julian the freedom to open her visionary world and refigure it as a textual artefact for the benefit of other Christians. Readers follow Julian into the anchorhold, in pursuit of Christ.

The pilgrim soul is challenged by a desire that leads deeper into the apparent solitude of the body itself. Confronted by the impenetrability of her experience, Julian is moved to ask, "Why does He show me these visions?" and the answer comes, quite simply, "For love."

Mystical space unfolds in infinite potential, enclosing the embodied experience of Christ. It is the mediation of that sustained encounter that is made present to us in the containment of the anchorhold Showings, where Julian lives out a theology of vulnerability graced by a spiritual sensuality that is ceaselessly redeemed in the living body of Christ.

# Santa Katerina ta' Siena: Il-mara mistika li ħadmet favur soċjetà u Knisja aħjar

Fr Raymond Gatt OP

Fl-4 ta' Ottubru 1970, il-Papa Pawlu VI permezz tal-Ittra Appostolika *Mirabilis in Ecclesia Deus*,[1] iddikjara lil Katerina ta' Siena bħala Duttur tal-Knisja. Din is-sena qed infakkru l-ħamsin sena minn dan l-avveniment ta' din il-mistika Dumnikana. Titli oħra li ġew mogħtija lilha huma: ko-patruna ta' Ruma (1866), ko-patruna tal-Italja (1939) u ko-patruna tal-Ewropa (1999). Santa Katerina għamlet isem kemm fis-soċjetà Ewropea Medjevali li għexet fiha u wisq iktar fil-Knisja li tagħha hija kienet bint ħajja u ferventi. Hija ħadmet biex tara soċjetà u Knisja aħjar milli sabitha. Bħala mistika hija ma kinitx maqtugħa mill-ġrajjiet li kienu qed iseħħu madwarha imma għall-kuntrarju hija stess involviet ruħha fihom biex tkun ta' servizz fejn kien hemm il-ħtieġa.

Katerina twieldet fis-sena 1347 fi Siena f'familja numeruża ta' ħamsa u għoxrin wild u mietet f'Ruma fis-sena 1380 fl-età żgħira ta' tlieta u tletin sena. Iż-żmien li fih għexet Katerina kien żmien ta' taqlib: żmien ikkaratterizzat minn Ewropa, li fuq naħa bdiet titlef l-għaqda tagħha taħt l-Imperatur u l-Papa, u fuq in-naħa l-oħra fil-ġlied kontinwu li dak iż-żmien kien hemm bejn diversi stati Taljani li riedu l-indipendenza tagħhom. L-għajta tal-ġurnata kienet il-gwerra: diversi stati Taljani kienu qed jiġġieldu kontra xulxin. Kien żmien diffiċli għall-Knisja minħabba x-Xiżma tal-Papiet (1378-1418), fejn ir-ragħajja tagħha ma kinux qegħdin jgħixu l-ħajja evanġelika u l-injuranza minħabba nuqqas ta' formazzjoni xierqa kienet qed tirrenja fost il-kleru. F'dan iż-żmien fl-Ewropa faqqgħet il-pesta li ħalliet ħafna mwiet warajha (1346-53). Katerina ma kinitx mara li taqta' qalbha malajr imma hija ngħatat kollha kemm hi biex imqawwija mill-Ispirtu t'Alla twassal lil dan Alla lill-bnedmin.

# I

L-esperjenza mistika fil-ħajja ta' Katerina bdiet fl-1353 meta kellha sitt snin fejn hija kellha viżjoni ta' Kristu qrib il-knisja ta' San Duminku fi Siena, fl-Italja. Kienet laqgħa ta' ftit waqtiet imma li wrietha d-direzzjoni li kellha tieħu ħajjitha b'għotja totali għal Alla, għal Ġesù Kristu u għall-Knisja. Ma' kull sejħa li Alla jagħmel lill-bniedem dejjem hemm missjoni marbuta magħha.[2] Madankollu l-bniedem huwa dejjem liberu li jagħżel jekk iwettaqx dak li jrid Alla minnu jew le. Katerina aċċettat din is-sejħa u fl-1354 wiegħdet il-verġnità tagħha lil Alla u li tkun għarusa biss ta' Ġesù Kristu.

Fil-mixja ta' ħajjitha hija kienet influwenzata u mmexxija mill-patrijiet Dumnikani: hija kienet tisma' l-predikazzjoni tagħhom u għażlet li jkollha diretturi spiritwali mill-Ordni li f'dak iż-żmien kien wieħed mill-ewlenin fil-Knisja. L-iktar direttur spiritwali magħruf tagħha kien il-Beatu Rajmond ta' Capua, Dumnikan, li ħallielna l-iktar biografija siewja ta' ħajjitha.[3] Hija nġibdet mill-ispiritwalita' ta' San Duminku li kienet tikkonsisti kemm fl-element kontemplattiv u anki f'dak appostoliku. Għalhekk ħasset il-ħtieġa li tħaddan il-ħajja Dumnikana billi tingħaqad ma' grupp ta' nisa lajċi fi Siena li kienu jissejħu *Mantellate* minħabba l-mantell li kienu jilbsu, u filwaqt li kienet tixrob mill-għejjun tas-salvazzjoni hija setgħet tingħata għall-oħrajn.

Mill-1367 'l quddiem, Katerina bdiet serje ta' esperjenzi mistiċi bil-quċċata tagħhom tintlaħaq fil-mewt mistika fl-1370 u fl-għoti tal-istigmati fl-1374 fil-knisja ta' Santa Cristina f'Pisa. Permezz ta' dawn l-esperjenzi Kristu kien qiegħed idewwaqha l-ħlewwa tas-sema u anki jimlieha bl-entużjażmu biex hija tkun tista' xxandar il-messaġġ tiegħu lill-bnedmin. Ix-xogħol spiritwali miktub tagħha li jissejjaħ *Id-Djalogu tal-Providenza Divina* huwa riżultat ta' dawn l-esperjenzi li kellha Katerina mal-Mulej. Dawn l-esperjenzi ħeġġewha biex tkun iżjed qrib il-bniedem imġarrab. Alla kien qiegħed isejħilha biex tkun ta' servizz għall-oħrajn b'mod speċjali għall-foqra u l-morda. Fuq l-eżempju tagħha fl-1368, bdew jixxierku magħha diversi rġiel u nisa li riedu jkunu magħha f'din l-opra karitattiva li Katerina bdiet twettaq b'dedikazzjoni kbira.

Fl-1372, Katerina bdiet tidħol fi kwestjonijiet politiċi, f'ħidma għall-paci f'diversi stati Taljani. F'dan iż-żmien, il-mexxejja ta' diversi stati

kienu fi stat ta' gwerra biex ikomplu jkabbru r-renju tagħhom. Quddiem din is-sitwazzjoni, Katerina ħasset id-dmir li mhux biss tkun strument ta' paċi fost il-familji, imma wkoll iġġib il-paċi bejn l-istati u fil-Knisja. Ikun tajjeb li nsemmu xi eżempji tal-ħidma ta' Katerina: fl-1375 hija kienet Pisa biex tipprietka kruċjata u taħdem għall-paċi bejn ċerti stati u l-Papat; fl-1376 Katerina vvjaġġat flimkien mad-dixxipli tagħha għal Avignon fi Franza biex isservi ta' medjatur bejn il-Papa Girgor XI u l-Fjorentini li kienu taħt interdett papali; u fl-1378 hija ġiet mibgħuta mill-Papa fi Franza biex iġġib il-paċi. L-*Ittri* tagħha li xi wħud minnhom intbagħtu lil nies fis-setgħa huma konferma tal-ħidma ta' Katerina favur l-għaqda u l-paċi bejn l-istati Taljani.

Katerina kellha mħabba kbira għall-Knisja u għall-mexxej tagħha fuq l-art fil-persuna tal-Papa. It-taħwid u l-konfużjoni fis-soċjetà ta' dak iż-żmien kienu qegħdin jirriflettu sew fil-ġerarkija tal-Knisja. Il-Papa Girgor XI[4] minflok ma kien qiegħed jgħix f'Ruma, għamel is-sede tiegħu f'Avignon fi Franza. Meta Katerina kienet f'Avignon fl-1376, hija ħeġġet lill-Papa Girgor XI biex jerġa' jirritorna mill-ġdid f'Ruma u kien fuq l-insistenza tagħha li l-Papa fit-13 ta' Settembru 1376 qabad it-triq lura.

Wara Girgor XI laħaq Urbanu VI[5] fejn ftit taż-żmien wara nqala' l-għawġ kollu fil-Knisja f'dik li tissejjaħ ix-Xiżma tal-Papiet[6], meta l-kardinali fl-20 ta' Settembru 1378 għamlu lil Klement VII[7] bħala anti-Papa. Katerina baqgħet soda u attiva fil-ħidma tagħha għall-għaqda fil-Knisja u kienet iżżomm lil Papa Urbanu VI bħala l-veru mexxej tagħha. Sakemm mietet fl-1380, għalkemm b'saħħitha dgħajfa, baqgħet tikkorrispondi permezz tal-*Ittri* tagħha favur l-għaqda li tant kienet meħtieġa fil-Knisja.[8]

## II

Katerina ħallietilna tliet ġeneri ta' kitbiet: il-ktieb *Id-Djalogu tal-Providenza Divina* (1377-78), l-*Epistolarju* li jiġbor fih mat-381 Ittra lil diversi tipi ta' nies u ġabra ta' *Talbiet*, b'kollox sitta u għoxrin waħda.[9] Minħabba li tgħallmet tikteb lejn l-aħħar ta' ħajjitha, hija kienet tiddetta lis-segretarji tagħha dawn il-kitbiet. Fihom insibu miġbur l-għerf li ġiet mogħnija bih Katerina li tinqeda b'lingwaġġ skolastiku medjevali li kien dovut għall-iskola teoloġika Dumnikana li minnha kienet influwenzata.[10]

L-ewwel ġeneru ta' kitba li ħalliet Santa Katerina kien *Id-Djalogu tal-Providenza Divina*. Għal Katerina l-għan tad-*Djalogu* kien biex ikun ta' istruzzjoni u inkoraġġiment għal dawk li qegħdin fil-mixja spiritwali. Dan ix-xogħol tagħha għadu jitqies bħala fost l-aqwa kotba klassiċi tal-ispiritwalità Kristjana li hu frott ta' mara Nisranija. Kif se naraw minn xi testi mid-*Djalogu* Katerina titkellem mill-esperjenza tagħha stess dwar Alla li kellimha u li kellha l-grazzja tiltaqa' miegħu. Peress li hija tirrakkonta x'ġara fir-relazzjoni tagħha mal-Mulej, it-teoloġija tagħha hija dejjem fi djalogu ħaj ma' Alla u ma' dawk li magħhom trid taqsam il-ħsibijiet tagħha. Dan jidher ċar meta hija tistqarr:

*'Mela tassew li r-ruħ b'imħabbitha tingħaqad ma' Alla. Għalhekk dik ir-ruħ, waqt li b'rieda qawwija riedet tagħraf il-verità u timxi warajha, refgħet ix-xewqa tagħha lejn il-Missier għoli u etern u għamlitlu erba' talbiet, l-ewwel nett għaliha nfisha, għax rat li ma tistax tinqeda tassew bl-għerf u bl-eżempju u bit-talb tagħha għall-ġid tal-proxxmu jekk qabel ma tkunx inqdiet bihom għall-ġid tagħha stess, biex tikseb u jkollha l-virtù.*[11]

Katerina ma toqgħodx lura milli tlissen dak li l-Mulej jgħidilha u kif jixtieq tkun il-ħajja tagħha stess u ta' dawk li jħobbuh:

*'Fil-pellegrinaġġ ta' din il-ħajja li tgħaddi rbattkom bejnietkom bir-rabta tal-imħabba. Tridu jew le, intom ħolqa waħda bejnietkom. Għax anki jekk ma jkollkomx rabta ta' mħabba mal-proxxmu, b'mod jew ieħor tibqgħu marbutin miegħu bilfors. Biex turuh imħabbitkom bil-fatti u bil-qalb, fil-providenza tiegħi lil ħadd ma tajt id-don li jkun jaf jagħmel waħdu dak kollu li għandu bżonn għall-ħajja, imma lil wieħed tajtu don u lil ieħor tajtu ieħor, biex il-bżonn iġiegħel lil wieħed jitlob l-għajnuna tal-ieħor'.*[12]

*Id-Djalogu* huwa mimli b'messaġġi pożittivi li jġiegħlu lill-qarrej jieħu l-inizjattiva biex bħal Katerina jersaq iktar lejn il-Ħallieq li minnu tiżreġ l-imħabba infinita tiegħu:

*'Ebda virtù ma tista' tingħata f'din il-ħajja jekk mhux permezz tal-imħabba, u l-umiltà hija l-omm li tgħajjex l-imħabba. Jekk tagħraf lilek innifsek tumilja ruħek, għax tara li minnek innifsek ma int xejn, tagħraf li l-eżistenza tiegħek ġejja minni, li ħabbejtkom sa minn qabel ma kontu teżistu. Fl-imħabba bla qies li kelli għalikom ridt inġeddidkom bil-grazzja tiegħi, u għalhekk naddaftkom u għamiltkom bnedmin ġodda fid-demm ta' Ibni l-waħdieni mxerred għalikom b'tant nar ta' mħabba'.*[13]

Dan kollu juri r-relazzjoni intima li kellha Katerina m'Alla u kemm riedet li din ir-relazzjoni tagħha miegħu tnissilha wkoll fl-oħrajn għal ġid tagħhom infushom.

It-tieni ġeneru ta' kitba li ħallitilna Katerina kien l-***Epistolarju*** u dan juri kemm hija kienet qrib kull kategorija ta' nies li kellhom bżonn l-għajnuna tagħha. L-*Ittri* kienu mod kif hija twettaq il-missjoni tagħha bħala lajka Dumnikana għax permezz tagħhom hija kienet tressaq lill-persuni lejn il-verità li hu Ġesù Kristu. Ċertament li l-*Ittri* kienu mod ta' evanġelizzazzjoni. B'kollox waslu għandna mat-381 *Ittra*. L-ikbar numru ta' *Ittri* huma bejn is-snin 1374 u l-1380. Meta nagħtu ħarsa lejn it-tip ta' persuni li lilhom huma indirizzati l-*Ittri*, insibu għażla kbira: lill-familjari tagħha, lill-ħbiebha, lill-persuni fl-awtorità u oħrajn fosthom reliġjużi irġiel u nisa, eremiti, prostituta u merċinarju.

F'kull *Ittra* ninnutaw l-istil personali ta' Katerina li trid tiltaqa' mal-persuna, hi min hi u hi fejn hi. Filwaqt li hija tagħraf li kull persuna hija unika, hija għandha l-kapaċità li tindirizza lil kull tip ta' persuna, imma altru se tikteb lill-Papa Girgor XI li kien bniedem timidu u bla kuraġġ (Ittra 233) u altru se tikteb lill-Papa Urbanu VI li kien aggressiv u arroganti (Ittra 302). Dan nistgħu nixtarruh f'dan li ġej fejn lill-Papa Girgor XI Katerina tgħidlu hekk:

*'Missier qaddis fi Kristu Ġesù, jien, Katerina, bintek indenja u msejkna, inħeġġek f'ġieħ id-demm għażiż tiegħu biex ma jkollok ebda biża' uman. Naf li meta l-biża' jaħkimna ma nibqgħux qawwijin fil-fehmiet qaddisa u x-xewqat tajba tagħna. Għalhekk tlabt u nibqa' nitlob lit-twajjeb Ġesù biex jeħilsek minn kull biża' uman u tkun tibża' minn Alla biss'.*[14]

U lill-Papa Urbanu VI tiktiblu hekk:

*'Missier qaddis, għandek toqgħod attent ħafna meta tiġi biex tagħżel il-ministri ta' dan id-demm u tqegħidhom bħala ragħajja fil-ġnien tal-Knisja mqaddsa; jinħtieġ li dawn ikunu bnedmin li jfittxu 'l Alla u mhux il-privileġġi; u meta xi wħud jipproponulek lil dan jew lill-ieħor, imisshom ikunu sinċieri miegħek u jgħidulek il-verità u mhux kliem b'ieħor'.*[15]

Fost l-*Ittri* tagħha, Katerina tindirizza wkoll lil waħda prostituta. Hija tistedina biex tmur għand Santa Marija Maddalena jekk hija tħoss il-biża' li tersaq lejn Ġesù.[16] Hija kienet qrib ħafna dawk li kienu mbiegħda minn Alla u l-*Ittri* tagħha juru li hija bħala lajka Dumnikana ma setgħetx ma ssemmax leħinha quddiem l-inġustizzji u l-faqar kemm materjali u spiritwali li kienet tara madwarha.

It-tielet ġeneru ta' kitba tagħha huma l-ġabra ta' ***Talbiet***. Dawn is-sitta u għoxrin talba ta' Katerina waslu għandna permezz tad-dixxipli tagħha. Ġew ifformulati lejn l-aħħar snin ta' ħajjitha u huma frott ir-relazzjoni intima li hija kellha m'Alla. Waqt it-talb hija kienet tintilef f'estasi u d-diskors li kien jiġi mlissen minnha kien jiġi miktub mid-dixxipli tagħha. Fit-*Talbiet* wieħed jista' jinnota l-imħabba kbira li hi kellha lejn Alla u lejn il-proxxmu tagħha. Tant huma għonja fil-ħsieb li jistgħu jservu ta' meditazzjoni u dixxerniment għal min ilissinhom. Fit-Talba numru tnax, Katerina titlob hekk:

*'O nar dejjem iħeġġeġ! Ir-ruħ li tasal biex tagħraf lilha nnifisha fik, issib il-kobor tiegħek kull fejn iddur, imqar fl-iċken ħwejjeġ, fin-nies u fil-ħwejjeġ kollha maħluqa għax fihom kollha hija tara s-setgħa, l-għerf u l-ħniena tiegħek. Għax kieku int ma kontx setgħan, għaref u ridt, ma kontx toħloqhom. Imma int kont setgħani, għaref u ridt u hekk inti ħlaqt kollox. O ruħ imsejkna u għamja tiegħi, qatt ma wasalt biex tagħraf lilek innifsek fih, għax qatt ma neżżajt lilek innifsek mir-rieda diżordinata tiegħek u ma libbistx lilek innifsek fir-rieda tiegħu'.*[17]

Katerina tesprimi fit-*Talbiet* tagħha dak li kienet tiċċelebra fil-liturġija mqaddsa u fis-smiegħ tal-Kelma t'Alla. Hija turi l-profondità tal-misteri

tal-fidi u titlob bil-ħerqa u bla waqfien għall-Knisja u għall-mexxejja tagħha:

*'Jien nitolbok li tmexxi lejk innifsek il-qalb u r-rieda tal-ministri tal-Knisja mqaddsa, għarusa tiegħek biex jimxu warajk il-Ħaruf maqtul, fqir, umli u manswet fit-triq tas-Salib wisq imqaddes – skont il-mod tiegħek mhux skont dak tagħhom. Agħmilhom ħlejjaq anġeliċi, anġli tal-art f'din il-ħajja, għax huma jridu jamministraw il-ġisem u d-demm tal-Iben Waħdieni tiegħek, il-Ħaruf bla tebgħa. Tħallihomx ikunu bhejjem bla sens, għaliex il-bhejjem huma bla raġuni u mhumiex denji ta' dan. Ġibhom flimkien issa u aħsilhom, o ħniena divina, fil-baħar ħiemed tat-tjieba tiegħek biex ma jittardjawx u jitilfu ż-żmien li għandhom għaż-żmien li ma għandhomx'.*[18]

Katerina rnexxielha fi żmien qasir twettaq ħidmiet li ma jitwemmnux kemm fis-soċjetà u fil-Knisja ta' żmienha. Hija ħalliet patrimonju kbir b'mod partikulari fl-Ordni tal-Predikaturi. L-istudjuża tal-mistiċiżmu Evelyn Underhill[19] tiġbor il-ħajja ta' Katerina b'dan il-kliem:

*'St Catherine… the true successor of Dante as a revealer of Reality, and next to St Francis the greatest of Italian mystics, exhibits the Unitive Life in its richest, most perfect form. She was a great active and a great ecstatic: at once politician, teacher, and contemplative, holding a study balance between the inner and the outer life. Well named "the mother of thousand of souls", with little education and yet contrived, in a short career dogged by persistent ill-health, to change the course of history, rejuvenate religion, and compose, in her "Divine Dialogue", one of the jewels of Italian religious literature'.*[20]

Għalhekk kien f'waqtu li ħamsin sena ilu, il-Knisja permezz tal-Papa Pawlu VI tiddikjara lil din il-mara qaddisa biex tiddi bħala Duttur fil-Knisja biex tkun ta' musbieħ għal ħafna nies li riedu jimxu fuq il-passi tagħha ħalli jaslu għad-dawl veru ta' ħajjithom.

## Noti

1. F'din l-*Ittra Appostolika*, Pawlu VI jikteb fil-qasir fuq il-ħajja ta' Santa Katerina ta' Siena u l-kontribut tagħha fil-Knisja u r-raġunijiet għala ġiet proklamata Duttur tal-Knisja.
2. Dan nistgħu narawh kontinwament fil-personaġġi li jispikkaw fil-Kotba Mqaddsa bħal Abraham, Mosè, il-Profeti, Marija, eċċ...
3. Il-Beatu Rajmond ta' Capua twieled fl-1330 u miet fl-1399. Huwa serva bħala Majjistru Ġenerali tal-Ordni tal-Predikaturi mill-1380 sal-1399. Huwa ġie beatifikat mill-Papa Ljun XIII fl-1899, ħames mitt sena wara l-mewt tiegħu.
4. Twieled fl-1329 u miet fl-1378 u l-pontifikat tiegħu kien bejn l-1370 u l-1378.
5. Twieled fl-1318 u miet fl-1380 u l-pontifikat tiegħu kien bejn l-1378 u l-1380.
6. Din bdiet fl-1378 u damet tkarkar sal-1418 fejn ġiet fi tmiemha permezz tal-Konċilju ta' Kostanza (1414-1418).
7. Twieled fl-1342 u miet fl-1394 u l-pontifikat tiegħu bħala anti-Papa kien bejn l-1378 u l-1394.
8. Fl-*Epistolarju* tagħha nsibu disa' Ittri li huma indirizzati lill-Papa Urbanu VI.
9. Dawn it-tliet ġeneri ta' kitba ta' Katerina nistgħu nsibuhom bil-Malti u huma ppubblikati mill-Provinċja Dumnikana Maltija. Ara l-Biblijografija.
10. L-Iskolastiċiżmu laħaq il-quċċata tiegħu fil-persuna ta' San Tumas t'Akwinu Dumnikan, speċjalment bix-xogħol tiegħu *Summa Theologiae*.
11. Ara *Id-Djalogu*, par.1.
12. Ibid., par.148.
13. Ibid., par.4.
14. Ara., *L-Ittri*, Lill-Papa Girgor XI, nru.233, p.397.
15. Ibid., Lill-Papa Urbanu VI, nru.302, p.507.
16. Ibid., Lil waħda prostituta, nru.276, p.470.
17. Ara *It-Talbiet*., Talba nru.12, p.58-59.
18. Ibid., Talba nru.2, p.23-24.
19. Twieldet fl-Ingilterra fis-6 ta' Diċembru 1875 u mietet fil-15 ta' Ġunju 1941. Il-ktieb tagħha fuq il-Mistiċiżmu huwa ktieb klassiku fuq dan is-suġġett.
20. Ara *Mysticism*, p.467.

## Biblijografija

Cavallini Giuliana., *Catherine of Siena,* Geoffrey Chapman, London, 1988

Fatula Mary Ann*., Catherine of Siena's Way,* Darton, Longman and Todd, London, 1987.

Ferri Edgarda*., Io, Caterina,* Oscar Mondadori, 2003.

Katerina ta' Siena., *Id-Djalogu tal-Providenza t'Alla*, trad. ta' Valent V. Barbara., Provinċja Dumnikana Maltija., 1996.

Katerina ta' Siena., *L-Ittri*, trad ta' Valent V.Barbara., Provinċja Dumnikana Maltija., 2004.

Katerina ta' Siena., *It-Talbiet,* trad. ta' Fr.Charles Tonna OP., Provinċja Dumnikana Maltija., 2011.

Noffke Suzanne*., The prayers of Catherine of Siena,* Paulist Press, New York/ Ramsey, 1983.

Raymond of Capua*., The Life of St.Catherine of Siena,* TAN Books, Charlotte, North Carolina, 2011.

Underhill Evelyn., *Mysticism*, Bracken Books, London, 1995.

# Margery Kempe: Id-Dmugħ tal-Indiema

## "X'ħasra li dnibt! Hemm daqshekk ferħ fil-ġenna"

Dorianne Buttigieg

### Introduzzjoni

Margery Kempe (imwielda Burnham) – (c.1373 – wara l-1439) hija mistika Ingliża, magħrufa l-aktar għal *Il-Ktieb* li jirrakkonta l-esperjenzi spiritwali tagħha. Għalkemm ma żviluppa ebda kult madwarha, l-esperjenzi tagħha iqegħduha f'komunità ta' qaddisin li esperjenzaw lil Kristu b'mod intimu, biex b'hekk juru l-qawwa tal-viżjoni mistika u t-talb, filwaqt li jagħtu xhieda tat-tbatijiet u d-diffikultajiet fil-ħajja tad-dixxiplu.

Li nafu dwarha nsibuh f'*Il-Ktieb* tagħha stess. *Il-Ktieb* jirrakkonta l-ħajja ta' Margery Kempe, għalkemm mhux f'ordni kronoloġika. Kienet minn Bishop's Lynn (illum King's Lynn), Norfolk. Nafu li kienet ġejja minn familja tat-tajjeb. Wara ż-żwieġ u l-ħlas diffiċli tal-ewwel wild, Kempe bdiet tirċievi viżjonijiet ta' Kristu li ssuktaw matul il-bqija ta' ħajjitha. Hi kienet lajka, miżżewġa u omm ta' erbatax-il tifel u tifla. Wara li kellha t-tfal, Kempe ddeċidiet, flimkien ma' żewġha, li jgħixu ħajja ta' kastità. Il-milja ta' din il-ħajja ntlaħqet permezz taż-żwieġ mistiku ma' Kristu. Kempe hija magħrufa għall-viżjonijiet mistiċi tagħha, għall-pellegrinaġġi madwar l-Ewropa u Ġerusalemm, kif ukoll għall-biki storbjuż tagħha, aspett li ser jiġi ttrattat aktar 'il quddiem.

Kien hemm tħassib serju minn ċerti naħat li Kempe kienet tagħmel parti minn grupp eretiku msejjaħ Lollardiżmu. Din l-għaqda kienet tinkludi ħassieba li kienu jisħqu li l-Iskrittura għandha tiġi maqluba fl-ilsien tal-post u li t-talb lill-qaddisin u l-pellegrinaġġi kienu korrotti. Kienu jħaddnu wkoll it-twemmin li l-ħobż u l-inbid fl-Ewkaristija ma kinux il-ġisem u d-demm vera ta' Kristu. Għal Kempe, li kienet spiss tilbes l-abjad u tesprimi l-emozzjonijiet tagħha b'mod pjuttost spettakolari,

dan kien ifisser li kien hemm ir-riskju li titqies bħala eretika u tiġi maħruqa ħajja. Konxja ta' dan ir-riskju, Kempe kienet devota ħafna tal-Ewkaristija. Kienet toqgħod ħafna attenta biex tkun fit-triq it-tajba u korretta (ortodossa) fil-ħsibijiet tagħha. Ta' sikwit kienet tieħu pariri minn isqfijiet u qassisin dwar l-esperjenzi tagħha. Għalhekk, Kempe kienet tkejjel l-esperjenzi tagħha fi ħdan il-Knisja stess.

## *Il-Ktieb ta' Margery Kempe* u l-kunċett ta' *awtobijografija*

*Il-Ktieb* ta' Margery Kempe jista' jitqies bħala l-ewwel 'awtobijografija' fil-letteratura Ingliża. Aspett straordinarju fl-istorja ta' Margery Kempe kien li għalkemm kienet magħrufa sewwa bħala mistika fiż-żmien Medjevali permezz ta' xi bċejjeċ qosra mill-viżjonijiet tagħha, il-manuskritt komplut bl-awtobijografija sħiħa tagħha nstab fis-27 ta' Diċembru, 1934.[1]

Il-proċess ta' kif ġie msensel il-ktieb kien kemxejn ikkumplikat; proċess li kien jinvolvi diversi persuni. Għalkemm Kempe hija l-protagonista u fil-ktieb tqis lilha nnifisha bħala "din il-ħlejqa" u hu miktub fit-tielet persuna, il-ktieb ma ġiex miktub minnha iżda minn persuni li hi stqarret l-istorja tagħha magħhom. Dan iwassal għal żewġ punti importanti. L-ewwel nett, dan jixħet dawl fuq l-idea ta' awtur fil-Medjuevu, idea li hi kompletament differenti mill-idea taż-żmien kontemporanju.[2] Għalhekk, f'dan il-kuntest, forsi l-kelma 'awtobijografija' tista' tkun kemxejn riġida meta jitqies il-proċess kollu.[3] It-tieni punt hu li l-fatt li x'aktarx Margery Kempe ma kinetx taf taqra u tikteb m'għandux iwassal għall-konklużjoni li kienet illitterata. Kempe kellha edukazzjoni ta' żmienha li kienet tikkonsisti f'memorizzazzjoni ta' xogħlijiet importanti u anki prietki minn qassisin. Fil-kapitlu 14 tal-ktieb, Kempe tistqarr li tgħallmet l-Iskrittura permezz ta' omeliji.[4]

Hu fatt kurjuż li għalkemm *Il-Ktieb* fih deskrizzjoni viżiva u intima tal-ħajja ta' kuljum fejn il-ħajja spiritwali u dik domestika huma minsuġin flimkien, fl-istess ħin, uħud mill-familjari, fosthom it-tfal tagħha, bilkemm jissemmew. Jissemma biss l-effett tagħhom fuq il-ħajja spiritwali ta' Kempe. Dan kollu juri li l-esperjenza spiritwali u l-bidla radikali permezz tagħha, anki fil-ħajja ta' kuljum, huma l-qofol tal-ktieb kollu.

Meta jitqies *Il-Ktieb* kollu, jista' jiġi nnutat kliem bil-Latin u anki referenzi għal esperjenzi ma' nies bħall-mistika kontemporanja ma' Kempe, Ġuljana ta' Norwich. Il-proċess ikkumplikat ta' kif il-ktieb wasal għandna juri kif ħafna min-nisa f'dak iż-żmien kellhom jinqdew b'nies ta' ċerta edukazzjoni jew inkella qassisin, biex jiktbu.[5]

Fl-aħħar mill-aħħar, kif jgħid Anthony Bale, il-mod ikkumplikat ta' kif ġie għandna *Il-Ktieb* ta' Margery Kempe jirrifletti xogħlijiet oħra mistiċi ta' dawk iż-żminijiet u l-idea apofatika ta' kif ħafna mistiċi kienu jitħaddtu dwar Alla, esperjenza ta' Alla li tmur lil hinn miż-żmien u l-ispazju.[6]

*Il-Ktieb* juri wkoll influwenza qawwija minn qaddisin oħra, fosthom Santa Briġida tal-Iżvezja. Din kienet influwenza importanti għal persuna bħal Margery Kempe meta wieħed iqis li Santa Briġida kienet ukoll mara miżżewġa li kienet membru tal-familja rjali Żvediża u kellha tmien ulied, filwaqt li kienet ukoll viżjunarja. Dan il-fatt importanti, li juri li l-aktar esperjenzi qawwija ta' Kristu mhumiex esklussivi għal stat ta' ħajja partikulari, jgħin ukoll biex jingħata s-siġill ta' awtentiċità u ortodossija lill-esperjenzi ta' Kempe.

**Il-viżjonijiet ta' Kempe**

Fil-kuntest tal-Medjuevu, id-divin kien imżewweġ mal-ħajja ta' kuljum. Tispikka b'mod qawwi d-deskrizzjoni fiżika ta' Kristu fejn xi drabi dan jidher bħala t-tfajjel ċkejken li Kempe taħsel u tbus bi mħabba ta' omm.[7] Dawn kienu tixbihat pjuttost komuni qalb diversi mistiċi nisa f'dawk iż-żminijiet. F'uħud mill-viżjonijiet li kellha Kempe, hi tiddeskrivi lil Kristu b'mod tassew viżiv u senswali. It-tixbihat erotiċi kienu komuni fil-letteratura mistika ta' dak iż-żmien.[8]

Eżempju wieħed hu d-deskrizzjoni ta' Kristu bħala raġel sabiħ fi tradizzjonijiet bħal ta' Santa Katerina ta' Siena. Din hi tradizzjoni influwenzata kemm mill-interpretazzjoni ta' *L-Għanja tal-Għanjiet*, fejn il-mara tqis lilha nfisha bħala l-Għarusa ta' Kristu, u kif ukoll mit-Teoloġija tal-Imħabba ta' Bernardu ta' Clairvaux.[9] Naraw din it-tixbiha fiż-żwieġ mistiku ta' Kempe ma' Kristu, deskritt f'kapitlu 35. Fil-kapitlu ta' wara, l-intimità tal-koppja tiġi estiża għar-relazzjoni ta' bejn Kristu u Kempe. F'din il-viżjoni, Kristu jgħidilha: "Kemm-il darba għedtlek

li ħfirtlek dnubietek kollha. Għalhekk irrid inkun intimu miegħek u nimtedd fis-sodda miegħek."[10] Matul il-vjaġġ tal-esperjenza mistika ta' Kempe, naraw l-esperjenza mistika tagħha ma' Kristu deskritta f'termini familjari. Saħansitra ċ-ċerimonja taż-żwieġ mistiku hija deskritta b'dettalji partikolari bħal, ngħidu aħna, il-wegħdi u x-xhieda – dettalji li jagħtu ħjiel taż-żwieġ Medjevali.[11] Kempe, fir-rwol tagħha bħala mara miżżewġa, toħroġ tixbiha tassew erotika f'kapitlu 36, fejn fil-viżjoni, Kristu jgħidilha dan il-kliem: "Għalhekk tista' teħodni f'dirgħajn ir-ruħ tiegħek u tbus lil ħalqi, rasi, u saqajja bi ħlewwa liema bħalha."[12]

## Il-pellegrinaġġi u l-biki ta' Kempe

Parti importanti tal-ktieb hija ddedikata lid-diversi vjaġġi li għamlet Kempe bejn is-snin 1413 u 1419. Dawn il-vjaġġi jagħtu stampa ċara ta' kif kien isir l-ivvjaġġar f'dawk iż-żminijiet, kif ukoll dwar kundizzjonijiet, diffikultajiet u l-perikli li kienu jiltaqgħu magħhom il-vjaġġaturi. Kempe vjaġġat mhux ħażin, għalkemm bil-permess tar-raġel, u mid-dehra dan ma kienx fenomenu daqshekk rari. Naqraw dwar diversi pellegrinaġġi fl-Ewropa, fl-Art Imqaddsa u f'Ruma fejn iseħħ iż-żwieġ mistiku tagħha ma' Kristu.

Għalkemm *Il-Ktieb* ta' Kempe jirrifletti tipi ta' ġeneri differenti, id-deskrizzjonijiet tal-pellegrinaġġi tagħha, speċjalment il-pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm, jistgħu jitqiesu bħala l-qofol tal-ktieb kollu u tal-esperjenza spiritwali ta' Kempe. Dan huwa minnu għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, ir-rakkont tal-vjaġġ tagħha jinsab litteralment fin-nofs tal-awtobijografija.[13] Barra minn hekk, il-vjaġġ tagħha lejn Ġerusalemm, speċjalment il-meditazzjoni u r-riflessjoni tagħha fuq il-passjoni ta' Kristu, jistgħu jitqiesu bħala mument kruċjali fit-trasformazzjoni spiritwali ta' Kempe, u jħejji wkoll għaż-żwieġ mistiku li Kempe esperjenzat meta kienet Ruma.[14] Fatt kurjuż hu li l-esperjenza taż-żwieġ mistiku tinsab fiċ-ċentru tal-ktieb. Normalment, iż-żwieġ mistiku jintlaħaq fil-quċċata tal-esperjenza spiritwali. Din id-differenza tista' tixħet dawl fuq il-fatt li din l-esperjenza tikkonkludi l-perjodu tal-vjaġġi tagħha, filwaqt li tagħti bidu għal trasformazzjoni interjuri fil-ħajja spiritwali ta' Kempe; għalhekk hija ċentrali għall-ħajja spiritwali ta' Kempe.[15]

Wara dawn il-vjaġġi, Kempe għażlet stil ta' ħajja aktar kast. Il-vjaġġ lejn Ġerusalemm jaffettwa l-bqija ta' ħajjitha li tibqa' tiġi riflessa fid-dawl ta' din il-meditazzjoni tal-passjoni ta' Kristu. Skont Briġida tal-Iżvezja, dawk li jidħlu fis-Sepulkru bi ndiema sinċiera, jitnaddfu minn dnubiethom.[16] Hawnhekk tidher ukoll il-viżjoni ta' Ġerusalemm minn lenti ta' spiritwalità mistika femminili.[17] Il-vjaġġ lejn Ġerusalemm jixħet dawl fuq il-viżjoni Medjevali ta' Ġerusalemm bħala ċ-ċentru ġeografiku u simboliku tad-dinja.[18] Barra minn hekk, Ġerusalemm hija deskritta bħala l-belt tal-passjoni u l-mewt ta' Kristu.[19] Għall-Insara ta' dak iż-żmien, "li kienu jidentifikaw ruħhom mad-dixxendenti ta' Adam u Eva, il-vjaġġ lejn il-Lvant, lejn Ġerusalemm, kien simbolikament assoċjat mal-vjaġġ lejn darhom fil-Ġenna, il-post mifdi permezz ta' Adam il-ġdid u Eva l-ġdida."[20] F'kapitlu 28, Kempe tirrakkonta l-viżjoni tal-belt ta' Ġerusalemm tas-sema, viżjoni li tfakkar fil-viżjoni li tinsab fl-Apokalissi (13, 8).

Madankollu, il-vjaġġi ma kinux faċli. Kempe spiss tirrakkonta esperjenzi negattivi f'diversi forom. Pereżempju, f'kapitlu 26, Kempe tirrakkonta kemm sħabha li kienu qed jivvjaġġaw magħha kienu jgħadduha biż-żmien minħabba l-biki tagħha fil-pubbliku. Kienu jippruvaw iwaqqgħuha għaż-żuffjett billi jpoġġuha 'l bogħod mill-oħrajn fuq il-mejda.[21] Iżda dawn jistgħu jitqiesu bħala r-riflessjoni tal-vjaġġ ta' ndiema li kienet qed tagħmel Kempe. Fi kliem ieħor, dawn id-diffikultajiet jistgħu jitqiesu bħala l-*Via Crucis* tad-dixxiplu li jsegwi lil Kristu anki fid-diffikultajiet tal-ħajja.[22] Huma l-esperjenzi tad-dixxiplu li segwa l-passi ta' Kristu, li ma jiġix mifhum minn dawk ta' madwaru. Huwa eżempju ċar ħafna tal-ispiritwalità li tiġi mgħixa anki permezz ta' modi l-aktar umani u limitati. Id-diffikultajiet iservu bħala mezz biex wieħed jersaq lejn Kristu.

Kempe tibqa' magħrufa għall-emozzjonijiet reliġjużi tagħha fil-pubbliku, speċjalment il-biki tagħha li kien espressjoni tal-esperjenzi qawwijin li kienet għaddejja minnhom, speċjalment is-sens ta' sogħba u ndiema. Dan intensifika sew wara l-mawra tagħha f'Ġerusalemm. Din is-sensibbiltà reliġjuża kienet karatteristika taż-żmien Medjevali tardiv.[23] Ċerti studjużi jikkonkludu li Kempe kienet tbati minn kundizzjonijiet ta' paranoja u newrotiżmu. Hu fatt li Kempe batiet ħafna wara t-twelid

ta' wieħed minn uliedha. L-ewwel kapitlu jibda bir-rakkont ta' din l-esperjenza trawmatika li Kempe għaddiet minnha.[24] Però, min-naħa l-oħra huwa fatt problematiku li tingħata djanjożi bil-metodi tas-seklu wieħed u għoxrin fuq persuna li għexet mijiet ta' snin ilu, f'kuntest soċjali u kulturali kompletament differenti.[25] Huwa impossibli li persuna li għexet fiż-żmien Medjevali bis-sensibbiltà reliġjuża u mentalità karatteristika ta' dak iż-żmien, tiġi mkejla b'għodda u metodi ta' żmienna li jirriflettu soċjetà medikalizzata.[26] Li hu żgur hu li permezz tal-aġir tagħha fil-pubbliku, Kempe turi l-imħabba u l-indiema ġenwina tal-midneb li jinduna bil-grazzja kbira li rċieva mingħand Alla. Din l-esperjenza tad-dmugħ u l-indiema tmur lura għaż-żminijiet tal-Missirijiet u l-Ommijiet tad-Deżert.[27] Toħroġ ħafna l-idea tad-dmugħ bħala don mogħti minn Alla li wieħed għandu jirċievi b'sens ta' gratitudni.[28] Għalhekk, toħroġ ukoll it-tema tal-umiltà ta' Kempe bħala l-mudell tad-dixxiplu li jirċievi mingħajr ebda mertu. Matul *Il-Ktieb*, Kempe tidher f'żewġ irwoli: kemm bħala viżjunarja, kif ukoll bħala martri kontemplattiva permezz ta' dawn l-esperjenzi ta' sogħba fil-pubbliku.[29]

Dan ifakkarna wkoll fil-mara li marret tidlek riġlejn Kristu bil-fwieħa u tesprimi s-sogħba tagħha f'Luqa 7, 36-50. Kif jgħid Kristu lil dawk ta' madwaru: "Dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna." Hija wkoll l-esperjenza li kellu Pawlu wara l-esperjenza ta' Damasku. L-esperjenzi mistiċi ta' Kempe iwassluha biex tlissen il-frażi li baqgħet tissemma għaliha Kempe: "X'ħasra li dnibt! Hemm daqshekk ferħ fil-ġenna." L-indiema u l-umiltà ta' Kempe joħorġu wkoll mill-fatt li kontinwament tirreferi għaliha fit-tielet persuna bħala "dik il-ħlejqa." Ir-ruħ għatxana għal Alla tirrealizza l-isfortuna tad-dnub li jifred mill-imħabba dejjiema.

**Konklużjoni**

*Il-Ktieb* ta' Kempe huwa xhieda tal-ħajja ta' persuna bil-kumplessità kollha li daqet il-profondità tal-imħabba t'Alla u tixtieq turi dan il-fatt lil ta' madwarha. Minkejja l-esperjenzi qawwija li għaddiet minnhom u d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom, anki min-naħa ta' qassisin u oħrajn, Kempe dejjem baqgħet fit-triq ta' ortodossija. Il-fatt li ssemmi qaddisin bħal Katerina, Margerita, Ġuljana ta' Norwich, u Marija

Maddalena fl-esperjenzi tagħha huwa xhieda tal-fatt li hi tappella għal figuri nisa qawwija ta' għerf, saħħa, ħniena, u tbatija, figuri aċċettati fi ħdan il-Knisja.[30]

Mhux daqstant importanti li ma nbeniex xi kult madwarha u li ma ġietx kanonizzata, għalkemm kellha fama ta' qdusija anki qalb komunitajiet monastiċi. L-aktar aspett importanti li jasal għandna permezz tal-*Ktieb* hu li s-sejħa għall-esperjenza mistika hija sejħa li tmur lil hinn minn stil ta' ħajja partikulari. Alla jitkellem bl-esperjenza partikulari tal-persuna partikulari. Naraw il-milja tal-ħajja spiritwali ta' mara miżżewġa, omm, u mistika fl-istess ħin. *Il-Ktieb* jagħti xhieda għall-miġja ta' Kristu fil-bniedem sħiħ, bit-tajjeb u l-ħażin u fil-ħajja ta' kuljum. Il-mistiċiżmu mhux distakkat mill-bqija tal-ħajja tal-bniedem. L-esperjenza ta' Kempe hija xhieda tal-fatt li Alla dejjem lest li jidħol fil-qalba tal-bniedem u jittrasforma l-bniedem sħiħ fi qdusija.

## Noti

1. Ara Anthony Bale, 'Introduction' *Il-Ktieb (The Book of Margery Kempe*,) maqlub għall-Ingliż modern minn Anthony Bale (Oxford: Oxford University Press, 2015), ix-x.
2. Ara ibid., xvii.
3. Ara ibid., xxviii.
4. Margery Kempe, *Il-Ktieb* (*The Book of Margery Kempe*), (Oxford: Oxford University Press, 2015), 31.
5. Ara Anthony Bale. 'Introduction', xix.
6. Ara ibid., xx. It-test bl-Ingliż jgħid hekk: "Such a God cannot be confined to words, is not defined by time and space, and cannot be positively described."
7. Aktar dettalji fuq dan l-aspett jinsabu fil-ktieb *The Christ Child in Medieval Culture: Alpha Es et O!* ed. Mary Dzon u Theresa M. Kenney (Toronto/Buffalo/London: University of Toronto Press, 2012).
8. Ara Władysław Witalisz, "I cluppe and I cusse as I wood wore": Erotic Imagery in Middle English Mystical Writings," *Text Matters* vol. 3, nru. 3 (2013): 65.
9. Ara ibid.
10. *Il-Ktieb*, 83.

11. Ara Witalisz, "I cluppe and I cusse as I wood wore," 66.
12. *Il-Ktieb*, 83: "And therefore you may boldly take me in your soul's arms and kiss my mouth, my head, and my feet as sweetly as you wish."
13. Ara Naoë Kukita Yoshikawa, "The Jerusalem Pilgrimage: The Centre of the Structure of The Book of Margery Kempe," *English Studies* 86, nu. 3 (2005): 193.
14. Ara Bale, "Introduction," xxvi.
15. Ara Yoshikawa, "The Jerusalem Pilgrimage," 198.
16. Ara ibid.
17. Ara Sylvia Schein, "Bridget of Sweden, Margery Kempe and Women's Jerusalem pilgrimages in the Middle Ages," *Mediterranean Historical Review* 14, 1 (1999): 44-58.
18. Ara Yoshikawa, "The Jerusalem Pilgrimage," 193.
19. Ara Schein, "Bridget of Sweden," 51.
20. Ara ibid. It-test oriġinali bl-Ingliż igħid hekk: "For the Christians who identified themselves as the descendants of Adam and Eve, going eastward to Jerusalem was symbolically associated with the journey to their heavenly homeland redeemed by the second Adam and the new Eve."
21. Ara *Il-Ktieb*, 58-59.
22. Ara Bale, "Introduction," xxviii.
23. Ibid., xi.
24. Ara *Il-Ktieb*, 11.
25. Ara Bale, "Introduction," xxix.
26. Ara ibid.
27. Ara wkoll John Chryssavgis, *In the Heart of the Desert: The Spirituality of the Desert Fathers and Mothers* (Bloomington, Ind.: World Wisdom, 2003), 48–51.
28. Ara *Il-Ktieb*, 45; ukoll Jessie Gutsgell, "The Gift of Tears: Weeping in the Religious Imagination of Western Medieval Christianity," *Anglican Theological Review* 97, nu. 2 (2015): 249.
29. Għal aktar dettalji, ara Joel Fredell, "Margery Kempe: Spectacle and Spiritual Governance*," Philological Quarterly* 75, no. 2 (1996): 137-166.
30. Bale, "Introduction," xxi.

## Biblijografija


Bale, Anthony. "Introduction," *The Book of Margery Kempe*, maqlub għall-Ingliż modern minn Anthony Bale. Oxford: Oxford University Press, 2015, ix-xxxiii.

Chryssavgis, John. *In the Heart of the Desert: The Spirituality of the Desert Fathers and Mothers*. Bloomington, Ind.: World Wisdom, 2003.

Dzon, Mary – Theresa M. Kenney (ed.). *The Christ Child in Medieval Culture: Alpha Es et O!* Toronto/Buffalo/London: University of Toronto Press, 2012.

Fredell, Joel. "Margery Kempe: Spectacle and Spiritual Governance." *Philological Quarterly* 75, no. 2 (1996): 137-166.

Gutsgell, Jessie. "The Gift of Tears: Weeping in the Religious Imagination of Western Medieval Christianit." *Anglican Theological Review* 97, no. 2 (2015): 239-253.

Kempe, Margery. (*Il-Ktieb*) *The Book of Margery Kempe.* Oxford: Oxford University Press, 2015.

Schein, Sylvia. "Bridget of Sweden, Margery Kempe and Women's Jerusalem pilgrimages in the Middle Ages." *Mediterranean Historical Review* 14, 1 (1999): 44-58.

Witalisz, Władysław. "I cluppe and I cusse as I wood wore": Erotic Imagery in Middle English Mystical Writings." *Text Matters* vol. 3, nu. 3 (2013): 58-70.

Yoshikawa, Naoë Kukita "The Jerusalem Pilgrimage: The Centre of the Structure of The Book of Margery Kempe." *English Studies* 86, no. 3 (2005): 193-205.

# Il-mistiċiżmu ta’ Simone Weil: it-tfittxija għal Alla fl-esperjenza tal-kenosi

Dr Tyrone Grima

Il-Papa Pawlu VI qies qis il-kitbiet ta’ Simone Weil fost l-aktar influwenzi importanti fil-ħajja spiritwali tiegħu. Il-kittieb u filosfu magħruf Franċiż, Albert Camus għamel ftit ħin ta’ meditazzjoni f’kamritha qabel ma siefer lejn Stockholm biex jirċievi l-Premju Nobel. Imma Leon Trotsky, il-politikant Russu, stqarr li kienet sempliċement revoluzzjonarja melankonika filwaqt li Charles De Gaulle ddeskrivieha bħala mara li miskina tilfet rasha. Min kienet din il-persuna, li għadha sal-lum tqanqal ħafna diskussjoni qalb il-ħassieba, li minn banda jqisuha bħala waħda mill-iktar mistiċi profondi li ra s-seklu għoxrin, u mill-banda l-oħra, jirriduċuha għall-persuna kontroversjali li xejn ma kienet f’sikkitha? Dan l-artiklu ħa juri min kienet Simone Weil, kif ukoll jispjega għala ma kenitx mifhuma fi żmienha u kif l-ispiritwalità tagħha qed tiġi skoperta fi żminijietna bħala spiritwalità rilevanti ferm għall-bniedem kontemporanju.

**Min kienet Simone Weil?**

Simone Weil twieldet f’Pariġi fl-1909 f’familja afluwenti. Dan kien it-tmiem tal-*belle époque*, żmien ta’ bosta tibdiliet kemm fi Franza kif ukoll fl-Ewropa. Sa minn ċkunitha, Simone wriet interess qawwi fid-dinja tal-istudju u kienet midħla sewwa tal-iżviluppi kollha kemm artistiċi, kif ukoll politiċi, li kienu qegħdin iseħħu madwarha.

Iggradwat fil-Filosofija mill-*Ecole Normale Supérieure* u ħadmet bħala lettur sakemm iddeċidiet li titlaq il-pożizzjoni tagħha biex taħdem fil-fabbriki. Simone waslet għal din id-deċiżjoni kemxejn stramba minħabba l-interess u l-imħabba li kellha għall-klassi tal-ħaddiem. Meta kienet għadha qed tgħallem, ta’ spiss kienet tipparteċipa fuq quddiem

nett fil-protesti għad-drittijiet tal-ħaddiema, anki jekk kienet taf li dan seta' jwassalha biex titlef l-impjieg tagħha. Kienet ukoll tqatta' sigħat sħaħ filgħaxijiet tgħallem lill-ħaddiema biex tgħinhom itejbu l-livell edukattiv tagħhom. Imma xorta waħda Simone ħasset li ma kinitx qed tagħmel biżżejjed għall-ħaddiema. Għalhekk, u biex ikollha esperjenza iktar diretta ta' ħajjet il-ħaddiem, Weil bdiet taħdem fil-fabbriki. Wara esperjenza ta' sena, Simone sofriet minn eżawriment. Ftit wara, issieħbet fil-Gwerra Ċivili Spanjola bl-għan li tissielet kontra l-Ġeneral Franco. Imma ħadd ma fdaha b'arma f'idejha u minflok talbuha biex tgħin billi ssajjar. Il-problema kienet li lanqas fit-tisjir ma kienet wisq ta' għajnuna għax spiċċat biex bi żball taqleb il-kaldarun u tinstamat. Kien f'dan il-punt li l-ġenituri tagħha ħeġġuha biex wara li tfieq Simone tibda tivvjaġġa, xejn xejn biex forsi ma tidħolx f'xi basla oħra.

Kien waqt l-ivvjaġġar tagħha fl-Italja li Simone kellha l-ewwel esperjenza mistika tagħha. Ta' min jgħid li minkejja li Weil kellha għarfien sewwa tar-reliġjonijiet, hi ma kinitx prattikanti. Familtha kienet Lhudija imma la ommha u lanqas missierha ma kienu jagħtu importanza lit-twemmin tagħhom. Imma Simone, fil-kitbiet tagħha, tgħid li meta kienet fil-Porziuncola f'Assisi ħasset ġibda fiha biex tinżel għarkupptejha u għall-ewwel darba f'ħajjitha tibda titlob. Minn hemmhekk beda vjaġġ ġdid għal din il-mara li bdiet tipprova tifhem ir-rieda ta' Alla f'ħajjitha. Sfortunatament, kien ukoll iż-żmien meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Minħabba l-oriġini Lhudija tagħhom, il-familja Weil kellha titlaq mill-kapitali Franċiża u tmur tgħix fin-nofsinhar tal-pajjiż, fejn hemmhekk Simone għamlet ħbiberija spiritwali mad-Dumnikan Patri Joseph Perrin li serva bħala direttur tagħha. Dan il-proċess wassal lil Simone biex tagħraf li s-sejħa tagħha kienet li tibqa' barra mill-Istituzzjoni tal-Knisja Kattolika u ma titgħammidx ħalli tkun eqreb lejn l-emarġinati, jiġifieri dawk li ma setgħux ikunu parti mid-dinja tal-Istituzzjoni.

Minħabba s-sitwazzjoni politika, il-familja Weil salpat minn Franza u emigraw għal New York. Imma Simone ma xtaqitx tibqa' hemmhekk għal żmien twil. Il-pjan tagħha kien li taqsam l-Atlantiku sar-Renju Unit biex wara ftit tkun tista' tinżel bil-paraxuwt lura f'pajjiżha biex tkun tista' tagħti sehemha fir-*Résistance*. Minkejja li rnexxielha tasal sal-Ingilterra, Simone ma ngħatatx il-permess li tinżel Franza. Minflok

bdiet tnaqqas mill-ammont ta' ikel tagħha biex tipparteċipa fit-tbatija li niesha kienu qegħdin jgħaddu minnha taħt il-ħakma Nażista. Kien dan is-sagrifiċċju li wassal għal mewta bikrija ta' Simone Weil fl-1943. Ġiet midfuna f'ċimiterju ċkejken f'Ashford. Seba' persuni biss kienu preżenti għad-difna tagħha.[1]

Abbli Simone Weil kienet tintesa għalkollox li ma kinux għal kitbiet tagħha li ġew skoperti ferm wara mewtha. Ħafna minn dawn il-kitbiet, partikolarment dawk ta' natura spiritwali, huma kitbiet personali u Weil qatt ma kellha l-ħsieb li jiġu ppubblikati. Huwa permezz tagħhom li llum nafu kemm din il-mara kellha relazzjoni profonda ma' Sidna Ġesù Kristu.

### X'inhi l-ispiritwalità ta' Simone Weil u x'toffri lill-bniedem kontemporanju?

L-ispiritwalità ta' Simone Weil hija spiritwalità apofatika. Ir-relazzjoni tagħha mad-Divin mhix imsejsa fuq kemm taf lil Alla, għax skont Weil lil Alla ma nistgħux nagħrfuh minħabba l-limitazzjonijiet umani tagħna. Għalhekk Weil titkellem fuq l-l'Alla assenti u l-l'Alla tax-xejn, fejn naraw kemm kienet influwenzata mill-kitbiet ta' mistiku ieħor, San Ġwann tas-Salib.

Biex nifhmu dan il-kunċett aħjar, nistgħu nieħdu bħala eżempju l-mod ta' kif Simone Weil kienet tħares lejn l-att tal-Ħolqien. Għal ħafna Nsara Alla ħalaq b'mod attiv. L-immaġini tagħna, xi ftit jew wisq marbuta mar-rakkont tal-ktieb tal-Ġenesi, kif ukoll mal-kapolavuri tal-arti ta' żmien ir-Rinaxximent, huwa ta' Alla li qed jagħmel azzjoni konkreta sabiex joħloq. Weil taraha b'mod radikalment differenti. Għaliha Alla, li jista' kollox, warrab lilu nnifsu biex permezz ta' din il-kenosi, il-ħolqien seta' jseħħ. Fl-imħabba infinita tiegħu għall-umanità kien lest li jiġġenneb biex jagħtina l-ispazju biex aħna nkunu nistgħu neżistu.[2] Dan l-ispazju mhuwiex tagħna imma misluf lilna mill-milja tal-imħabba tal-Ħallieq.

Dan l-istess kunċett Weil tarah jirripeti ruħu f'diversi aspetti tal-istorja tas-salvazzjoni. Alla jixxejjen meta jagħżel li jinħeba fil-ġuf ta' ommu Marija u meta jitwieled fil-belt ċkejkna u minsija ta' Betlem f'għar.[3] Għal Weil l-istess misteru jseħħ fuq il-Golgota meta Ġesù Kristu jixxejjen fuq is-salib biex jesperjenza l-iktar punt qawwi tat-tbatija umana biex fi kliem San Pawl:

> …hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu…ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib.
>
> (Filippin 2: 6-7a; 8).

Dan l-att passiv għandu l-implikazzjonijiet tiegħu. Jekk l-ispazju mhuwiex tagħna, anki jekk aħna ngħixu taħt l-illużjoni li huwa, għandna dmir li nagħtuh lura lill-Ħallieq. Bħalma Alla xxejjen għalina, aħna għandna nixxejnu[4] biex noħolqu spazju vojt fejn din il-laqgħa ta' mħabba bejna u bejn Alla tista' sseħħ. Spiss 'it-tgeġwiġija' tal-ħajja twaqqafna milli nirrelataw ma' Alla. Dak kollu li ma jwassalx għal għand Alla għandu jitneħħa sabiex l-intimità profonda mal-għajn tal-Imħabba tintlaħaq. [5]

Dan il-ħsieb ta' Simone Weil jagħti ċanfira qawwija lill-kultura kontemporanja tagħna li tisħaq l-individwaliżmu. L-enfasi kemxejn ossessiva fuq id-dehra personali hija iktar qawwija minn qatt qabel. Il-midja qiegħda l-ħin kollu tfakkarna biex insebbħu lilna nnfusna u tippreżentalna għadd ta' mudelli li juruna kif għandu jkun il-ġisem ideali, u kif inhu l-aħjar mod ta' kif inlibbsuh biex inkunu konformi mal-esiġenzi tas-soċjetà. Weil ma kenitx bniedma li ma kellhiex interess fl-estetika.[6] Bil-kontra, bħala persuna li kellha l-għeruq tal-filosofija tagħha fil-ħsibijiet Platoniċi, kienet temmen li l-isbuħija ġejja mid-Divin.[7] Kellha ammirazzjoni kbira għall-arti viżiva u kienet midħla sew ta' dan il-qasam. Imma Weil kienet temmen li jekk l-isbuħija ma twassalniex biex niftakru fi sbuħija ferm ogħla u fix-xejn tagħna, din l-isbuħija ma tkunx laħqet l-iskop tagħha.

L-ispiritwalità ta' Simone Weil, però, mhux waħda apofatika biss. L-element appostoliku huwa evidenti wkoll. Huma r-relazzjonijiet umani li jwasslu lill-bniedem li jirrelata ma' Alla għax kif jikteb Ġwanni fl-ewwel Ittra tiegħu 'jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin' (Ġwanni 1, 4: 11). Weil kellha mħabba partikolari għal min kien imwarrab fis-soċjetà u dan it-twemmin joħroġ ċar ħafna wkoll fir-relazzjoni tagħha ma' Alla. Fil-fatt kif diġà rajna Weil kellha interess fid-dinja soċjali u politika ta' żmienha, u kienet attiva ħafna biex tiddefendi d-drittijiet ta' min kien maħqur. Għalhekk kienet dejjem lesta li teħodha kontra l-awtoritajiet li kienu ta' spiss jagħksu l-minoranzi

biex iżommu l-*istatus quo*. Din ix-xiżma bejn l-istituzzjoni u dawk li ma jikkonformawx; bejn il-konservattivi u l-liberali; bejn 'aħna' u 'huma'; bejn min hu ta' ġewwa u l-barrani hija dinamika li Weil tikkundanna totalment. Il-kliem tagħha huwa iebes u mingħajr xinxilli, u jċanfar lill-mentalità kontemporanja li għadha tagħmel dawn id-diviżjonijiet u qasmiet. Skont Weil kull att ta' inġustizzja mhix biss attakk lejn dik il-minorità kkonċernata imma ġerħa għall-pajjiż kollu:

> Kull darba li jisfa insultat bniedem Għarbi jew mill-Indoċina mingħajr ma jista' jwieġeb lura, li jiġi msawwat mingħajr ma jista' jiddefendi ruħu, li jiġi mġiegħel ibati l-ġuħ mingħajr ma jista' jipprotesta, li huwa maqtul qisu xejn mhu xejn, hija Franza li qed tiġi diżonorata. Sfortunatament, qed tkun diżonorata kuljum.[8]

Il-leħen ta' Simone Weil huwa wkoll rilevanti f'dinja fejn il-pluraliżmu reliġjuż jinħass iktar minn qatt qabel. Is-soċjetà kontemporanja qed tissielet f'tensjoni bejn sekulariżmu ferventi u fundamentaliżmu reliġjuż li qed jikber f'għadd ta' pajjiżi mal-firxa tad-dinja. Għal Weil id-diversità ta' espressjonijiet reliġjużi hija rikezza fir-realtà umana. Mingħajr ma tħaddan is-sinkretiżmu jew ir-relattiviżmu, Weil togħdos fil-ġmiel ta' spiritwalitajiet lil hinn mill-Kristjaneżmu biex tixtarr il-kumplessità tal-ispiritwali, u tislet paralleli bejn l-ispiritwalità Nisranija u l-ispiritwalitajiet tal-Lvant u dawk li nibtu qabel il-miġja ta' Kristu. B'hekk hi tistedinna biex ma naqgħux fin-nasba li mingħalina nafu kollox jew li ksibna l-għarfien tal-verità sħiħa imma tqawwilna qalbna biex ikollna s-saħħa neċessarja biex nisfidaw ċerti ideat komdi li rreduċew lil Alla skont il-bżonnijiet tagħna. Din hija tisfija biex it-twemmin ikun aktar sod, u ma jkunx ibbażat iktar biss fit-tradizzjoni jew fit-trobbija, imma f'relazzjoni profonda ma' Ġesù Kristu.

Aspett essenzjali tal-ispirtwalità ta' Simone Weil tisħaq fuq l-importanza tax-xogħol. Weil kienet midħla (u kritika) sew tal-kitbiet ta' Marx, kif ukoll, kif rajna, interessata ħafna fil-psikoloġija tal-ħaddiem. Imma għaliha x-xogħol ma kienx biss fenomenu soċjoloġiku. Weil għarfet li x-xogħol mhux talli mhuwiex kastig minn Alla jew m'għandux ikun forma ta' oppressjoni, imma grazzja li tgħin biex

tinbet relazzjoni bejn l-uman u d-Divin. Hija s-soċjetà li ma fehmitx l-għan tax-xogħol fil-ħajja tal-bniedem u li tirriduċi din l-attività għall-proċess ekonomiku li spiss joħnoq l-identità tal-persuna a skapitu tal-bżonnijiet tal-produzzjoni.[9] Il-viżjoni tagħha hija li l-ħaddiem iżejjen id-dinja tax-xogħol permezz tal-individwalità tiegħu, biex b'hekk, f'armonija mal-kollegi tiegħu jkun jista' jkattar is-sliem u l-imħabba. Ta' min jgħid, li b'daqshekk, Weil mhix qed tippromwovi kultura ta' individwaliżmu: dan il-ħsieb huwa radikalment bil-kontra tal-filosofija ta' din il-mistika Franċiża. Għal Weil, kemm l-involviment politiku, kif ukoll ix-xogħol, huma mezz biex il-bniedem jixxejjen biex iservi ta' istrument biex l-attenzjoni ddur fuq il-bżonnijiet ta' għajru.[10] Din il-viżjoni ta' Weil hija sfida għad-dinja tal-lum daqskemm kienet għas-soċjetà li għexet fiha. Minkejja li l-kunċett tax-xogħol żviluppa ħafna u l-ħaddiema ħadu d-drittijiet u l-protezzjoni li jistħoqilhom, il-ħsibijiet ta' Weil xorta waħda jinħassu anki llum il-ġurnata bħala *avant garde*. Minkejja li l-aspett komunitarju żdied fil-postijiet tax-xogħol, fejn fuq il-mudell Amerikan, bosta huma s-sidien li jorganizzaw regolarment attivitajiet soċjali bejn il-ħaddiema, l-iskop jibqa' xorta waħda l-profit ekonomiku. Jekk il-benesseri tal-ħaddiem huwa enfasizat dan isir biss biex l-għaqda fid-dinja tax-xogħol twassal biex il-ħidma tkun iktar effiċjenti u produttiva. Għal Weil ix-xogħol huwa mezz u mhux għan aħħari. Skont Simone Weil, Alla huwa ħaddiem ukoll u fil-ħidma tiegħu Alla ta l-ispazju tal-libertà lill-bniedem. Għalhekk il-bniedem għandu jagħraf li x-xogħol jista' jwasslu biex jinħeles mill-egoiżmu tiegħu biex ikun ta' servizz għal għajru.

L-aħħar element tal-ispiritwalità ta' Simone Weil li jkellem b'mod radikali lill-bniedem kontemporanju huma l-ħsibijiet tagħha fuq ir-relazzjonijiet, partikolarment ir-relazzjonijiet intimi. Skont Weil, dawn ir-relazzjonijiet huma l-mutur li jgħin lill-bniedem jiżviluppa.[11] Forsi Weil, mara li qatt ma kienet f'relazzjoni intima ma' ebda persuna oħra, m'għandhiex titqies bħala awtorità fuq dan is-suġġett. Imma minkejja n-nuqqas ta' esperjenza f'dan il-qasam, Weil toffri ċerti sfidi, li għalkemm jafu jdarrsu, huma validi u mimlijin għerf. Illum il-ġurnata l-psikoloġija għallmitna kif għandna nindukraw ir-relazzjonijiet tagħna biex insaħħuhom iktar. Id-diffikultà, għallinqas jekk neżaminaw ir-

relazzjonijiet kontemporanji mil-lenti ta' Weil, hija li qiegħda tingħata wisq importanza lid-drittijiet tal-individwu, b'tali mod li meta tħobb lil xi ħaddieħor għandek xorta waħda tiffoka fuq ix-xewqat egoċentriċi tiegħek. Dan ifisser li jekk bniedem iħoss li l-ego tiegħu mhuwiex iggratifikat mir-relazzjoni, għandu jfittixha lil hinn mir-relazzjoni. Din il-kultura toħnoq l-intimità u tista' twassal għall-'qerda' tal-persuna l-oħra fir-relazzjoni meta x-xewqat tal-individwu jiġu imposti fuq il-persuna l-oħra. Fil-fatt ħafna drabi l-persuna tipproġetta fuq l-ieħor ix-xewqat tagħha b'tali mod li ma tarahx kif inhu imma kif tixtiequ li jkun.[12] F'dan il-kuntest, il-persuna tkun qed tgħix fantasija tal-gratifikazzjonijiet tagħha u mhux ir-realtà tar-relazzjoni. Ħafna enerġija tinħela biex tgħajjex dawn l-illużjonijiet li sikwit iwasslu għall-kriżijiet fir-relazzjoni meta tintlaħaq il-milja tal-eżawriment emozzjonali. Minflok, Weil tipproponi li biex il-bniedem jilħaq il-maturità fir-relazzjoni jrid iħobb il-persuna l-oħra mingħajr ma jipprova jissodisfa il-gratifikazzjonijiet tiegħu.[13] L-imħabba għandha tkun l-għotja sħiħa tal-persuna, fejn mhemmx iktar lok għal dawn l-illużjonijiet, għotja li twassal għal għand Alla.[14]

## Konklużjoni

L-ispiritwalità li għexet Simone Weil hija spiritwalità li toffri sfida lill-bniedem kontemporanju li jixtieq jidħol fil-profond fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Hija relazzjoni li titlob li wieħed jaċċetta x-xejn tiegħu u jieħu r-riskju li jagħmel il-qabża fi spazju vojt biex hemm hekk, għarwien u mingħajr rabtiet ta' illużjoni, jitħabbeb mal-Ħallieq tiegħu. Minkejja dawn l-elementi apofatiċi xorta waħda Weil temmen li l-imħabba hija mibnija fuq azzjoni, u li l-bniedem għandu jixxejjen b'atti ta' mħabba, bħalma Kristu stess ixxejjen, biex ikabbar is-Saltna ta' Alla fuq din l-art. Dan huwa l-mudell li għandna nimxu fuqu, l-istess mudell li Alla jurina kuljum fil-Misteru tal-Ewkaristija fejn jixxejjen fiċ-ċokon tal-Ostja. Huwa f'din il-kenosi li tinsab il-milja tal-imħabba.

…Jekk il-milja tal-ferħ tinsab fil-ħsieb li Alla hu, l-istess milja tinsab fil-ħsieb li aħna m'aħniex, għax huwa sewwasew l-istess ħsieb.[15]

## Noti

1. Għal iktar tagħrif dwar fatti bijografiċi dwar Simone Weil hemm għadd ta' xogħlijiet tajbin li niżżilthom fil-bibljografija li hemm fit-tarf ta' dan l-artiklu.
2. Simone Weil, "Cahier VI," f' *Œuvres Complètes: Cahiers (septembre 1941 – février 1942): La Science et l'Impensable* (Pariġi: Gallimard, 1997), 403.
3. Simone Weil, "Cahier VI," f' *Œuvres Complètes: Cahiers (septembre 1941 – février 1942): La Science et l'Impensable* (Pariġi: Gallimard, 1997), 313.
4. Importanti ħafna li dan il-ħsieb ma jinftehimx ħażin. Il-psikoloġija turina kemm huwa essenzjali li wieħed jibni *self-esteem* tajba u dawn id-dinamiċi spiritwali mhumiex qegħdin jiċħdu dan l-aspett. Fl-aħħar mill-aħħar persuna ma tistax tixxejjen jekk ma jkollhiex sens tagħha nnifisha, u dan is-sens jinbena permezz ta' stima pożittiva li wieħed għandu jindokra.
5. Simone Weil, "Cahier IV," f'*La Science et l'Impensable*, 117.
6. Simone Weil, "Lettres d'Italie," f'*Correspondance Familiale*, 208-225.
7. Simone Weil, "Cahier V," f' *La Science et l'Impensable*, 244.
8. 'Toutes les fois qu'un Arabe ou Indochinois est insulté sans pouvoir répondre, frappé sans pouvoir rendre les coups, affamé sans pouvoir protester, tué impunément, c'est la France qui est déshonorée. Et elle est, hélas, déshonorée de cette manière tous les jours.' Simone Weil, "Qui est coupable de menées antifrançaises?" f'*Œuvres complètes: Écrits historiques et politiques, Volume III: Vers la Guerre* (Pariġi: Gallimard, 1989),129. It-traduzzjoni mill-Franċiż hija mill-awtur stess ta' dan l-artiklu.
9. Simone Weil, "Sur l'idée de Ganuchaud et Canguilhem," f'*Œuvres complètes: Ecrits historiques et politiques, Volume II, L'Engagement Syndical* (Pariġi: Gallimard, 1988), 49.
10. Robert Coles, *Simone Weil: A Modern Pilgrimage* (Woodstock: SkyLight Paths, 2001), 59.
11. Simone Weil, "A Priori et Expérience,"f' *Œuvres Complètes: Premiers Écrits Philosophiques* (Paris: Gallimard, 1988), 368.
12. Simone Weil, "Cahier VI," f' *La Science et l'Impensable*, 381.
13. Martin Steffens, "<<Par le renoncement, nourris-toi>>," f'*Simone Weil*, ed. Emmanuel Gabellieri u François L'Yvonne (Pariġi: L'Herne, 2014), 379.
14. Simone Weil, "Cahier XIV," f' *Œuvres Complètes: Cahiers (juillet 1942-1943: La Connaissance Surnaturelle, Cahiers de New York et de Londres* (Pariġi: Gallimard, 2006), 297.

15. ‘Si on trouve la plénitude de la joie dans la pensée que Dieu est, il faut trouver la même plénitude dans la connaissance que soi-même on n’est pas, car c’est la même pensée.’ Weil, “Cahier VI,” 402.

## Biblijografija

### Kitbiet ta’ Simone Weil

Weil, Simone. *Œuvres Complètes: Premiers Écrits Philosophiques.* Pariġi: Gallimard, 1988.

‘_____’ *Œuvres complètes: Écrits historiques et politiques, Volume I: L’Engagement Syndical*. Pariġi : Gallimard, 1988.

‘_____’*Œuvres complètes: Écrits historiques et politiques, Volume III: Vers la Guerre*. Pariġi : Gallimard, 1989.

‘_____’ *Œuvres Complètes: Cahiers (septembre 1941 – février 1942): La Science et l’Impensable.* Pariġi: Gallimard, 1997.

‘_____’ *Œuvres Complètes: Cahiers: La Connaissance Surnaturelle – Cahiers de New York et de Londres (juillet 1942- juillet 1943)*. Pariġi: Gallimard, 2006.

‘_____’ *Œuvres Complètes: Correspondance, Volume I: Correspondance Familiale.* Pariġi: Gallimard, 2012.

### Bijografiji dwar Simone Weil

Cabaud, Jacques. *Simone Weil: A Fellowship in Love*. Londra: Harvill, 1964.

Du Plessix Gray, Francine. *Simone Weil*. New York: Lipper/Viking Book, 2001.

Hourdin, Georges. *Simone Weil*. Pariġi: Editions La Découverte, 1989.

Pétrement, Simone. *La Vie de Simone Weil.* Pariġi: Fayard, 1973.

### Kitbiet dwar Simone Weil

Coles, Robert. *Simone Weil: A Modern Pilgrimage.* Woodstock: SkyLight Paths, 2001.

Gabellieri, Emmanuel and François L’Yvonne, ed. *Simone Weil.* Pariġi: L’Herne, 2014.

Rozelle-Stone, A. Rebecca and Lucian Stone. *Simone Weil and Theology*. Londra/New York: Bloomsbury, 2013.

# Adrienne von Speyr: tabiba, kittieba u mistika

Mariella Catania

## 1. Introduzzjoni

Il-ħajja u l-kitbiet ta' Adrienne von Speyr jistgħu jitqabblu ma' dak in-nofs tal-qamar li jkun għadu inviżibbli għal għajnejna, għax ikun għadu ma wasalx il-jum li fih jiddi l-qamar kwinta, fejn nistgħu napprezzaw il-qamar sħiħ fis-sbuħija kollha tiegħu. Adrienne von Speyr twieldet fl-Iżvizzera fl-20 ta' Settembru 1902 u kellha tliet aħwa. Il-familja tagħha kienu Insara Protestanti. Sa minn età tenera hi ħasset ix-xewqa li ssir tabiba.

Minkejja diversi diffikultajiet fil-mixja edukattiva tagħha, speċjalment wara l-mewt ta' missierha u anke minħabba diffikultajiet kbar ta' saħħa,[1] hi irnexxielha tkompli l-istudji tagħha sakemm laħqet l-għan tagħha li ssir tabiba. Fl-1927, hi żżewġet lil Emil Durr li kien armel b'żewġt itfal żgħar u lettur fl-Università ta' Basel. Emil miet ħabta u sabta seba' snin wara li żżewġu u fl-1936 Adrienne daħlet fi żwieġ ieħor ma' Werner Kaegi li kien ukoll lettur fl-istess Università li fiha kien jgħallem l-ewwel raġel tagħha.

Kien ftit snin wara, sewwasew fl-1940 li von Speyr iltaqgħet għall-ewwel darba ma' Hans Urs von Balthasar, Ġiżwita li kien ukoll teologu. Matul din il-laqgħa kien hemm il-bidu ta' konverżjoni li wasslitha sabiex aktar tard matul dik is-sena, sewwasew fil-festa tal-qaddisin kollha, hi tiġi mgħammda fil-Knisja Kattolika. Minkejja l-ferħ kbir li ġabet magħha din il-konverżjoni, l-1940 kienet ukoll sena li fiha Adrienne ġarrbet attakk tal-qalb, li l-effetti tiegħu, flimkien ma' problemi fiżiċi oħra bħalma kienu d-dijabete u l-artrite, baqgħu magħha sal-aħħar ta' ħajjitha. Hi mietet fis-17 ta' Settembru 1967 u ġiet midfuna dakinhar li kellha tagħlaq ħamsa u sittin sena.

## 2. Il-mixja interna lejn il-konverżjoni

Fl-awtobijografija tagħha[2], Adrienne tgħid li fit-tfulija tagħha hi kienet tħossha ggwidata minn 'anġlu', li kien juriha ħafna affarijiet fosthom kif titlob u fuq il-valur tas-sagrifiċċju u l-penitenza. Żewġ mumenti importanti ħafna f'dan l-istess perjodu kienu 'laqgħa' ma' San Injazju ta' Loyola fil-forma ta' raġel li kien fqir ħafna u l-għarfien tal-awtur tar-raba' Vanġelu – San Ġwann. Peress li Adrienne kienet Protestanta, dawn l-affarijiet kollha ma tantx kienu jagħmlu sens għaliha, iżda hi u tikber bdew juruha li l-Protestantiżmu kellu xi ħaġa nieqsa li hi kellha għatx kbir li ssib x'inhi. Ta' 15-il sena hi kellha viżjoni tal-Madonna u minn dakinhar bdiet relazzjoni ta' intimità kbira mal-Verġni Marija, li laħqet il-milja tagħha wara l-konverżjoni għall-Knisja Kattolika. Minkejja dawn il-ġrajjiet interessanti, qabel il-laqgħa tagħha ma' von Balthasar, Adrienne ftit li xejn kellha kuntatt ma' ħwejjeġ kattoliċi. Madanakollu ġo fiha kien jinħass vojt li wassalha għat-tfittxija għall-verità, li kienet xprunata primarjament minn żewġ elementi fil-Protestantiżmu li kienu jfixkluha ħafna, jiġifieri l-assenza ta' 'omm' u l-bżonn tal-qrar sagramentali.[3]

Din l-inadegwatezza li kienet tħoss fil-Protestantiżmu nibbtet fiha x-xewqa li titkellem ma' saċerdot kattoliku li seta' jagħtiha tweġiba għal ċertu mistoqsijiet li kellha. Wieħed mill-akbar ostakli li hi kellha kien li wara l-mewt ta' żewġha Emil, ma bediex jirnexxielha titlob it-talba tal-'Missierna' għaliex ma kinitx lesta li tgħid 'ikun li trid int'. Għalhekk, minkejja li kienet diġà daħlet fit-tieni żwieġ tagħha, hi kienet tħoss li għadha ma tatx l-'iva' sħiħa għal din ir-realtà iebsa li ġarrbet f'ħajjitha.

Kien f'dan il-perjodu iebes li hi ltaqgħet ma' Hans Urs von Balthasar fil-belt ta' Basel fi żmien fejn hu kien qed iservi bħala kappillan tal-istudenti tal-Università tal-istess post. Meta indunat li hu kien saċerdot kattoliku wrietu x-xewqa tagħha li ssir kattolika u kellmitu wkoll fuq id-diffikultà li kienet qed issib meta kienet qed tiġi biex titlob it-talba tal-Missierna. It-tweġiba ta' von Balthasar kienet li meta aħna ngħidu 'ikun li trid int' ma jfissirx 'li qed noffru lil Alla dak li aħna nistgħu nagħmlu waħedna iżda aktar inkunu qed noffrulu x-*xewqa* tagħna li nħallu lilu jmexxi lil ħajjitna u li jmexxina skont ir-rieda tiegħu.'[4] Adrienne von Speyr tgħid li fil-mument meta von Balthasar qal dawn il-kelmiet,

hi ħasset xi ħaġa tiċċaqlaq ġo fiha li bidlitha minn fuq s'isfel u ħalliet impatt tremend fil-ħajja tagħha.[5]

## 3. Inizjazzjoni fil-fidi kattolika u bidu tal-esperjenzi mistiċi

Wara l-laqgħa tagħhom f'Basel, von Balthasar beda jistruwixxi lil Adrienne fil-fidi kattolika għalkemm kien ċar li hi kienet diġà internament ippreparata għal din l-istruzzjoni tant li kienet tifhem mal-ewwel il-lezzjonijiet tal-katekiżmu li kien jagħtiha. Wara l-konverżjoni, Adrienne beda jkollha numru ta' esperjenzi mistiċi li kienu jseħħu kemm fit-talb u kemm permezz ta' viżjonijiet. Beda jkollha wkoll numru ta' kariżmi esterni bħalma kien il-fejqan bla spjegazzjoni ta' ċertu pazjenti tagħha. Grazzja partikolari ħafna li rċeviet f'dak iż-żmien kienet l-esperjenza tal-'passjonijiet' li kienu jispiċċaw bl-esperjenza tas-Sibt Imqaddes. Dwar dawn il-passjonijiet, li Hans Urs von Balthasar kien jarahom importanti ħafna, hu kiteb li huma: ma kinux wisq viżjonijiet tax-xeni storiċi tas-sofferenza li seħħew f'Ġerusalemm – kien hemm biss viżjonijiet żgħar ta' dawn, qisu għall-kjarifikazzjoni – aktar minn hekk kienu esperjenza tas-sofferenzi interjuri ta' Ġesù fil-milja u d-diversità tagħhom – mapep sħaħ tas-sofferenzi li mlew postijiet fejn ma kienx hemm aktar minn spazju vojt jew fejn l-ebda idea ma dehret li kienet teżisti.[6]

Minkejja li ma kinitx tħossha denja ta' din il-grazzja, tajjeb li wieħed isemmi li Adrienne kienet ukoll tesperjenza l-istigmata iżda kienet titlob ħafna biex ma tibqax tesperjenzahom, tant li aktar 'il quddiem, dawn il-feriti bdew isiru inqas viżibbli.

Fost l-esperjenzi mistiċi li kienet tgħaddi minnhom Adrienne, kien hemm dawk li fihom kienet tirċievi ċertu riflessjonijiet dwar il-Kelma ta' Alla. L-1943 kienet is-sena li fiha Adrienne bdiet tirċievi l-'introduzzjonijiet' għall-Evanġelju ta' San Ġwann. F'dawn il-mumenti ta' estasi hi ma kinitx tikteb dak li kienet tħoss iżda ħdejha kien ikun hemm von Balthasar li kien jikteb dak kollu li hi kienet tesperjenza, tisma' u tara.[7]

## 4. It-twaqqif tal-komunità ta' San Ġwann

Ftit wara l-konverżjoni tagħha, sewwasew fis-sena 1941, Adrienne von Speyr ħasset li kellha tiftaħ komunità u dan wassalha sabiex fl-1945 tiftaħ il-fergħa femminili tal-komunità li ħadet l-isem tal-'komunità ta'

San Ġwann'. Din il-komunità kienet tirrifletti dak li von Speyr għexet f'ħajjitha, jiġifieri li tgħix il-kunsilli evanġeliċi fil-qalba tal-ħidma sekulari. Wara t-twaqqif tal-fergħa tan-nisa, twaqqfet ukoll fergħa għas-saċerdoti u oħra għall-irġiel ikkonsagrati. Ma' dawn it-tliet fergħat kienu jingħaqdu wkoll persuni oħra li kienu miġbudin mill-ispirtu tal-komunità u kienu jingħaqdu magħhom għall-quddies, irtiri u okkażjonijiet oħra.

Hans Urs von Balthasar beda wkoll iħoss is-sejħa li jgħin lil von Speyr f'din il-ħidma u kienet din is-sejħa li wasslitu biex eventwalment iħalli l-Kumpanija ta' Ġesù (il-Ġiżwiti) biex jgħin bis-sħiħ lil Adrienne fil-missjoni tagħha. Von Balthasar kellu jieħu dan il-pass drastiku anke għaliex il-Ġiżwiti infurmawh li ma setgħux jieħdu responsabbiltà ta' Adrienne u l-komunità ta' San Ġwann. F'dan il-perjodu hu kien talab biex issir investigazzjoni fuq il-ġenwinità tal-viżjonijiet tagħha u talab ukoll biex l-aħħar voti tiegħu jiġu posposti sakemm din titlesta. Wasal ukoll biex fl-1947 mar Ruma għand il-Ġeneral tal-Ġiżwiti, Fr Johann Baptist Janssens SJ iżda din il-laqgħa ma ħallietx il-frott mixtieq. Madanakollu, hu baqa' jagħmel dak li jista' biex jivverifika l-intuwizzjonijiet ta' Adrienne mat-tagħlim tal-Knisja u mat-tradizzjoni teoloġika.

## 5. L-aħħar snin tal-ħajja ta' Adrienne

Lejn l-aħħar ta' ħajjitha, is-saħħa ta' Adrienne bdiet sejra lura ħafna. Hi kienet diġà ppubblikat numru ta' kotba iżda dawn ma kinux ingħataw importanza u l-mewt tagħha dehret li għaddiet b'mod inosservat għall-aħħar. Kien f'dal-perjodu li von Balthasar beda jaħdem b'mod sħiħ biex jippubblika l-ewwel ktieb tiegħu fuq Adrienne von Speyr *(First Glance at Adrienne von Speyr)* ktieb li kellu jagħti lill-qarrejja tiegħu ħarsa lejn il-ħajja u l-missjoni ta' din il-mara. F'dak iż-żmien, hu kien diġà ħalla l-Kumpanija ta' Ġesù u fl-aħħar 11-il sena tal-ħajja ta' Adrienne hu kien jgħix fid-dar tagħha u ta' żewġha bl-għan li jkun totalment għas-servizz tal-missjoni tagħha. Hans Urs von Balthasar wasal biex jistqarr li hu rċieva ħafna aktar mingħandha milli hi rċeviet mingħandu u jikteb li 'llum, wara l-mewt tagħha, ix-xogħol tagħha jidher għalija ħafna aktar importanti minn tiegħi, u l-pubblikazzjoni tax-xogħol tagħha li għadu mhux ippubblikat jieħu preċedenza fuq ix-xogħol kollu tiegħi.'[8] Dawn il-ħsibijiet huma sinifikanti immens meta wieħed iqis li fis-sittinijiet

von Balthasar kien diġà teologu stabbilit li anke l-Papa Ġwanni Pawlu II iddeskrivieh bħala 'raġel kbir fit-teoloġija u fl-arti li jistħoqqlu post speċjali ta' unur fil-ħajja ekkleżjastika u kulturali kontemporanja'.[9]

Il-ħajja u l-ħidma ta' Adrienne von Speyr ma kinitx inosservata minn Ġwanni Pawlu II tant li fl-1983, hu esperima x-xewqa li f'Ruma jsir simpożju fuq din il-mistika. Dan wassal biex bis-saħħa t'hekk u bi preparazzjoni għal dan is-simpożju, jiġu ppubblikati l-kotba kollha ta' Adrienne. Is-simpożju sar fl-1985 u f'dik is-sena, il-kotba kollha tagħha ġew ippubblikati u saru aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali.

## 6. Il-frott teoloġiku u letterarju ta' Adrienne von Speyr

Il-kotba ta' Adrienne von Speyr, xi wħud miktuba minnha u oħrajn iddettati lil Hans Urs von Balthasar, huma ħafna. Tieqa fuq ix-xogħol tagħha nistgħu nsibuha f'wieħed miż-żewġ kotba li von Balthasar kiteb fuq Adrienne[10] fejn hu jikklassifika x-xogħol tagħha f'erba' kategoriji:

(a) xogħlijiet li kienu f'forma ta' manuskritti (eż. l-ittri li kienet tikteb u l-awtobijografiji tagħha)
(b) kummentarji bibliċi
(c) xogħlijiet oħra[11]
(d) xogħlijiet li ġew ippubblikati wara mewtha.[12]

Interessanti ħafna li l-aktar post prominenti fix-xogħol tagħha hu l-kummentarji Bibliċi. Ħafna minn dawn il-kummentarji huma fuq kotba tat-Testment il-Ġdid u l-akbar xogħol bibliku tagħha huma l-erba' volumi dwar l-Evanġelu skont San Ġwann. Dawn ma kinux xogħlijiet ta' eżeġeżi iżda aktar esperjenza ta' persuna li kienet tisma' l-Kelma ta' Alla fil-qalba tal-Knisja, fejn Alla Trinità kontinwament jikkomunika l-missjoni ta' mħabba tiegħu lill-għarusa tiegħu.

Hu diffiċli li wieħed jitkellem fuq tema waħda prominenti fil-kitbiet ta' Adrienne von Speyr għaliex fihom hi tintegra l-aspetti kollha tat-teoloġija. Minkejja dan, hu ċar li l-pont bejn it-temi Kristoloġiċi li tittratta Adrienne ma' dawk ekkleżjoloġiċi hu l-Marjoloġija.

Tajjeb li wieħed jgħid li għalkemm hemm kitbiet li huma pjuttost faċli biex wieħed jaqrahom u jifhimhom, hemm kitbiet oħra li huma profondi immens u li anke l-aħjar teologu jrid jieqaf biex jikkonċentra

u jifhem dak li hemm miktub. Hu għalhekk li von Balthasar jinsisti li x-xogħlijiet ta' Adrienne ma jistgħux jinqraw bl-għaġla u li wieħed irid jaqrahom fi spirtu ta' talb.

## 7. Konklużjoni

Għalkemm il-ħajja u x-xogħol ta' din il-mistika jistgħu jkunu utli immens fil-ħajja personali ta' dawk li jsiru jafu biha u jaqraw il-kotba tagħha, il-missjoni tagħha tiżboq il-kuntest personali u tinfirex għall-bżonnijiet tal-Knisja. Dan ifisser li l-missjoni ta' Adrienne von Speyr hi waħda *ekkleżjali* u li dak li hi esperjenzat b'mod suġġettiv kellu wkoll l-iskop li jħalli frott oġġettiv, teoloġiku u spiritwali fil-Knisja kollha. Hans Urs von Balthasar jgħid li Adrienne stess kienet konxja li l-mistiċiżmu hu missjoni partikolari għas-servizz tal-Knisja li tista' tingħex bl-aħjar mod meta wieħed jiżvojta lilu nnifsu u jinfetaħ għall-Kelma ta' Alla.[13] Kull aspett tal-kariżma li rċeviet kien immirat għal interpretazzjoni aktar profonda tar-Rivelazzjoni. Dan ifisser li għandna nħarsu lejn il-ħajja u l-kitbiet ta' din il-mistika fuq kollox bħala grazzja li ngħatat lill-Knisja biex tkun tista' tkompli tinżel fil-fond tal-ħajja u t-twemmin tagħha.[14]

## Noti

1. Peress li missier Adrienne kien isostni lil bintu fix-xewqa tagħha li ssir tabiba, hu hallieha tidħol fil-*Gymnasium.* Madankollu, sentejn wara, ommha waqqfitha milli tattendi u Adrienne kellha tagħmel sentejn fi skola tal-bniet sakemm is-sena ta' wara hi rnexxielha terġa' tidħol fil-*Gymnasium.* Meta miet missierha, Adrienne kellha tieħu responsabbiltà tal-familja tagħha u x-xogħol u l-istudju wassluha biex tikkollassa. Ftit wara, irċeviet id-dijanjosi ta' tuberkulożi fiż-żewġ pulmuni. Ara Hans Urs von Balthasar, *First Glance at Adrienne von Speyr,* trans. Antja Lawry and Sr. Sergia Englund OCD (San Francisco 1981), 24.
2. Adrienne von Speyr għandha żewġ awtobijografiji, l-ewwel waħda dwar it-tfulija tagħha, li probabbilment kitbet bejn l-1945 u l-1950 u t-tieni waħda *Geheiminis der Jugund (Il-Misteru taż-Żgħożija)* hi ta' natura aktar kariżmatika u kitbitha taħt l-ubbidjenza tal-konfessur tagħha (Hans Urs von Balthasar).

3. Hans Urs von Balthasar jgħid li Adrienne von Speyr kienet waslet saħansitra biex tmur laqgħat ta' setet differenti li kienu jippromwovu l-qrar pubbliku, iżda dawn xorta ma mlewx il-vojt li hi kienet qed tħoss. Ara Hans Urs von Balthasar, *Our Task. A report and a plan,* trans. Dr. John Saward (San Francisco 1994), 30-31.
4. Von Balthasar, *First Glance at Adrienne von Speyr,* 31.
5. Fil-ktieb tiegħu *First Glance at Adrienne von Speyr,* (p. 31) von Balthasar jiddeskrivi l-impressjonijiet tiegħu ta' dan il-mument hekk importanti b'dawn il-kelmiet: "[…] it was as though I had inadvertently touched a light switch that at one flick turned on all the lights in the hall. Adrienne seemed to be freed from chains of restraint and was carried away on a flood of prayer as though a dam had burst".
6. Ara von Balthasar, *First Glance at Adrienne von Speyr,* 34.
7. Ma' dawn l-esperjenzi, von Balthasar isemmi wkoll esperjenzi ta' 'vjaġġar' fejn ix-xewqa li Adrienne kellha li tgħin lill-oħrajn kienet twassalha biex tiġi trasportata fit-talb lejn ħafna postijiet fejn il-preżenza tagħha kienet meħtieġa. Apparti hekk hu jgħid ukoll li Adrienne kienet tesperjenza dawk li hu jsejħilhom 'mewtiet mistiċi' li kienet iġġarrab minħabba li kienet toffri lilha nnifisha bħala tpattija għas-sofferenza tal-oħrajn u għad-dnubiet ta' dawk li qegħdin il-Purgatorju. Hu jgħid li dawn il-'mewtiet' kienu 'tal-biża'' (ara von Balthasar, *First Glance at Adrienne von Speyr,* 44).
8. Von Balthasar, *First Glance at Adrienne von Speyr,* 13.
9. Ġwanni Pawlu II, "Telegram" f'*Hans Urs von Balthasar. His life and Work,* ed. David L. Schindler (San Francisco, 1991), 289.
10. Dan il-ktieb hu '*Our Task. A report and a Plan'* (San Francisco, 1994).
11. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu xi wħud mill-kotba l-aktar popolari ta' Adrienne von Speyr, bħalma huma *Handmaid of the Lord, Mary in the Redemption* u *Confession.*
12. Dawn ix-xogħlijiet ġew ippubblikati wara mewtha għaliex huma xogħlijiet purament mistiċi li von Balthasar kien jemmen li jekk jiġu ppubblikati waqt li kienet għadha ħajja, kienu jħallu impatt iebes fuq il-ħajja tagħha u tal-familja tagħha. Sadanittant hu ħadem biex jikklassifika dawn ix-xogħlijiet b'mod tematiku, fi tnax-il volum (Ara *Our Task,* 99).
13. Von Balthasar, *Our Task,* 9.
14. Adrienne von Speyr 'brought mysticism back from the clandestine existence into which, increasingly misunderstood, indeed scorned, it had been exiled and silenced by official Theology and proclamation, and returned it to the centre of salvation history'. Von Balthasar, *First Glance at Adrienne von Speyr,* 89.

# Li ma niċħadlu xejn: in-naħa minsija ta' Tereża ta' Kalkutta

Fr Kevin Schembri

**Ħajja interjuri moħbija**

Għal ħafna nies madwar id-dinja, hu x'inhu t-twemmin tagħhom, l-isem ta' Tereża ta' Kalkutta (1910-1997)[1] hu sinomu mal-kompassjoni u l-ġenerożità. Ħafna jafu li 'Madre Tereża' kienet soru kattolika, li ddedikat ħajjitha għall-foqra u waqqfet il-Missjunarji tal-Karità[2] li għadhom għaddejjin bil-ħidma tagħha sal-lum. Uħud jafu wkoll li ngħatat il-Premju Nobel għall-Paċi fl-1979 u ġiet dikjarata qaddisa mill-Knisja Kattolika fl-2016.

Min-naħa l-oħra, ftit jafu li dan kollu kien frott ta' ħajja interjuri impressjonanti li ddaħħal lil Tereża fil-lista tal-mistiċi l-kbar tat-tradizzjoni nisranija. F'dawn il-paġni, se nbexxqu tieqa fuq tliet esperjenzi mill-ħajja tagħha li mhumiex tant magħrufa: il-vot privat li Tereża għamlet fl-1942; is-'sejħa ġo sejħa' li rċiviet fl-1946; u d-dlam interjuri li ħakimha ftit wara, u baqa' preżenti magħha sal-mewt.[3]

Meta Tereża mietet fl-1997, kważi ħadd ma kien jaf b'dawn l-esperjenzi, inkluż dawk li kienu l-aktar qrib magħha. Tereża qatt ma tkelkmet dwarhom, la fil-pubbliku, u lanqas mal-membri tal-familja reliġjuża tagħha. Dawn l-esperjenzi kienu għaliha espressjoni mill-aktar intima tar-rabta tagħha mal-Maħbub ta' qalbha, Ġesù. Barra minn hekk, riedet li l-ħidma tibqa' kollha kemm hi ta' Alla; hi kienet "lapes ċkejken" f'idejh. Beżgħet li jekk in-nies isiru jafu b'dawn l-esperjenzi, jispiċċaw jaħsbu aktar fiha, u inqas f'Ġesù.[4]

Illum, aħna nafu bihom grazzi għall-korrispondenza li żammew erba' patrijiet ġiżwiti li kienu strumentali fil-ħajja tagħha: Celeste Van Exem, SJ (1908-1993) u Joseph Neuner, SJ (1908-2009), diretturi spiritwali tagħha fi snin differenti; Ferdinand Perier, SJ (1875-1965), Arċisqof

ta' Kalkutta bejn l-1924 u l-1960 u l-ewwel superjur ekkleżjastiku tal-Missjunarji tal-Karità; u Lawrence Picachy, SJ (1916-1992), direttur spiritwali tagħha, Arċisqof ta' Kalkutta bejn l-1969 u l-1992, u Kardinal.[5]

Tereża talbithom aktar minn darba biex jaħarqu l-ittri li fihom kienet semmiet dawn l-esperjenzi, imma dawn il-patrijiet għaqlin għarfu li l-kariżma mistika tagħha ma ngħatatx lilha biss. L-esperjenzi spiritwali ta' Tereża ngħataw primarjament lill-Knisja biex tagħraf li l-missjoni ta' Tereża kellha għeruq profondi fir-rabta tagħha ma' Ġesù, u fil-misteru tal-missjoni tiegħu, deżolat u abbandunat fuq is-Salib.[6]

**Il-vot privat tal-1942**

F'April 1942, ħames snin wara li kienet għamlet il-professjoni solenni, Tereża għamlet wegħda straordinarja lil Alla fil-forma ta' vot privat. Dakinhar kellha 32 sena, imma Alla kien ilu jipprepara l-qalb tagħha. Ta' età żgħira, kienet inġibdet lejn il-Qalb ta' Ġesù – li għaliha kienet iddedikata l-parroċċa ta' tfulitha ġewwa Skopje – bħala "l-ewwel imħabba" tagħha.[7] Ta' ħames snin u nofs, meta għamlet l-Ewwel Tqarbina, bdiet tikber fiha l-imħabba għall-erwieħ.[8] Seba' snin wara, għarfet li kellha vokazzjoni għall-foqra u xtaqet tkun missjunarja.[9]

Ta' tmintax-il sena, Tereża telqet lejn l-Irlanda, biex tingħaqad mal-Istitut tal-Verġni Mqaddsa Marija – magħrufa bħala s-Sorijiet ta' Loreto – u tmur l-Indja. Qabel telqet, ommha qaltilha: "Poġġi jdejk f'idejn Ġesù, u imxi waħdek miegħu. Imxi 'l quddiem, għax jekk tħares lura, tmur lura".[10] Li persuna tħalli kollox u tmur bħala missjunarja f'kontinent ieħor, f'dawk iż-żminijiet – meta ir-ritorn tal-missjunarji kien rari ħafna, u l-mezzi tal-komunikazzjoni kienu primittivi – kien jirrikjedi għotja sħiħa! Fil-fatt, Tereża qatt ma reġgħet rat lil ommha u lil oħtha. Poeżija emozzjonanti li kitbet fuq il-vapur li ħadha l-Indja, tikxef il-kobor, il-weġgħa u ż-żelu f'din l-offerta.[11]

Meta waslet l-Indja, Alla kompla jħejji l-qalb ta' Tereża. Wara n-novizzjat f'Darjeeling, ħadet l-ewwel voti reliġjużi f'Mejju tal-1931 u ntbagħtet fil-komunità ta' Entally ġewwa Kalkutta. Hemm, bdiet tgħallem f'*St Mary's Bengali Medium School*, maġenb il-kunvent, u f'*St Teresa Primary Bengali Medium School*, fuq Lower Circular Road. Saret

prinċipal ta' St Mary's fl-1944. F'Mejju tal-1937, għamlet il-professjoni solenni bħala Soru ta' Loreto.

Xi ittri minn dawk is-snin jindikaw l-ewwel ħjiel ta' dlam interjuri fil-ħajja ta' Tereża. Insibu wkoll referenzi għat-taqbida f'ruħha quddiem in-nuqqasijiet tagħha, għall-weġgħa tagħha quddiem il-faqar fl-*islums*, u għas-sagrifiċċji li kienet titlob minnha s-sħana tal-Indja.[12] Min-naħa l-oħra, Ġesù kien qed isir il-'kollox' tagħha. Fit-talb, Tereża kienet qed tesperjenza għaqda mill-aktar profonda mal-Maħbub tagħha. Din l-imħabba kienet riflessa wkoll fl-appostolat, l-impenji u ż-żelu kbir tagħha għall-erwieħ.[13]

Meta ħadet l-aħħar voti reliġjużi fl-1937, Tereża tat kollox lil Alla. Imma l-ħeġġa tagħha għalih kienet tant kbira li xtaqet tagħtih aktar. Għalhekk, fis-7 ta' April 1942,[14] għamlet vot ieħor, did-darba taħt forma privata. Bil-permess tal-konfessur, Tereża wegħdet, u ntrabtet taħt piena ta' dnub mejjet, "li nagħti lil Alla kulma jitlobni, 'li ma niċħadlu xejn'".[15]

Patri Brian Kolodiejchuk, MC, il-postolatur tal-kawża tagħha, jinnota li Tereża kienet diġà mħarġa fl-ispirtu ta' sottomissjoni, għax il-Kostituzzjonijiet ta' Loreto kienu jinkoraġġixxu 'ubbidjenza perfetta'. Jgħid ukoll li aktarx kienet ispirata minn xi figuri kbar li għamlu voti privati simili. Kien x'kien, Kolodiejchuk jiddeskrivi l-vot tal-1942 bħala "ġennata ta' mħabba", speċjalment meta tqis li dan kien se jorbot kull aspett tal-ħajja tagħha. Aktar minn hekk, Tereża kienet kibret f'kuntest kulturali fejn il-'wegħda' (bl-Albaniż '*besa*') kienet titlob fedeltà assoluta, anke jekk ikun hemm bżonn il-mewt.[16] Fil-fatt, darba talbet lid-direttur spiritwali: "Itlob lil Ġesù biex ma jħallini niċħadlu l-ebda ħaġa, żgħira kemm hi żgħira. Nippreferi mmut [milli nagħmel hekk]".[17]

Il-vot tal-1942 kien strumentali biex, fis-snin ta' wara, Tereża baqgħet għaddejja fl-għotja sħiħa tagħha lil Ġesù.[18] Kien isuqha biex tħobb dejjem, u fil-pront.[19] Kif diġà għidna, Tereża kważi qatt ma tkellmet dwar il-vot. Mid-dokumenti li jeżistu, jidher li semmietu tliet darbiet biss: fin-noti ta' rtir li għamlet bejn Marzu u April tal-1959;[20] f'ittra li kitbet lill-Arċisqof ta' Kalkutta fl-1 ta' Settembru tal-istess sena; u f'ittra li tat lil Patri Neuner f'April tal-1961. Mill-bqija, Tereża żammet din l-espressjoni mill-aktar intima u qaddisa tar-rabta tagħha ma' Ġesù moħbija fis-skiet ta' qalbha, sal-mewt.

Min-naħa tiegħu, Ġesù ma naqasx li jieħu l-wegħda tagħha bis-serjetà. Erba' snin wara, għamlilha sejħa straordinarja u kellimha bl-istess kliem tal-vot: "Int se tiċħad li tagħmel dan għalija?"

## Is-sejħa ġo sejħa tal-1946

Fl-10 ta' Settembru 1946, Tereża kienet fuq il-ferrovija minn Kalkutta lejn Darjeeling, fejn kellha tidħol f'irtir ta' tmint ijiem u tgħaddi xi jiem ta' mistrieħ. X'imkien matul il-vjaġġ, semgħet il-"Leħen" jagħmlilha "sejħa ġo sejħa". F'lokuzzjoni interjuri, Ġesù talabha tħalli s-sigurtà ta' Loreto – fejn kienet ilha tmintax-il sena u kienet kuntenta – biex "ittaffilu l-għatx", billi toħroġ fit-toroq u "taqdih fl-ifqar fost il-fqar". Talabha twaqqaf fondazzjoni ġdida ta' Sorijiet Missjunarji Indjani tal-Karità, u tagħżel it-triq tal-faqar assolut u l-abbandun totali.[21] Din is-sejħa kompliet tiċċara matul l-irtir ġewwa Darjeeling u fix-xhur ta' wara, sa nofs l-1947.

Meta rritornat Kalkutta, Patri Van Exem, id-direttur spiritwali tagħha, ma tahiex permess tikteb dwar dan lill-Arċisqof ta' Kalkutta u qalilha żżomm is-silenzju. Meta Tereża kompliet tinfurmah b'dak li kien għaddej ġewwa ruħha, Van Exem ikkonvinċa ruħu li din l-ispirazzjoni kienet "ġejja kollha minn Alla u mill-Qalb Immakulata ta' Marija".[22] Fil-bidu ta' Jannar tal-1947, qalilha tikteb lill-Arċisqof.

Tereża ħatfitu fil-kelma, u kitbet ittra twila lill-Arċisqof Perier. Talbitu jagħtiha permess tibda l-proċess biex tħalli Loreto u twaqqaf fondazzjoni ġdida. Irrakuntatlu kollox: iż-żelu li kellha matul l-aħħar sena; is-"sejħa ġo sejħa" tal-10 ta' Settembru; kif l-ispirazzjoni ġiet iċċarata fil-ġimgħat ta' wara; id-dettalji tal-kongregazzjoni l-ġdida; il-persistenza ta' Ġesù fil-lokuzzjonijiet... Lill-Arċisqof tarfitlu wkoll dwar il-qasma kbira li kien hemm ġewwa fiha: bejn il-biża' minħabba d-dgħufija tagħha, u l-imħabba li kienet qed issuqha biex ma tiċħadx din l-istedina ta' Alla.[23]

Ta' ġiżwita li kien, l-Arċisqof Perier ħa ż-żmien tiegħu biex jiddixxerni din it-talba ta' Tereża. Fidil lejn il-motto episkopali tiegħu – *In omnibus quaeram Deum* (F'kollox, saqsi lil Alla) – urieha li ried jitlob ħafna u jistudja l-każ tagħha bil-għajnuna ta' esperti; b'hekk seta' jpoġġi lilu nnifsu fi stat ta' indifferenza sħiħa biex jagħtiha risposta skont ir-rieda ta' Alla. Fuq livell uman, din il-kawtela min-naħa tal-Arċisqof ġabet

ċerta tbatija għal Tereża, li, minħabba l-vot tal-1942, kienet imdorrija twieġeb u taġixxi fil-pront. Madankollu, baqgħet konvinta li għandha tħalli f'idejn l-Arċisqof. Fl-ittra, kienet kitbet li, għal kelma waħda tiegħu, kienet lesta li tieqaf tikkunsidra dawn "il-ħsibijiet strambi".

Matul ix-xhur ta' wara, Tereża kellha diversi konsolazzjonijiet spiritwali, mumenti ta' talb profondi, u aktar lokuzzjonijiet u dehriet interjuri. Kompliet ukoll tikkomunika mal-Arċisqof[24] u ma' Patri Van Exem[25], spiss titlobhom biex ma jżommuhiex lura milli tferraħ lill-Qalb muġugħa ta' Ġesù. Min-naħa tiegħu, l-Arċisqof kien ifakkar lilha[26] u lil Van Exem[27] li ried iż-żmien biex jiddixxerni sewwa. Xi drabi, talabha telabora xi punti importanti dwar il-fondazzjoni l-ġdida. Fil-5 ta' Ġunju, Tereża kitbet ittra dettaljata dwar il-Missjunarji tal-Karità. Għaddietha lil Patri Van Exem, flimkien mal-ewwel draft tar-Regola, li kienet ħejjiet fil-jiem ta' qabel[28]. Van Exem ordnalha biex jekk hu u l-Arċisqof ma jkellmuhiex aktar dwar din l-ispirazzjoni, "twaqqagħha għall-eternità kollha". Din l-ordni ħasdet lil Tereża; madankollu, obdiet mill-ewwel biex ma tiċħadx lil Ġesù dak li kien qed jitlobha permezz tad-direttur spiritwali. Din ir-reazzjoni wasslet lil Van Exem biex jerġa' jħalliha tikkunsidra l-ispirazzjoni li kellha.[29]

Fit-3 ta' Diċembru 1947, Tereża bagħtet it-tmien ittra lill-Arċisqof f'sena. Kienet diġà esprimiet li, minkejja s-sottomissjoni tagħha lejh, qalbha kienet qed tbaqbaq bix-xewqa "li tagħti lilha nnifisha f'faqar assolut lil Kristu, fil-foqra sofferenti tiegħu".[30] Fl-ittra, Tereża rrakuntat id-djalogi interjuri ma' Ġesù li kellha matul dik is-sena. Għal darb'oħra, kitbet dwar l-insistenza ta' Ġesù:

"Ċkejkna tiegħi – ejja – ejja – ħudni fil-griebeġ tal-foqra. Ejja, kun id-dawl tiegħi. Ma nistax immur waħdi – ma jafunix – għalhekk, ma jridunix. Inti ejja – mur f'nofshom, ġorrni miegħek fihom. Kemm nixtieq nidħol fil-griebeġ tagħhom – fid-djar mudlama u mnikkta tagħhom. Ejja, kun il-vittma tagħhom. Fl-offerta tiegħek – f'imħabbtek għalija – huma jaraw lili, jsiru jafu lili, jsiru jridu lili."[31]

L-ittra ta' Diċembru hi importanti ħafna għax hi l-uniku dokument li jagħmel referenza għat-tliet dehriet interjuri li Tereża kellha matul l-1947:

"Rajt folla kbira ħafna – minn kull kwalità ta' nies – foqra ħafna, u kien hemm it-tfal ukoll. Kollha kellhom idejhom miftuħa lejja li

kont wieqfa f'nofshom. Huma kienu qed jgħajtu, 'Ejja, ejja, salvana. Ressaqna lejn Ġesù.'

Mill-ġdid dik il-folla kbira – stajt nara ħafna diqa u tbatija fuq wiċċhom. Kont għarkobbtejja ħdejn il-Madonna li kienet qed tħares lejhom. Ma rajtx wiċċha imma smajtha tgħid, 'Ħu ħsiebhom. Huma tiegħi. Ressaqhom lejn Ġesù. Wasslilhom lil Ġesù. Tibżax. Għallimhom jgħidu r-Rużarju, ir-Rużarju tal-familja, u kollox ikun tajjeb. Tibżax. Ġesu u jien inkunu miegħek u ma' wliedek.'

L-istess folla kbira – minkejja li kienu mgħottija bid-dlam jiena stajt narahom. Il-Mulej tagħna fuq is-Salib. Il-Madonna ftit il-bogħod mis-Salib – u jiena bħal tifla żgħira quddiemha. Idejha x-xellugija kienet fuq spallti x-xellugija u b'idejha l-leminija kienet qed iżżommli idi l-leminija. It-tnejn kellna wiċċna lejn is-Salib. Il-Mulej qal, 'Tlabtek. Huma talbuk u hi, Ommi talbitek. Tiċħad li tagħmel dan għalija, li tieħu ħsiebhom, li tressaqhom lejja?'

Weġibt, 'Inti taf, Ġesù, jiena lesta mmur f'ħakka t'għajn.'"[32]

Erba' ġimgħat wara, l-Arċisqof Perier ikkonkluda li din kienet tassew ir-rieda ta' Alla. Hu u Patri Van Exem ma bbażawx il-konvinzjoni tagħhom fuq il-fenomenu tal-lokuzzjonijiet u d-dehriet interjuri, imma fuq il-ġenwinità tas-sejħa, u fuq il-fidi, l-ubbidjenza, iż-żelu, u l-ħajja interjuri ta' Tereża.[33] Fis-6 ta' Jannar tal-1948, nhar id-dsatax anniversarju mill-wasla tagħha fl-Indja, l-Arċisqof qal lil Tereża li tista' tmexxi.

Wara li talbet permess lis-Superjura Ġenerali tal-Istitut, u kitbet lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi ġewwa Ruma, Tereża rċiviet l-indult biex tħalli Loreto. Ħarġet għall-aħħar darba mill-kanċell ta' Entally fis-16 ta' Awissu 1948 u marret għal kors intensiv mal-*Medical Mission Sisters* ġewwa Patna. F'Diċembru, rritornat Kalkutta, għamlet irtir ma' P. Van Exem, u ħarġet waħedha fit-toroq u l-*islums* tal-belt. Sa dak iż-żmien, kienet għadha mwieżna mill-esperjenzi spiritwali u l-konsolazzjonijiet li rċiviet fix-xhur u snin ta' qabel.

## Dlam interjuri u għatx spiritwali

Wara li telqet minn Loreto, Tereża ma damitx ma daħlet fi żmien diffiċli. Ġesù kien uriha li s-"sejħa ġo sejħa" kienet se twassalha biex issofri miegħu: "Se tbati u tbati issa – imma jekk inti l-Għarusa ċkejkna

tiegħi – l-Għarusa ta' Ġesù Msallab – inti jkollok iġġorr dawn it-turmenti f'qalbek."[34]

Meta rritornat Kalkutta f'Diċembru tal-1948 biex toħroġ fl-*islums*, Tereża kienet waħedha, ma kellhiex fejn toqgħod, u ma kinitx taf x'se jiġri. Ġesù kien talabha biex tkun "mgħottija bil-faqar tiegħu tas-Salib."[35] Dipendenti għal kollox fuq il-Providenza ta' Alla, kienet ittentata titlaq kollox u tirritorna l-kunvent, lejn "l-affarijiet sbieħ u l-kumditajiet kollha" li kienet drat bihom. Nota li kitbet fil-*Medical Notebook* li użat ġewwa Patna, siltiet minn speċi ta' 'Djarju' li żammet fl-ewwel xhur tal-missjoni,[36] u l-ittri li kompliet tikteb lill-Arċisqof Perier[37] jikxfu t-"torturi" ta' dak il-perjodu: is-solitudni; l-inċertezzi; il-qtigħ ta' qalb quddiem id-dgħufija tagħha; l-għejja fil-ħidma; ir-responsabbiltà tat-tfajliet li bdew jissieħbu magħha; l-akkużi minn min ma fehemhiex... Barra min hekk, Kalkutta kienet qed issoffri l-impatt negattiv tat-Tieni Gwerra Dinjija, tal-ġuħ tal-1943, tal-irvellijiet imdemmija tal-1946, u ta' influss enormi ta' immigranti wara l-Indipendenza tal-1947.

Imma l-akbar tbatija għal Tereża kienet ġejja minn dlam interjuri li ħakimha sa mill-ewwel xhur tal-missjoni l-ġdida. Meta bdiet il-ħidma fl-*islums*, Tereża ma damitx ma daħlet fi stat ta' "deżolazzjoni" u "solitudni profonda". Għal perjodi twal, esperjenzat it-"telfa ta' Alla" fuq livell spiritwali. Ħasset li ruħha kienet vojta u li Alla ma kienx għadu preżenti f'ħajjitha, "daqs li kieku l-Ġenna kienet magħluqa minn kull naħa" u "kollox kien mejjet" jew "kiesaħ bħas-silġ". Mal-Arċisqof Perier, ammettiet li "fidi għamja biss" irnexxielha żżommha għaddejja f'dan l-"uġigħ kontinwu" li dewwaqha "t-torturi tal-infern". Fl-istess nifs, minkejja li Alla donnu kien qed jirrifjutaha u jwarrabha, Tereża kellha "għatx kbir" għalih. Din il-kontradizzjoni fir-ruħ tagħha kienet sors ta' tbatija kbira.[38] Paradossalment, "is-sejħa ġo sejħa" biex tkun id-dawl ta' Ġesù fil-griebeġ u d-djar mudlama tal-foqra, talbet minnha li tgħix fi stat ta' dlam kontinwu. F'ittra li tat lil Patri Neuner f'April tal-1961, naqraw:

"… mill-[19]49 jew [19]50, dan is-sens terribli ta' telfa – dan id-dlam immens – din is-solitudni – din ix-xenqa kontinwa għal Alla – li tagħtini dak l-uġigħ profond ġewwa qalbi. Dlam li ma narax – la b'moħħi u lanqas bi ħsiebi. Il-post ta' Alla f'ruħi hu vojt. M'hemm l-ebda Alla ġewwa fija.

Meta l-uġigħ tax-xenqa hu tassew kbir – nixxennaq u nixxennaq għal Alla – u mbagħad inħoss – Hu ma jridnix – Hu mhux hemm. Il-Ġenna – l-erwieħ – għaliex dawn huma kliem biss – li ma jfissru xejn għalija. Il-ħajja tiegħi donnha kontradizzjoni. Ngħin lill-erwieħ – biex imorru fejn? Għaliex dan kollu? Fejn hi r-ruħ ġewwa fija? Alla ma jridnix. Ġieli – nisma' lil qalbi stess tgħajjat – 'Alla tiegħi' u xejn aktar ma jiġi. It-tortura u l-uġigħ ma nistax nispjegahom."

Minkejja li d-dlam interjuri akkumpanja lil Tereża sal-mewt, kważi ħadd ma kellu ħjiel tiegħu. Kull min kien jiltaqa' magħha, kien imiss id-dawl u l-ħajja fi kliemha, f'għajnejha, fit-tbissima tagħha. Kien jara fiha ħeġġa u żelu kbir, speċjalment fl-imħabba tagħha lejn il-foqra u l-batuti. Kienet titrasmetti qawwa u kuraġġ fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni li bdiet tinfirex mad-dinja kollha. Minn barra, Tereża baqgħet iġġib ruħha bħala "appostlu tal-ferħ".[39] Ftit patrijiet biss kienu jafu li t-tbissima tagħha kienet bħal "mantar kbir li jgħatti għadd ta' weġgħat".[40] Ħadd ma kellu ħjiel li l-vot privat tal-1942 kien "jaħbi kollox ġewwa fiha",[41] inkluż il-mistoqsija qawwija: "Mulej, Alla tiegħi, min jien biex int tabbandunani?"[42]

L-għarfien ta' din l-esperjenza ta' dlam fil-ħajja ta' Tereża tista' tixxokkja lil xi wħud, u forsi twassalhom biex jgħidu li kienet persuna ipokrita jew ateja. Imma d-differenza bejn persuna atea u Tereża ma tistax tkun akbar. Waqt li persuna ateja normalment tkun komda bin-nuqqas ta' Alla, għal Tereża dan in-nuqqas kien l-għajn tal-akbar turment. Fil-fatt, it-"telfa ta' Alla" f'ħajjitha aktar intensifikat l-"għatx" tagħha għalih. Donnu aktar ma Hu ried li jċaħħadha mill-esperjenza tiegħu, hi aktar fittxet li tiggranfa miegħu u tkompli "titbissem lill-Wiċċ Moħbi tiegħu".[43] Riedet tħobbu "b'imħabba li qatt ma ġie maħbub biha qabel".[44] Għal Patri Neuner, dan l-għatx ta' Tereża għal Alla kien sinjal ċar tal-preżenza ta' Alla nnifsu moħbija fil-qalb tagħha, għax "aħna ma nistgħux nixxenqu għal xi ħaġa li mhix intimament fil-qrib tagħna. L-għatx hu aktar minn assenza ta' ilma."[45]

Tereża tħabtet ħafna biex tinterpreta d-dlam interjuri f'ħajjitha, aktar u aktar meta sa ftit xhur qabel, kellha rabta kważi tanġibbli ma' Alla. Fil-bidu, beżgħet li d-dlam kien frott tad-dnub jew l-iżbalji tagħha. Imbagħad, bdiet tifhem dan il-baħħ bħala mezz li bih Alla kien qed

ibattalha minnha nnifisha: "Kieku taf minn xiex għaddejja bħalissa. Qed ikisser kollox ġewwa fija, imma ladarba jien ma nżomm l-ebda dritt fuqi nnifsi, Hu liberu jagħmel li jrid".[46]

Matul is-snin, Tereża għarfet ukoll li l-vojt u l-għatx spiritwali tagħha kien parteċipazzjoni, kif ukoll redenzjoni, tal-faqar terribli tal-foqra.[47] "Is-sitwazzjoni fiżika tal-foqra tiegħi abbandunati fit-toroq, ħadd ma jridhom, ħadd ma jħobbhom, ħadd ma jilqagħhom – hi l-istampa vera tal-ħajja spiritwali tiegħi, tal-imħabba tiegħi għal Ġesù."[48] Mhux ta' b'xejn kienet tirrepeti li l-akbar forma ta' faqar hi li persuna tisfa' waħedha, imwarrba, ħadd ma jridha jew jieħu ħsiebha!

Aktar tard, bil-għajnuna ta' Patri Neuner, bdiet tara l-esperjenza tad-dlam bħala parti mill-vokazzjoni tagħha, "in-naħa spiritwali 'tal-ħidma tagħha.'"[49] Tereża kienet taf li t-tbatija fiha nnifisha mhix aċċettabli u għandha tiġi evitata. Imma fehmet li, fil-każ tagħha, din it-tbatija kienet mezz biex titwaħħad mal-Maħbub tagħha Msallab. Id-dlam u t-tbatijiet tal-ewwel xhur kienu "il-lejl mudlam tat-twelid tas-Soċjetà",[50] imma d-dlam li baqa' magħha fiż-żmien ta' wara kien sejħa intima ta' Ġesù biex tipparteċipa b'mod mistiku fil-passjoni u l-għatx tiegħu; biex tkompli f'ħajjitha dak li jonqos mit-tbatijiet tiegħu (Kol 1, 24); biex bil-għatx tagħha, ittaffi l-għatx tiegħu fuq is-Salib.[51] Sal-lum, l-għan ewlieni tal-Missjunarji tal-Karità hu li "jtaffu l-għatx infinit ta' Ġesù Kristu fuq is-Salib għall-imħabba tal-erwieħ".[52]

Aktar ma Tereża bdiet tifhem dan kollu, aktar bdiet issir tħobb id-dlam![53] Minkejja l-intensità u l-impatt tiegħu f'ħajjitha, aċċettatu bil-għajnuna tal-Verġni Marija,[54] u ħaddnitu bi spirtu ta' abbandun totali, ferħ u ġenerożità, għax "xejn mhu diffiċli għal min iħobb".[55] Tant twaħħdet mad-dlam u aċċettat "il-ferħ li ma jkollha xejn",[56] li lid-direttur spiritwali kitbitlu hekk: "Jekk qatt xi darba nsir qaddisa – żgur li nkun waħda ta' 'dlam'. Inkun kontinwament assenti mill-Ġenna – biex nixgħel id-dawl ta' dawk li huma fid-dlam fid-dinja."[57]

## Sal-aħħar nifs

Maż-żmien, il-ħidma u l-Kongregazzjoni tagħha komplew jikbru, u magħhom kiber il-piż tat-tmexxija. Biex tiftaħ u żżur djar differenti madwar id-dinja, Tereża kellha tgħaddi ħinijiet twal 'il bogħod mill-belt

u l-foqra tagħha. Kontra qalbha, hi u l-missjoni tagħha bdew ikunu aktar fl-għajnejn pubbliċi u tal-midja internazzjonali. Aktar ma kibret fl-età, kellha tħabbat wiċċha wkoll ma' kumplikazzjonijiet ta' saħħa. F'dan kollu, Tereża għarfet li kien hemm ir-rieda ta' Alla. Minkejja d-dlam spiritwali fuq ġewwa, għamlet ħilitha kollha biex tibqa' "tagħtih dak li jitlobha u tirċievi dak li jagħtiha, bi tbissima kbira".[58]

Fil-lejla tal-5 ta' Settembru 1997, waqt li bdiet titħabat għall-aħħar nifsijiet tagħha f'din id-dinja, Tereża refgħet ħarsitha lejn l-inkwatru ċkejken ta' wiċċ Kristu msallab, li hemm imdendel fuq is-sodda tagħha fil-*Motherhouse* ġewwa Kalkutta, u lissnet: "Ġesù!" Man-naħa t'isfel tal-inkwatru, hemm imwaħħla karta bil-kliem "Il-qalb tiegħi tappartjeni lil Ġesù." Imdendla mal-inkwatru hemm ukoll kuruna tax-xewk, b'salib imdaqqas fil-qalba tagħha. Sal-aħħar nifs tal-agunija, il-"Qaddisa tad-Dlam" riedet tibqa' twieġeb għas-sejħa tal-Maħbub tagħha, u ttaffi l-għatx infinit tiegħu fuq is-Salib fid-dawl tal-vot tal-1942: li tagħtih kulma jitlobha, u ma tiċħadlu xejn.

## Noti

1. L-isem tal-magħmudija tagħha hu Anjezë Gonxhe Bojaxhiu, għalkemm ġieli ffirmat Gonda Bojadijevic bis-Serbo-Kroat. Fl-1928, daħlet postulanta mal-Istitut tal-Verġni Mqaddsa Marija u ħadet l-isem ta' Tereża, għall-patruna tagħha Santa Tereża ta' Lisieux (1873-1897).
2. Tereża waqqfet aktar minn kongregazzjoni waħda: is-sorijiet attivi fl-1950; il-*brothers* attivi fl-1963; il-fergħa kontemplattiva tas-sorijiet fl-1976; il-*brothers* kontemplattivi fl-1979, u l-patrijiet fl-1984. Kollha jissejħu Missjunarji tal-Karità.
3. Is-sorsi ewlenin għal dan l-artiklu huma l-ktieb *Come Be My Light. The Private Writings of the 'Saint of Calcutta'* ta' Brian Kolodiejchuk, MC (Doubleday, 2007) u l-artiklu "Ruħ Madre Tereża. Aspetti Moħbija mill-Ħajja Interjuri Tagħha" tal-istess awtur, mill-ktieb *Għandi l-Għatx. Madre Tereża u l-Kariżma Tagħha* ta' Nicholas Cachia (Klabb Qari Nisrani, 2003). Minn hawn 'il quddiem, il-ktieb ta' Kolodiejchuk hu ċitat bħala *Come Be My Light*.
4. Ittri lill-Arċisqof Perier, 08.02.1956, 30.03.1957, u 18.12.1960.

5. Ir-rabta bejn Tereża u l-Ġiżwiti tmur lura għas-snin tagħha fl-Istitut tal-Verġni Mqaddsa Marija. Mary Ward, il-fundatriċi tal-Istitut kienet ispirata mill-Eżerċizzi Spiritwali ta' Injazju ta' Loyola, u l-Istitut twaqqaf fuq il-mudell u l-kostituzzjonijiet tal-Kumpanija ta' Ġesù. Wara li ħalliet Loreto, Tereża baqgħet tippreferi lill-ġiżwiti bħala predikaturi, diretturi spiritwali u konfessuri, għaliha u għall-kongregazzjoni tagħha. Ħafna mill-Ġiżwiti li offrew dawn is-servizzi f'Kalkutta kienu patrijiet mill-Belġju, minħabba li f'nofs is-seklu dsatax, il-missjoni tal-Bengal kienet ġiet afdata lill-Provinċja tal-Ġiżwiti tal-Belġju.
6. Ittri lill-Arċisqof Perier, 08.02.1956, 30.03.1957 u 18.12.1960; u ittra ta' P. Van Exem lill-Arċisqof D'Souza, 12.03.1993.
7. Ittra lil P. Neuner, 24.07.1967.
8. Ittra lill-Arċisqof Perier, 25.01.1947.
9. Malcolm Muggeridge, *Something Beautiful for God* (Harper & Row, 1971), 84.
10. Istruzzjoni lis-Sorijiet, 24.05.1984.
11. *Come Be My Light*, 15-17.
12. Ittri lil Anka Cavcic, 1931; lill-magażin *Balgovijest*, Novembru 1932; lill-magażin *Katolicke Misije*, Ottubru 1937; u lil P. Jambrekovic (kappillan tagħha fi Skopje), 08.02.1937 u 25.11.1937.
13. *Come Be My Light*, 35-38.
14. Dwar id-data m'hemmx ċertezza. Imma fis-7 ta' April 1959, Tereża kitbet din in-nota waqt irtir personali: "Fl-1942, naħseb li kien f'dan il-jum…"
15. Ittra lill-Arċisqof Perier, 01.09.1959.
16. *Come Be My Light*, 28-38.
17. Ittra lil P. Picachy, 04.04.1960.
18. Ittra lil P. Neuner, April 1961.
19. Ittra lill-Arċisqof Perier, 01.09.1959.
20. *Come Be My Light*, Appendix B, 349-362.
21. Ittri lis-Superjura Ġeneral tal-Istitut tal-Verġni Mqaddsa Marija, 10.011948, u lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, 07.02.1948.
22. Ittra ta' P. Van Exem lill-Arċisqof Perier, 26.10.1947.
23. Ittra lill-Arċisqof Perier, 13.01.1947.
24. Ittri lill-Arċisqof Perier, 25.01.1947, oħra miktuba qabel 07.03.1947, 30.03.1947, 05.06.1947, 01.10.1947, 24.10.1947 u 07.11.1947.
25. Ittri lil P. Van Exem, 19.10.1947 u 28.10.1947.
26. Ittri tal-Arċisqof Perier lil Tereża, 19.02.1947, 07.03.1947, 07.04.1947, u 24.10.1947.

27. Ittra tal-Arċisqof Perier lil P. Van Exem, 28.10.1947.
28. *Come Be My Light*, Appendix A, 341-348.
29. Ittra ta' P. Van Exem lill-Arċisqof Perier, 14.06.1947.
30. Ittra lill-Arċisqof Perier, 07.11.1947.
31. *Come Be My Light*, 98.
32. *Come Be My Light*, 99.
33. *Come Be My Light*, 86-90, 102-103.
34. Ittra lill-Arċisqof Perier, 03.12.1947.
35. Ittra lill-Arċisqof Perier, 13.01.1947.
36. Meta Tereża talbet lill-Arċisqof Perier jordna lil P. Van Exem jagħtiha l-ittri li kienet bagħtitlu biex taħraqhom, l-Arċisqof aċċetta fuq kundizzjoni waħda: li tikteb l-istorja tal-Kongregazzjoni. Bejn 21 Diċembru 1948 u 11 Ġunju 1949, bdiet iżżomm noti ta' dak li kien qed jiġri, imma ġara li filgħaxija kienet qed tkun għajjiena wisq, u waqfet. Siltiet minn dan id-'Djarju' dehru f'*Come Be My Light*, u fil-ktieb *Mother Teresa. The Authorized Biography* (Element Books Ltd, 1998) ta' Navin Chawla.
37. Ittri lill-Arċisqof Perier, 15.08.1948, 24.08.1948, 21.07.1950, 23.07.1950, 15.04.1951, 30.07.1951, 08.02.1952, 17.04.1953 u 06.08.1953.
38. Ittri lill-Arċisqof Perier, 18.03.1953, 26.02.1954, 21.01.1955, 15.12.1955, 08.02.1956, 27.03.1956, 28.02.1957, 29.01.1958, 16.11.1958, u 21.03.1959; u lil P. Picachy, 06.11.1958, 07.03.1959, 26.04.1959, 03.07.1959, 02.08.1959, 03.09.1959, 21.11.1959, 13.12.1959, 26.12.1959, 04.04.1960, 20.10.1960, 20.12.1960, 23.01.1961, 01.09.1961.
39. Ittra lill-Arċisqof Perier, 08.04.1957.
40. Ittra lill-Arċisqof Perier, 15.07.1958.
41. Noti fit-Tmien Jum tal-irtir tal-1959.
42. Ittra lil P. Picachy, 03.07.1959.
43. Ittri lill-Arċisqof Perier, 10.04.1956; lil P. Picachy, 26.01.1957 u 03.07.1959; u lil P. Neuner, 16.10.1961, 23.10.1961 u 06.03.1962.
44. Ittra lil P. Picachy, 28.06.1958.
45. Joseph Neuner, SJ, "Mother Teresa's Charism", *Review for Religious* 60:5 (2001) 484-485.
46. Ittra lil P. Picachy, 26.01.1957.
47. Ittra lis-Sorijiet Missjunarji tal-Karità, l-Ewwel Ġimgħa, Lulju 1961.
48. Ittra lil P. Neuner, 12.05.1962.
49. Ittra lil P. Neuner, aktarx 11.04.1961.
50. Djarju tal-ewwel xhur, 16.02.1949.
51. Ittra lil Sor Margaret Mary, MC, 15.01.1955.

52. *Kostituzzjonijiet tal-Missjunarji tal-Karità*, 3.
53. Ittra lil P. Neuner, aktarx 11.04.1961.
54. Djarju tal-ewwel xhur, 02.02.1949.
55. Ittra lil P. Van Exem, 19.10.1947.
56. Ittra lil P. Neuner, 17.02.1962.
57. Ittra lil P. Neuner, 06.03.1962.
58. Ittri lill-Isqof Picachy, 21.09.1962; u lil P. Neuner, 15.01.1963.

# Lejn Knisja Mistika

L-E.T. Mons. Mario Grech

Għalina l-Insara, l-Għid tal-Assunta huwa festa singulari. Mhux ta' b'xejn li l-kotra jagħmlu *shut down*, iwaqqfu r-rutina tal-ħajja mgħaġġla ta' kuljum biex jistrieħu u jieħdu r-ruħ. Jien nixtieq li Santa Marija, barra li tkun mument ta' *relax*, tkun ukoll okkażjoni biex nieqfu nirriflettu dwar kif nistgħu ntejbu l-livell tal-ħajja tagħna. Santa Marija tielgħa s-Sema qed tgħidilna biex nerfgħu qlubna 'l fuq, għax aktar ma nitilgħu 'l fuq, aktar naraw 'il bogħod! Il-bniedem għaqli jkun jixtieq jara x'hemm fix-xefaq! Ħasra li llum sirna nxommu biss sa imneħirna.

Biex il-bniedem jerġa' jsib lilu nnifsu u jagħmel l-ordni fil-qafas soċjali tagħna, jekk f'pajjiżna rridu niżguraw futur għalina u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin, għandna bżonn nibdew nitkellmu b'aktar serjetà mhux dwar l-ekonomija imma dwar il-ħajja spiritwali. F'idejna għandna r-riżultati ta' xi jfisser ma tagħtix kas jew tipprova tidfen id-dimensjoni spiritwali tal-bniedem! Inkunu nkomplu nħaffru l-ħofra li għamilna u jgħarralna bil-kbir jekk naħsbu li l-pajjiż jista' jibqa' għaddej mingħajr ruħ. Inħoss li jgħoddu għalina kemm l-osservazzjoni li għamel Charles Peguy (1873-1914) meta qal li "r-rivoluzzjoni li neħtieġu jew ser tkun waħda morali jew ma tkun xejn", u kemm il-kumment tal-ħassieb Emmanuel Mounier (1905-50): "Jew ir-rivoluzzjoni ser tkun waħda spiritwali jew ma tkun xejn".

Aħna l-Insara nistgħu nagħtu sehemna f'din ir-rivoluzzjoni meta nibdew nieħdu b'impenn serju s-sejħa Nisranija tagħna. Ħamsin sena ilu, Karl Rahner, magħruf bħala l-ikbar teologu tas-seklu għoxrin li tkellem dwar il-grazzja, kien "ħabbar" li n-Nisrani tas-seklu wieħed u għoxrin jew ikun mistiku jew ma jkun Nisrani xejn.

Dan l-appell biex aħna l-Insara nkunu "mistiċi" ma jfissirx li rridu nistennew li jkollna mumenti ta' estasi jew viżjonijiet bħalma kellhom mistiċi kbar bħal Santa Tereża ta' Avila u San Ġwann tas-Salib. Għalkemm dawn il-fenomeni straordinarji jagħmlu parti mill-esperjenza mistika, il-bniedem mistiku huwa dak li jidħol f'relazzjoni personali u immedjata ma' Alla. Il-mistiku huwa dak li jagħmel esperjenza ta' Ġesù Kristu. Dan ifisser li n-Nisrani ma għandux ikun kuntent li jkun sema' b'Alla jew li jkollu ftit ħjiel dwar Ġesù, imma n-Nisrani huwa dak li jintebaħ li Alla huwa preżenti f'ħajtu u jħoss lil Alla viċin tiegħu. Dan l-aħħar, wieħed żagħżugħ tani ħjiel ta' ħajja mistika meta fissirli r-relazzjoni tiegħu ma' Ġesù b'dan il-kliem: "Waqt li kont ma' sħabi nieħdu kafè, esperjenzajt xi ħaġa sabiħa ħafna, inkun naf li qiegħed miegħU, ħdejH".

Billi Alla jħobbna qabel ma aħna nħobbuh, hu jikkomunika lilu nnifsu ma' kull bniedem. Għalhekk kull bniedem min-natura tiegħu huwa *homo misticus*. Qabel ma nisimgħu dwar Alla, Alla jinsab fina. Għalkemm ħafna drabi l-preżenza tiegħu tkun preżenza anonima (għax ma nafux insejħulu b'ismu) u forsi wkoll imrażżna, tibqa' preżenza li timbuttana biex ningħaqdu miegħu. Il-mistiċiżmu fir-reliġjon Nisranija għandu l-bidu tiegħu fl-intimu tagħna – fil-kuxjenza tagħna fejn jidwi l-leħen ta' Alla. Kull bniedem jesperimenta lil Alla b'mod kostanti anki jekk ma jkunx jaf jispjega dak li jkun iġarrab. Saħansitra anki l-ateisti li jgħixu ħajja onesta u jgħinu lill-proxxmu tagħhom jista' jkollhom esperjenza mistika!

Il-Ġiżwita San Pietru Favre (1506-1546) kien konvint li l-preżenza ta' Alla tnibbet kullimkien. Il-mistiku Dumnikan Meister Eckhart (1260-1328) kien jgħid: "Stennew li ssibu lil Alla f'kollox. Kristu huwa attent għall-ħajja tagħna fl-isfumaturi kollha tagħha". Fil-fatt, Rahner jitkellem dwar dak li jsejjaħ "il-mistiċiżmu fil-ħajja ta' kuljum". Il-ħajja ta' kuljum hija "skola ta' talb" għax iġġibna wiċċ imb wiċċ ma' fatti u esperjenzi li qegħdin hemm biex ilaqqgħuna mal-misteru ta' Alla li huwa preżenti sieket. Santa Tereża minn Avila tgħid lis-sorijiet li "Alla tiltaqa' miegħu qalb il-borom, it-twaġen u kzazel fil-kċina". F'waħda mill-viżjonijiet tagħha, Ġuljana ta' Norwich (1342-1416) titkellem fuq "Alla tad-dar". Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li nistgħu niltaqgħu ma' Alla meta jkollna l-ixkupa f'idejna, waqt li tkun tkaħħal, waqt li tkun l-uffiċċju, fis-sala

tal-isptar, tqandel il-merkanzija fis-*supermarket*, waqt li tkun bl-uniformi tħares l-ordni, waqt li tiddiskuti l-liġijiet tal-pajjiż… Jekk Alla mhux preżenti fil-ħajja ta' kuljum, ifisser li dak "Alla" li nemmnu fih huwa biss ħlejqa ta' moħħna jew tat-tradizzjoni u mhux Alla ħaj! Daqskemm il-laqgħa ma' Alla tista' ssir fit-tempju, daqshekk ieħor tista' ssir fit-triq. Hemm kontinwità bejn l-esperjenza li nagħmlu ta' Alla waqt il-liturġija (sagramenti) u l-esperjenza ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum. Meta nqis kif hija ċċelebrata ċerta liturġija tagħna, ma niskantax li jkun hawn min aktar jiġi qrib ta' Alla fil-pjazza milli fit-tempju!

Alla jiġi jiltaqa' magħna fid-damma tal-ġrajjiet tal-istorja tagħna, anki dawk il-ġrajjiet koroh. Il-bniedem jagħmel esperjenza ta' Alla kemm fil-mumenti ta' "konsolazzjoni" u kemm f'dawk "ta' deżolazzjoni". Għax il-grazzja tista' tispunta wkoll minn dak li huwa l-iskart tal-ħajja: bħal meta nibqgħu nittamaw minkejja li nkunu ngħixu fis-solitudni; meta naħfru mingħajr ma nistennew il-grazzi; meta ħaddieħor iweġġagħna u aħna ma npattulux lura; meta nibqgħu sodi ma' dak li tgħidilna l-kuxjenza anki jekk nirriskjaw li jgħodduna b'boloh; meta nkunu onesti f'soċjetà diżonesta; meta nibqgħu nitolbu, ukoll meta jidher li qegħdin nitolbu għalxejn… L-esperjenza ta' Alla taf tkun aktar qawwija meta ngħaddu minn fallimenti, għax f'waqtiet bħal dawn, filwaqt li tinkixef id-dgħufija tagħna, toħroġ aktar fid-dieher l-id qawwija ta' Alla. Għall-mistiku s-sodda tal-marid hija altar fejn jinżel Ġesù; meta jlibbes u jitma' lill-fqir, iħossu qed ilibbes u jitma' lil Ġesù; meta jiftaħ dirgħajh biex jilqa' lill-barrani li qed jegħreq, iħossu qed iħaddan lil Ġesù; meta għajnejh jiltaqgħu ma' għajnejn il-ħabsi, huwa jara tilma l-ħarsa miksura ta' Ġesù.

Meta nqis li aħna aktar imħeġġin għal "Alla tar-reliġjon" milli għal "Alla tal-kċina", it-talba tiegħi f'dan il-mument solenni tal-konklużjoni tas-Sena Marjana hija li Marija tgħinna nieħdu r-ruħ spiritwalment, partikularment biex tgħinna ngħaddu minn spiritwalità li hija interessata f'dak li huwa straordinarju għal "mistika tal-ħajja ordinarja" li tgħinna napprezzaw ix-xrar tal-Infinit li jgħammex l-għajnejn.

Marija nfisha għexet din il-mistika fid-dar sempliċi ta' Nazaret. Hija għamlitha ma' Alla fil-kċina, fil-kamra tal-ħjata, fil-kamra tal-ħasil, fil-ħanut tax-xogħol ta' żewġha u fil-kamra tas-sodda! L-intimità tagħha ma' San Ġużepp għenitha tidħol f'intimità ma' Alla. Id-dar kienet it-tempju

tagħha. Kif jgħidilha l-Isqof Tonino Bello, "Santa Marija, mara tad-dar, għinna nifhmu li l-kapitlu l-aktar sabiħ li għandna dwarek fit-teoloġija mhux dak li jitkellem dwarek fil-Bibbja jew fil-Patristika, lanqas dak li nsibu fl-ispiritwalità jew fil-liturġija, fid-dommi jew fl-arti. Imma huwa dak li jqiegħdek fid-dar ta' Nazaret, fejn bejn it-tisjir u l-ħjata, bejn id-dmugħ u t-talb, bejn il-kobob tas-suf u parċmina mkebba tal-Kelma ta' Alla, inti kellek esperjenza, immarkata bil-psikoloġija femminili tiegħek, tal-ferħ mingħajr ħażen, id-diqa mingħajr disperazzjoni, li titfa' ħarstek 'il quddiem". Frott ta' din il-ħajja kontemplattiva Marija laqgħet lill-Iben ta' Alla fi ħdanha u kompliet tagħmilha miegħu fil-ħajja ordinarja tal-Familja Mqaddsa. Hemmhekk hija laqgħet il-Kelma u kienet toqgħod taħseb dwarha bejnha u bejn ruħha. L-għaqda tagħha ma' Alla sabet il-qofol tagħha dakinhar tal-Assunzjoni tagħha, fejn il-kori tal-anġli daħħluha tgħammar għal dejjem fi ħdan it-Trinità Qaddisa. Fil-ferħ li jilma fl-għajnejn jixegħlu ta' Santa Marija għandna ħjiel ta' xi jħossu l-mistiċi!

Il-ħajja mistika hija wkoll "Marjana" mhux biss għax Marija hija dik li tiftħilna t-triq tal-esperjenza mistika u taqbadna minn idejna biex iddaħħalna f'din l-esperjenza profonda ta' Alla, imma wkoll għaliex bl-eżempju matern tagħha hija ssaħħarna u tqanqalna biex nixxennqu għal din l-esperjenza.

Hija x-xewqa tiegħi li nibqgħu ngħożżu d-devozzjoni Marjana bl-għan li ninbnew fi Knisja mistika. Nixtieq Knisja li twarrab il-karfa ta' fidi sentimentali, devozzjonali u maqtugħa mill-ħajja, filwaqt li tfittex tagħti prijorità lill-Kelma ta' Alla u tintensifika qatigħ il-ħajja tat-talb, speċjalment l-Adorazzjoni Ewkaristika. Nixtieq Knisja inqas "soċjoloġika" (Ivan Pojavik) li tintilef fuq dak li huwa estern, u iktar Knisja ta' ħajja interjuri u għalhekk temmen fil-qawwa tat-talb. Għal Santa Tereża ta' Avila, il-ħajja tat-talb hija l-esperjenza ta' Alla f'dak kollu li jgħaddi minnu l-bniedem u l-esperjenza tal-bniedem fl-esperjenza ta' Alla. Kif jgħid Bonhoeffer, fil-ħajja ta' Santa Tereża t-talb huwa dik l-għanja ħierġa fil-qalb ta' min qed jitlob fejn il-melodija *(cantus firmus)* hija l-imħabba ta' Alla u l-kontrapunt huwa l-imħabba lejn il-ħolqien, u għalhekk ma hemmx tensjoni bejn il-ħajja attiva u dik kontemplattiva.

Għandna grazzja kbira li fid-Djoċesi għandna "monasteru" ta' ħajja kontemplattiva. Għalkemm preżenza ħiemda, nemmen li s-sorijiet ta' Santa Klara huma eżempju u sejħa permanenti għalina biex nimxu f'din it-triq li twassal għal għaqda profonda ma' Alla. Nemmen li s-Santwarju Ta' Pinu wkoll huwa benniena ta' ħajja mistika. Min jista' jgħodd l-għadd ta' dawk il-persuni, Insara u mhumiex, li ġew f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu u din qabbdithom it-triq tal-mistiċiżmu – dawk li resqu għandha spiritwalment vojta jew mitfija u telqu minn quddiemha b'qalbhom ħuġġieġa taqbad bl-imħabba għal Alla u għall-proxxmu!

Qed jikber in-numru ta' dawk li jħossuhom mitlufin fil-ħajja tal-fidi u ma jarawx sens fil-ħajja sagramentali. Kif nistgħu naqsmu magħhom il-ferħ tal-Vanġelu? La bil-predikazzjoni astratta tad-domma u lanqas b'appelli moralistiċi, imma billi noffrulhom il-possibbiltà li jiltaqgħu ma' rġiel u nisa li jkunu għamlu esperjenza personali ta' Alla. Huwa għalhekk li n-Nisrani tas-seklu tagħna jew ser ikun mistiku jew ma jkun Nisrani xejn. Il-Knisja tal-lum jew ser tkun Knisja mistika jew tista' tagħlaq il-bibien. Nagħmel tiegħi kliem il-Papa Franġisku: "Is-soċjetà tagħna għandha bżonn tal-mistiċi – bnedmin li għandhom għal qalbhom l-imħabba u l-fraternità, bnedmin li huma lesti li jerfgħu ftit mit-tagħbija li qed ittaqqal lill-oħrajn. Mingħajr dawn il-persuni mistiċi m'hemmx tama għad-dinja" (*Udjenza*, 21 ta' Ġunju 2017).

Għalkemm għalikom jien Isqof, magħkom jien Nisrani. Għalhekk f'dan il-mument speċjali, bħala pellegrin u ragħaj, inqiegħed fi ħdan Ommna Marija din il-karba: li tgħinna nkunu mistiċi li ngħaqqdu l-fidi mal-ħajja ta' kuljum.

**Omelija fis-Solennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija**
*Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria, Għawdex*
*Il-Ħamis 15 ta' Awwissu 2019*

# X’qalu fuq ir-rivista KNISJA 2000

*Napprezza ħafna r-rivista Knisja 2000 u l-impenn tagħkom favur il-kultura tal-qari nisrani.*

**Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta’ Malta (1976-2006), 17-03-2008**

*Nuru l-apprezzament tagħna għall-ħidma li saret mill-editur u r-redazzjoni tar-rivista Knisja 2000, li tista’ titqies bħala patrimonju intellettwali tal-Provinċja Dumnikana Maltija.*

**Atti tas-46 Kapitlu Provinċjali tal-Provinċja San Piju V tal-Ordni tal-Predikaturi, Kunvent Ġesù Nazzarenu, Tas-Sliema, 22 ta’ Mejju – 12 ta’ Ġunju 2009**

*Ninnutaw b’sodisfazzjon il-livell serju li bih qiegħda tiġi ppubblikata r-rivista Knisja 2000 u nħeġġu lill-aħwa biex jaqrawha, jikkontribwixxu fiha u jxerrduha.*

**Atti tas-47 Kapitlu Provinċjali tal-Provinċja San Piju V tal-Ordni tal-Predikaturi, Kunvent Sidtna Marija tar-Rużarju ta’ Fatima, Gwardamanġa, 6-27 ta’ Settembru 2013**

*Ta’min ifaħħar il-pubblikazzjoni tar-rivista Knisja 2000 li ilha toħroġ għal dawn l-aħħar tletin sena. Hija inizjattiva li turi l-importanza li l-Provinċja tagħti lill-istudju u lill-formazzjoni mhux biss tal-aħwa iżda wkoll tal-poplu Malti. Inħeġġu biex aktar aħwa jikkontribwixxu għal din l-inizjattiva.*

**Atti tat-48 Kapitlu Provinċjali tal-Provinċja San Piju V tal-Ordni tal-Predikaturi, Kunvent Sidtna Marija tal-Għar, ir-Rabat, 9 ta’ Ġunju – 7 ta’ Lulju 2017**

*Grazzi ħafna tar-rivista Knisja 2000 u prosit tal-ħidma utiqa tagħkom u tal-bosta materjal interessanti u siewi li fiha.*

**Prof. Charles Briffa, għalliem-traduttur-kittieb, 23-11-2017**

*Grazie per la rivista Knisja 2000 che mi hai inviato. Fai proprio bene a tenere aperto il dialogo culturale a Malta.*

**Prof. Stefano Zamagni, President tal-Akkademja Pontifiċja tax-Xjenzi Soċjali u għalliem fl-Università ta' Bologna, 20-02-2018**

*Irċevejt l-aħħar ħarġa tar-rivista Knisja 2000 nru.125, li hi mżewqa b'artikli interessanti u ta' livell għoli.*

**Mons. Ġorġ Frendo OP, Arċisqof ta' Tirana-Durrës, Albanija, 27-08-2018**

*Grazie di cuore per l'invio del numero speciale della rivista Knisja 2000, curata dai Padri Domenicani di Malta e dedicata al Santo Papa Paolo VI. La publicazione verrà inserita nella biblioteca del nostro Centro Studi e messa a disposizione degli studiosi che le frequentano.*

**Don Angelo Maffeis, President tal-Istitut Pawlu VI, Brescia, 15-07-2019**

*Ippermettuli nfaħħar id-diversi proġetti, bħal dak imsejjaħ Knisja 2000, mill-Patrijiet Dumnikani li dan l-aħħar ġew f'idejja diversi ħarġiet tagħha. Ċertament hawn min qiegħed japprezza u jqassam tajjeb kitba li tissoda l-bniedem u s-soċjetà tagħna.*

**Onor. Dr Carmelo Mifsud Bonnici, avukat-politiku, 18-08-2019**

*Thank you for the publication of the journal Knisja 2000. It looks very interesting: excellent job.*

**Prof. Philip Larrey, kittieb u għalliem tal-Filosofija fl-Università Pontifiċja tal-Lateran, 23-12-2019**

*Grazzi immens tar-rivista Knisja 2000. Bdejt naqra l-kontributi li inkludejt u huma tassew informattivi u jiftħulek għajnejk. Prosit ta' servizz hekk professjonali.*

**Dr Louis Galea, avukat-politiku, 27-01-2020**

*Tajt daqqa t'għajn lir-rivista Knisja 2000 u bħal dejjem hija ta' ispirazzjoni.*

**Prof. John Baldacchino, kittieb u għalliem tal-Filosofija u l-Edukazzjoni fl-Università ta' Wisconsin-Madison, l-Istati Uniti, 30-03-2020**

*Irċevejt il-kopja tar-rivista Knisja 2000 nru.131 – edizzjoni ħelwa u kontenut interessantissimu u valida tassew.*

**Patrick Sammut, għalliem-kittieb-poeta, 13-04-2020**

*Nittama li nkun nista' nikkontribwixxi xi artiklu għall-pubblikazzjoni tar-rivista Knisja 2000, ferm siewja u ta' ħtieġa.*

**Dr Emmy Bezzina, avukat-xandar, 05-06-2020**

*Xtaqt ngħid prosit tal-ħarġa tar-rivista Knisja 2000 fuq il-Knisja u s-Sette Giugno (nru.132). Vera biċċa xogħol tajba ħafna.*

**Sergio Grech, xandar-kittieb-poeta, 06-06-2020**

*Nifraħ għall-livell għoli tan-numru tal-Knisja 2000 dwar is-Sette Giugno. Fost il-pubblikazzjonjiet l-aktar siewja li ħarġu dwar dan l-avveniment.*

**Dr Giovanni Bonello, imħallef-storiku-kittieb, 18-06-2020**

*Il-volumi tagħkom tar-rivista Knisja 2000 huma interessanti immens u ta' siwi kbir, u verament inħossni sodisfatt li b'xi mod nista' ngħin fl-apprezzament tagħhom.*

**Alfred Palma, kittieb-traduttur-poeta, 21-06-2020**

*Ir-rivista Knisja 2000, pubblikazzjoni dumnikana li toħroġ 4 darbiet fis-sena, dejjem tkun interessanti. Taqbad suġġett ta' interess u spiss ta' attwalità kbira u dduru dawra tond. Kittieba li jeżaminaw bejniethom il-lati kollha li jiġu minn dixxiplini differenti.*

**Dr Joseph Micallef Stafrace, avukat-kittieb, 21-06-2020**

*Grazzi u prosit dejjem għar-rivista Knisja 2000 – nammira dan ix-xogħol siewi.*

**Patri Ġwann Xerri OP – Promutur tal-ġustizzja u paċi tal-Ordni Dumnikan u missjunarju fil-Brażil**

# KONTRIBUTURI RIVISTA KNISJA 2000

## *Ħarġa Numru 133*

**Dorianne Buttigieg** hija miżżewġa u omm ta' żewġt itfal. Tgħallem l-Ingliż is-Seminarju Minuri. Hija studjat it-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta u bħalissa qed taħdem fuq id-Dottorat fl-Ekumeniżmu speċifikament fuq id-Djalogu bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi tal-Lvant. Dorianne tikkordina l-kors tat-Teoloġija fi ħdan l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali u hija s-segretarja tas-Soċjetà Patristika Maltija u membru tal-Kummissjoni Ekumenika fid-Djoċesi ta' Malta. Għamlet żmien twil tgħallem il-katekiżmu lit-tfal u lill-adolexxenti. Bħalissa hija l-koordinatriċi tal-katekeżi tal-ġenituri fi ħdan is-*Sunday School* tal-Mosta. Temi ta' interess għaliha jinkludu l-Ispiritwalità u l-Mistiċiżmu, l-Ekumeniżmu u t-Teoloġija Ortodossa.

**Mariella Catania** twieldet fis-16 ta' Settembru 1983 u għexet il-Fgura. Illum tgħix il-Mosta ma' żewġha Bernard u binhom Francesco. Hi gradwata fit-Teoloġija mill-Università ta' Malta u ilha għal dawn l-aħħar snin tgħallem ir-Reliġjon fl-iskola sekondarja ta' St Joseph f'Tas-Sliema. Hi tagħmel parti mill-Bord tal-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali fi ħdan id-djoċesi ta' Malta fejn f'dawn l-aħħar snin għallmet f'xi korsijiet ta' dan l-Istitut. Mariella hija wkoll għalliema tal-FEMM (Fertility Education and Medical Management) fejn tgħin nisa oħra jieħdu ħsieb saħħithom aħjar. Għandha għal qalbha ħafna l-formazzjoni tal-adulti u f'dawn l-aħħar snin kienet membru attiv tal-komunità taz-zona pastorali tas-Sgħajtar fin-Naxxar, b'mod partikulari fil-pastorali liturġika u kateketika.

**Dr Pauline Dimech** hija Lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u membru tas-Soċjetà tal-MUSEUM. Hija gradwat bil-Baċellerat fl-Edukazzjoni mill-Università ta' Malta, u immedjatament wara bdiet l-istudji tagħha fit-Teoloġija. Iktar tard studjat f'Heythrop College f'Londra. Fl-2015 hija kisbet id-Dottorat fit-Teoloġija Sistematika mill-Università ta' Durham fl-Ingilterrra permezz ta' teżi dwar l-awtorità tal-qaddisin fil-kitbiet ta' Hans Urs von Balthasar, riċerka li ġiet ippubblikata fl-Amerka fl-2017.

**Fr Joseph Ellul OP** twieled l-Imsida fl-1960. Ingħaqad mad-Dumnikani fl-1976 u ġie ordnat presbiteru fl-1985. Huwa kiseb il-Liċenzjat fl-Istudji Islamiċi mill-*Pontificio Istituto di Studi Arabi e d'Islamica* f'Ruma fl-1986. Wara Fr Ellul kompla l-istudji fil-*Pontificia Università San Tommaso d'Aquino* mnejn kiseb il-Liċenzjat

fit-Teoloġija Ekumenika fl-1987 u d-Dottorat fl-istess xjenza fl-1997. Fl-1988 huwa waqqaf ir-rivista Teoloġika u Kulturali *Knisja 2000* li baqa' jmexxi bħala editur sal-1993. Huwa qeda diversi uffiċċji kemm fl-Ordni Dumnikan, fl-Arċidjoċesi ta' Malta, u bħala Konsultur għall-Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu Inter-Reliġjuż fil-Vatikan (2007-13). Bħalissa huwa lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija u fid-Dipartiment tal-Istudji Orjentali fl-Università ta' Malta, fil-*Pontificio Istituto di Studi Arabi e d'Islamica* u fil-*Pontificia Università San Tommaso d'Aquino* f'Ruma. Ippubblika diversi kotba u artikli u ħa sehem f'diversi konferenzi u seminars barra minn Malta. Fl-2018 ingħata l-grad tal-Maġisteru fit-Teoloġija mill-Ordni Dumnikan għall-ħidma akkademika tiegħu. Bħalissa huwa l-Promutur Provinċjali tad-Djalogu Inter-Reliġjuż u qiegħed iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta.

**Peter Farrugia** huwa gradwat fit-Teoloġija u l-Klassiċi mill-Università ta' Malta. Huwa kompla l-istudji fl-Università ta' Cambridge bi speċjalizzazzjoni fil-letteratura mistika medjevali u r-relazzjoni bejn it-tisħiħ psiko-soċjali u l-ispiritwalità. Fil-preżent huwa jipprattika il-psikoterapija, fejn jaħdem ma' diversi gruppi, u qiegħed isegwi l-istudji għad-Dottorat fil-qasam tal-ispiritwalità, l-iżvilupp taż-żgħażagħ u l-kura mentali.

**Fr Raymond Gatt OP** twieled fil-Belt Valletta fl-1966. Huwa ssieħeb mad-Dumnikani fl-1983 u ġie ordnat presbiteru l-1993. Huwa studja l-Filosofija, is-Soċjoloġija u l-Psikoloġija (1986-89) u t-Teoloġija (1989-92) fl-Università ta' Malta u wara kompla l-istudju fit-Teoloġija fl-*Institut Catholique de Toulouse* fi Franza fejn kiseb il-liċenzjat fit-Teoloġija fl-1994. Huwa serva f'diversi uffiċċji fl-Ordni Dumnikan kemm f'Malta u anki għal xi żmien fl-Albanija. Huwa ilu editur tar-rivista Dumnikana *Knisja 2000* sa mill-1994. Bħalissa huwa qiegħed iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta.

**E.T. Mons. Mario Grech** twieled fil-Qala Għawdex fl-1957. Fl-1977 beda l-kors tal-Filosofija u iktar tard dak tat-Teoloġija fis-Seminarju ta' Għawdex. Wara li ġie ordnat saċerdot fl-1984 huwa ntbagħat Ruma fejn kiseb il-liċenzja fil-Liġi Kanonika u Ċivili fl-Università Pontifiċja tal-Lateran u wara d-Dottorat fl-istess xjenza mill-Università Pontifiċja ta' San Tumas t'Akwinu f'Ruma. Huwa ħadem fis-*Sacra Romana Rota* f'Ruma u meta rritorna f'pajjiżu ħadem kemm fit-Tribunal ta' Għawdex u ta' Malta. Fl-2004 sar kappillan tal-parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor f'Kerċem. Huwa ġie ordnat Isqof t'Għawdex fl-2006 u mexxa d-djoċesi għal erbatax-il sena. Fl-2019 ġie maħtur mill-Papa Franġisku bħala Pro-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet u membru tal-Kunsill Pontifiċju tal-Għaqda fost l-Insara.

**Dr Tyrone Grima** huwa lettur fl-Arti Performattiva fi ħdan l-MCAST. Jgħallem l-istess suġġett fl-Università ta' Malta kif ukoll fis-Sixth Form tal-Kulleġġ San Alwiġi. Dr Grima għandu Dottorat fit-Teoloġija fejn speċjalizza fl-ispiritwalità ta' Simone Weil. Għandu interess qawwi fil-konnessjoni bejn l-ispiritwalità u t-teatru. Grima huwa wkoll attiv fis-settur tad-drama lokali fejn idderieġa għadd ta' xogħlijiet teatrali.

**Fr Kevin Schembri** hu lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, u *visiting lecturer* fl-Istitut Pontifiċju Orjentali ġewwa Ruma. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università ta' Malta, u kiseb Liċenzjat u Dottorat fid-Dritt Kanoniku mill-Università Pontifiċja Gregorjana ta' Ruma. Huwa l-Assistent Ekkleżjastiku għas-Soċjetà tal-MUSEUM, u jagħti servizz fit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Bħala membru tal-Moviment Corpus Christi, assoċjazzjoni internazzjonali mwaqqfa minn Madre Tereża ta' Kalkutta għas-saċerdoti, jagħti seminars u rtiri lill-Missjunarji tal-Karità f'pajjiżi differenti.

**Papàs Prof. Martin R. Zammit** studja l-Għarbi, il-Grieg u l-Latin fl-Università ta' Malta u ħa d-Dottorat tiegħu mill-istess Università fl-Istudji Semitiċi bi speċjalizzazzjoni fl-Għarbi tal-Koran. Sa mill-2010, huwa l-kap tad-Dipartiment tal-Istudji Orjentali fl-Università ta' Malta fejn huwa wkoll responsabbli għall-programm tal-Istudji Għarbin. Il-pubblikazzjonijiet tiegħu jinkludu studju dwar il-lessiku Koraniku, krestomazija tal-ilsien Sirjak, traduzzjoni għall-Malti tal-Koran (flimkien mal-Imam Muhammad al-Saadi), u bosta studji komparattivi bejn l-ilsien Malti u d-djaletti Għarab. Fl-2017, huwa ġie ordnat qassis (papàs) tal-Knisja Griega-Kattolika ta' Santa Marija ta' Damasku fil-Belt Valletta.

Knisja elfejn

# Il-Volumi ppubblikati s'issa

1 L-Evanġelizzazzjoni (eżawrit)
2 Marija
3 Iż-Żwieġ u l-Familja (eżawrit)
4 Bioġenetika
5 L-Ewkaristija (eżawrit)
6 Iż-Żgħażagħ
7 It-Teoloġija tal-Liberazzjoni
8 Il-Lajċi
9 Reliġjon u Kultura
10 Ir-Reliġjużi
11 Is-Setet
12 Il-Papa jkellem lil Malta (eżawrit)
13 Il-Magħmudija
14 Il-Paċi
15 Il-Konfirmazzjoni
16 L-Adozzjoni
17 Il-Liturġija
18 Lejn Soċjetà Umana
19 Lejn Soċjetà Mġedda
20 Is-Sens Reliġjuż
21 Valuri Umani
22 Spiritwalità Nisranija
23 Soċjetà u Kristjaneżmu
24 L-Ordni Sagri
25 Iż-Żwieġ
26 Il-Qrar
27 Twemmin – Xandir – Xhieda
28 Fidi u Politika
29 Il-Familja
30 Knisja u Kultura
31 Id-Dilka tal-Morda
32 Is-Sesswalità Umana
33 Is-Sataniżmu (eżawrit)
34 Il-Bibbja
35 Il-Mewt
36 Il-Mara
37 Il-Festi
38 It-Tfulija
39 Il-Movimenti Ġodda fil-Knisja
40 Min hu Ġesù Kristu?
41 Il-Valur tax-Xogħol
42 Iż-Żgħożija
43 Ir-Reliġjonijiet
44 L-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja tan-Nisrani
45 It-Talb: Ilbieraħ u Llum
46 Il-Missjoni Dumnikana fl-Albanija
47 L-Anzjani fis-Soċjetà
48 Min hu Alla l-Missier?
49 L-Ispiritwalità Dumnikana
50 Kelmet Alla f'Ħajjet il-Bniedem
51 Il-Ħarsien tal-Ambjent
52 Il-Knisja: Oriġini u Żvilupp
53 Il-Bniedem u l-Isport
54 L-Eskatoloġija: Il-Ħajja Futura
55 L-Anġli: Simboli jew Realtà
56 L-Abort: il-Qtil tal-Innoċenti
57 It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja
58 L-Ekumeniżmu
59 L-Ewtanasja
60 Il-Parroċċa: Il-Komunità li Temmen
61 San Tumas ta' Akwinu:
Ilbieraħ u Llum
62 Il-Globalizzazzjoni:
Vantaġġi u Żvantaġġi
63 Sejħa – Dixxerniment – Missjoni
64 New Age u Movimenti oħra
65 Il-Konċilju Vat. II: Fejn Wasalna?
66 Il-Kloning: il-Qerda tal-Bniedem
67 L-Annimali fuq l-Aġenda Nisranija
68 Saħħa – Mard – Fejqan
69 Id-Droga: il-Pjaga ta' Żmienna
70 L-Islam: Fidi u Għajxien
71 L-Omosesswalità mil-Lenti Kristjana
72 Santu Wistin: Ħajtu u Ħidmietu

# Il-Volumi ppubblikati s'issa

73 Alkoħoliżmu u Logħob tal-Azzard
74 Knisja u Edukazzjoni
75 It-Tifsira taż-Żmien
76 San Pawl: l-Appostlu tal-Ġnus
77 Dnubiet Soċjali
78 Il-Prietka tal-Muntanja (Mt 5-7)
79 L-Istudju tat-Teoloġija
80 Il-Kruha tar-Razziżmu
81 Nistaqsi, Nemmen, Ngħix
82 Ġwanni Pawlu II, il-Kbir
83 It-Teżor tal-Ħbiberija
84 Reliġjon u Letteratura
85 Is-Sagramenti f'Ħajjitna
86 Theddid u Sfidi Dinjija
87 "Hu… li Ħalaq is-Sema u l-Art"
88 Insaħħu l-Familji Tagħna
89 Bioetika: l-Aħħar Żviluppi
90 Ir-Relazzjoni Fidi u Raġuni
91 Is-Saċerdozju Taħt il-Lenti
92 It-Tmexxija Demokratika Llum
93 Okkult u Sataniżmu: Fejn jiltaqgħu?
94 Marija ta' Nazaret: Ikona għal Ħajjitna
95 L-Ordni Dumnikan: Ilbieraħ u Llum
96 Il-Fenomenu tal-Migrazzjoni
97 San Ġorġ Preca: l-Ewwel Qaddis Malti
98 Il-Feminiżmu u l-Mara fis-Soċjetà
99 Il-Mużika Sagra fil-Mixja Nisranija
100 Lejn Evanġelizzazzjoni Ġdida
101 Il-Memorja tal-Olokawst (1939-45)
102 Ġurnaliżmu: Verità tal-Aħbar?
103 Id-Don u l-Pedagoġija tal-Fidi
104 Post il-Persuni b'Diżabilità fis-Soċjetà
105 Il-bżonn tal-mistrieħ u l-ħin liberu
106 Il-Quddiesa: storja, tifsira, għajxien
107 L-Evanġelju ta' Papa Franġisku
108 Noti fuq il-Poeżija Reliġjuża Maltija
109 Nemmen fil-Ħajja Eterna
110 Indiċi (Mejju 1988 – Diċ. 2014)
111 L-Isqof: Sejħa u Missjoni
112 Oscar Romero
113 Bibbja u Ċinema
114 Il-Ħidma tal-Iskular Bibliku fil-Knisja
115 Il-Ħniena t'Alla fil-Ħajja Nisranija
116 Id-Dumnikani: għas-servizz tal-bniedem
117 Vjolenza u Terroriżmu: Fejn sejrin?
118 L-Għerf tal-Papiet fl-Enċikliki
119 Madre Tereża
120 Il-Kultura Neo-Liberali
121 Il-Parabboli: Mir-Rakkont għall-Azzjoni
122 Il-Problema tal-Faqar
123 Luteru u r-Riforma
124 L-Isfida tal-Multikulturaliżmu
125 Ħarsa lejn Missirijiet il-Knisja
126 L-Etika fil-Politika
127 Wirt Pawlu VI
128 Ħsibijiet fuq id-*Divina Commedia*
129 Ħarsa lejn id-Dutturi tal-Knisja
130 Fuq l-Era Diġitali
131 L-Għajta ta' Ommna l-Art
132 Il-Knisja u s-Sette Giugno

# Inkomplu nibnu Knisja elfejn

Il-Provinċja Dumnikana Maltija fl-1988 bdiet inizjattiva ta' tagħlim nisrani għas-soċjetà Maltija permezz tal-volumi **Knisja 2000**. Il-Provinċja ta' dak iż-żmien, taħt it-tmexxija ta' Patri Pawl Cremona OP, illum Arċisqof Emeritu, kienet tenniet li dan għandu jkun strument biex jgħin fil-formazzjoni prattika u attwali tal-persuni kollha bil-għatx li jiskopru aktar kif jistgħu jgħixu l-kelma ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum quddiem sfidi li jitfaċċaw.

**Knisja 2000** żammet dan l-appuntament u llum qed nipproponu lilek biex inti tabbona f'din l-enċiklopedija ta' tagħlim nisrani magħmula minn volumi li kull darba jittrattaw suġġett ta' morali, teoloġija, fidi u issues soċjali li jfeġġu fis-soċjetà Maltija.

aqta' hawn ✂

## Applikazzjoni Abbonamenti

KOMUNIKAZZJONI DUMNIKANA

☐ Nixtieq nabbona fi Knisja 2000 **għal sena** bil-prezz ta' €12

☐ Nixtieq nabbona **għal tliet snin** bil-prezz ta' €26

☐ Nixtieq li tibgħatli dawn il-**back numbers** bil-prezz ta' €2.50 għal kull volum

Isem

Indirizz

Kodiċi Postali

Telefon E-mail

Back numbers li tixtieq:

**Ibgħat cheque lil: PROVINĊJA DUMNIKANA MALTIJA**
**Kunvent Patrijiet Dumnikani, Misraħ San Duminku, Rabat RBT 2521**